# Każijiet fil-Qosor 2024

**Uffiċċju tal-Ombudsman - MALTA**



OMBUDSMAN

**GĦALL-PERJODU TA'**
**JANNAR - DIĊEMBRU**
**2024**

Edizzjoni 44

# Każijiet fil-Qosor 2024

**Uffiċċju tal-Ombudsman - MALTA**



OMBUDSMAN

GĦALL-PERJODU TA'
JANNAR - DIĊEMBRU
2024

Edizzjoni 44

OMBUDSMAN

Indirizz: 11/12 Triq San Pawl, Valletta, VLT1210
Email: office@ombudsman.org.mt
Tel: +356 2248 3200, 2248 3216

L-Uffiċċju jkun miftuħ għall-pubbliku:

| | |
|---|---|
| Ottubru – Mejju | 08:30am – 12:00pm |
| | 01:30pm – 03:00pm |
| Ġunju – Settembru | 08:30am – 12:30pm |

**Website: www.ombudsman.org.mt**
**Facebook: Ombudsman Malta**

# Daħla



Din hija l-44 edizzjoni tal-pubblikazzjoni li fiha tiġbor każijiet fil-qosor ippubblikati mill-Uffiċċju tal-Ombudsman minn meta twaqqfet din l-istituzzjoni permezz tal-Att dwar l-Ombudsman (Att XXI tal-1995 – Kapitolu 385 tal-Liġijiet ta' Malta).

Din il-pubblikazzjoni tiffoka fuq l-investigazzjonijiet ewlenin li tweqqu mill-Uffiċċju matul it-tnax-il xahar tal-2024. Dan ix-xogħol jiġbor fih kollezzjoni magħżula ta' 36 każ li ġew trattati, investigati u konklużi mill-Uffiċċju tal-Ombudsman. Il-ġabra ta' każijiet hija mfassla biex tilħaq firxa wiesgħa ta' qarrejja. Din l-edizzjoni tħaddan fiha sensiela estiża ta' lmenti, li huma ta' interess sinifikanti kemm għall-pubbliku ġenerali kif ukoll għall-entitajiet pubbliċi. Il-ħidma telenka fil-qosor l-investigazzjoni, il-kwistjonijiet ewlenin li ġew identifikati, u l-eżitu dwarhom li huwa spjegat b'mod sempliċi li jista' jifhem u jiġi kkunsidrat minn kulħadd, inkluż meta jiġu magħmula-rakkomandazzjonijiet.

Fuq livell aktar wiesgħa, nixtieq intenni li l-Każijiet fil-Qosor 2024 jgħinu lill-qarrej japprezza aħjar il-ħtieġa għal governanza tajba fis-servizz pubbliku u fil-prattiċi tal-amministrazzjoni pubblika. Meta ssir investigazzjoni mill-Ombudsman m'għandhiex titqies bi stmerrija u b'reżistenza iżda għandha tiġi trattata bħala ħolqa mill-kantina tal-kontabilità. Permezz tal-Każijiet fil-Qosor, u fir-rwol tiegħu bħala dak li jagħmel reviżjoni u monitoraġġ estern tal-azzjonijiet tas-servizz ċivili u tal-amministrazzjoni pubblika, l-Uffiċċju tal-Ombudsman jista' jistimula u jixpruna lill-entitajiet pubbliċi biex jaddottaw, idaħħlu u jistabbilixxu (fejn ma hemmx) jew isaħħu (fejn diġà jeżistu) proċeduri interni ta' kontroll ta' kwalità inkluż permezz ta' taqsimiet effettivi ta' reviżjoni interni tal-ilmenti.

L-Uffiċċju huwa tal-fehma li l-entitajiet pubbliċi għandhom jużaw din il-pubblikazzjoni bħala għodda ta' tagħlim u bħala mezz biex jinvolvu ruħhom aħjar, b'mod ekwu u b'mod aktar effiċjenti mal-pubbliku u jindirizzaw b'mod effettiv it-

tħassib u l-ilmenti tagħhom. Il-Każijiet fil-Qosor jistgħu b'mod realistiku jgħinu lill-entitajiet pubbliċi jgħollu l-istandards tagħhom ta' governanza tajba u jevitaw ukoll li jkunu fuq in-naħa il-ħażina tar-rapport tal-Ombudsman. Billi jgħollu l-istandards tagħhom, l-entitajiet pubbliċi jkunu mgħammra aħjar biex huma stess ikunu f'qagħda li jikkoreġu il-metodi u l-proċeduri adottati minnhom. Il-kontenut din il-pubblikazzjoni jista' wkoll jiġi adottat internament mill-entitajiet pubbliċi fil-kumpilazzjoni ta' manwali tal-ħaddiema bi sforz biex juru lill-impjegati tagħhom x'għandhom jagħmlu, u speċjalment dak li *m'għandhomx* jagħmlu.

Nixtieq nesprimi l-apprezzament u l-gratitudni tiegħi lil dawk kollha fl-Uffiċċju tal-Ombudsman li kienu involuti fil-finalizzazzjoni u l-pubblikazzjoni Każijiet fil-Qosor 2024.

**Imħallef Emeritus Joseph Zammit McKeon**
**Ombudsman Parlamentari**

**Nota:** Dawn il-każijiet fil-qosor jagħtu stampa tal-ilmenti li jiġu ikkunsidrati mill-Ombudsman u l-Kummissarji. L-għan tagħhom hu li jservu ta' informazzjoni biex jinwerew il-prinċipji ġenerali u l-mod li bih l-Ombudsman jitratta kwsitjonijiet partikolari.

F'dawn ir-rapporti, it-termini 'hu/hi' mhux intenzjonati li jidentifika l-persuna li ressaq l-ilment kinitx mara jew raġel. Dan il-kummenti qiegħed isir sabiex titħares kemm jista' jkun l-anonimità ta' min ressaq l-ilment.

# Contents

**Daħla................................................................................................3**

**Ombudsman Parlamentari.......................................................................9**

1. Proċeduri ta' notifika ineffiċjenti meta vettura tiġi rmonkata......................... 10
2. Vettura tiġi rmonkata minħabba żball amministrattiv tal-Kunsill Lokali ....... 14
3. Regoli applikabbli għal vetturi li qed jinstaqu f'Malta u li huma proprjetà ta' ċittadini Maltin iżda reġistrati barra minn Malta ....................... 19
4. Nuqqas ta' azzjoni xierqa dwar in-nuqqas ta' trasferiment tarreġistrazzjoni tal-vettura ..................................................................... 23
5. Trasferiment ta' Permess Temporanju ta' Irmiġġ ........................................... 31
6. Applikazzjoni w interpretazzjoni mhux korretta dwar il-kriterji tal-eliġibilità .................................................................................. 34
7. Nuqqas ta' koordinament f'Konċessjoni Pubblika.......................................... 44
8. Prattiċi li jimponu tariffi skont il-lokazzjoni ġeografika jiġu meqjusa inġusti ...................................................................... 52
9. Dmirijiet ta' riserva mhux rikonoxxuti għall-għoti tal-midalja ....................... 56
10. Għandha tingħata attenzjoni lill-kriterji tal-eliġibilità u tal-għażla ............... 58
11. L-ebda ksur tad-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja..................... 64
12. Id-Due diligence mill-awtoritajiet tat-taxxa kienet ġusta u korretta ............... 66
13. Rakkomandazzjonijiet mhux implimentati: Opinjoni finali dwar il-policy marbuta mal-ħlas tan-noll tal-vapuri għal persuni ta' 60+ li mhumiex Maltin ......................................................................... 68

**Kummissarju għall-Edukazzjoni..........................................................73**

1. Promozzjoni mogħtija wara li l-Qorti kkonfermat is-sejbiet tal-Ombudsman .................................................................. 74
2. Jiġu allegati prattiċi mhux ekwi fil-valutazzjoni ta' *practicums* ...................... 77
3. Il-Parċmini Formali tal-Gradwazzjoni - rifjut li jinħarġu skont il-kunjom attwali (ta' xebba)............................................................................... 79
4. Tkeċċija travisata tal-Prinċipal u s-CEO tal-Kulleġġ Malti għall-Arti, ix-Xjenza u t-Teknoloġija............................................................................ 80
5. Nuqqas ta' ġustizzja fil-proċess ta' reklutaġġ fl-MCAST ................................. 82

6. Prattika diskriminatorja kontra membri ta’ union fis-settur tal-edukazzjoni ........ 85
7. Investigazzjoni dwar żjarat fl-iskejjel minn kandidati prospettivi għall-elezzjoni ........ 88
8. Il-Bord tal-Appelli tal-MQRIC tħalla mhux kostitwit u mhux qed jiffunzjona ........ 93

**Kummissarju għall-Ambjent u l-Ippjanar ........ 96**
1. Appell minn terzi kontra r-regolarizzazzjoni ta’ żvilupp ........ 96
2. Revoka ta’ permess għar-regolarizzazzjoni ........ 97
3. Ma tittieħed l-ebda azzjoni kontra irregolaritajiet ........ 99
4. Applikazzjoni tal-ippjanar attivata mill-ġdid wara li kienet irtirata ........ 101
5. Azzjoni kontra ħanut irregolari għat-tiswija tal-muturi ........ 103
6. Permessi għal stalel ........ 105
7. Xkiel fl-Aċċess ta’ għalqa ........ 114
8. Bini ta’ triq ġdida fil-Mellieħa ........ 115
9. L-użu rikreattiv tal-Bajja tal-Mellieħa ........ 116

**Kummissarju għas-Saħħa ........ 119**
1. Jiġi żgurat it-trattament xieraq tal-ADHD meta jsir bdil ta’ prodott tal-Methylphenidate minn wieħed tad-ditta għal dak ġeneriku ........ 120
1. Meta l-infertilità titlob kura speċjalizzata barra minn xtutna: jiġi żgurat trattament ugwali fis-sistema tal-kura tas-saħħa f’Malta ........ 122
2. Meta l-ispiża biex tingħata opinjoni oħra barra l-pajjiż tinqasam bejn il-partijiet: każ ta’ nuqqas ta’ komunikazzjoni ċara dwar każ li ġie riferut għal konsulta barra minn Malta ........ 126
3. Tiġi żgurata ekwità fit-Trattament tal-IVF: ebda distinzjoni fil-ħlasijiet lura għall-medikazzjoni bejn il-Kura Pubblika u dik Privata ........ 129
4. Żieda fit-trapjanti tal-kornea permezz ta’ akkwist barrani ........ 131
5. Jiġi żgurat aċċess ekwu għal Monitors tal-Glucose fid-Demm għal pazjenti dijabetiċi ........ 133

# Ombudsman Parlamentari

KAŻIJIET FIL-QOSOR



**LESA**

# Proċeduri ta' notifika ineffiċjenti meta vettura tiġi rmonkata

**L-ilment**
Il-vettura ta'' persuna li ressaq l-ilment ġiet irmonkata fit-22 ta' Marzu 2023 f'12:35 ta' waranofsinhar. Sid il-vettura stqarr li minkejja li kien irreġistra mal-online portal tal-LESA (Local Enforcement System Agency), huwa ma ġiex infurmat qabel ma ġiet irmonkata l-vettura, li dik il-karozza kienet ser titneħħa. L-istess individwu lanqas ma ġie nnotifikat bl-azzjoni ta' rmonk. Hekk kif ma sabx il-vettura fl-ispazju tal-parkeġġ tagħha, min ilmenta mar l-Għassa tal-Pulizija tal-lokal biex jitlob li jingħata informazzjoni iżda qalulu biss illi ma kienx hemm rapporti dwar il-vettura tiegħu. Kien biss fit-tielet jum ta' meta l-individwu li ressaq l-ilment reġa' għal darb'oħra mar l-Għassa, illi ġie infurmat li l-vettura kienet ġiet irmonkata. Huwa mar biex jiġbor il-vettura tiegħu u ħallas total ta' €260 (€200 multa għall-irmonk flimkien ma' €60 spejjeż għall-ħażna) biex seta' jingħata lura l-vettura tiegħu.

L-individwu li lmenta appella l-impożizzjoni tal-multa flimkien mal-ispejjeż li weħel tal-ħażna permezz tal-mekkaniżmu tal-appell intern tal-LESA. L-appell tiegħu, madankollu, ġie miċħud mil-LESA. Ladarba ma kienx sodisfatt bir-riżultat, huwa rrikorra għall-helpline tal-LESA biex jiddetermina għaliex ma ġiex notifikat qabel ma twettqet l-azzjoni tal-irmonk. Min-naħa tagħhom ġie infurmat li skont l-IT logs, huwa naqas milli jtemm sewwa l-proċess online li permezz tiegħu l-LESA tingħata l-kunsens biex tikkuntattjah.

L-individwu li lmenta ħass li ma kienx sodisfatt bir-riżultat tal-appell intern u bl-ispjegazzjoni mogħtija dwar l-online portal u pproċeda biex iressaq ilment ma' dan l-Uffiċċju. Sostna li l-vettura tiegħu ġiet irmonkata b'mod inġust u barra minn hekk weħel spejjeż addizzjonali għall-ħażna mingħajr ħtija. Hu insista li peress li kien issevja s-settings tiegħu wara li mmarka l-kaxxa tal-kunsens fuq l-online portal,

m'għandux jiġi penalizzat għal xi difett jew 'glitch' li seta' kellha s-sistema online, li naqas milli jirreġistra l-imsemmija settings.

**Il-fatti**

***L-Irmonk***

Dan l-Uffiċċju ngħata prova li kkonfermat li kienu twaħħlu avviżi xierqa f'post prominenti fiż-żona in kwistjoni 48 siegħa qabel ma ttieħdet l-azzjoni tal-irmonk. Peress li l-individwu li ressaq l-ilment ipparkja l-vettura tiegħu fiż-żona tal-irmonk u għalhekk kien ipparkjat illegalment, it-tneħħija tal-vettura kienet leġittima.

***Spejjeż tal-Ħażna***

Dan l-Uffiċċju talab li jiġi pprovdut bil-lista tal-proċeduri ta' notifika adottati fil-każijiet meta s-sidien tal-vetturi ma jkunux reġistrati mal-online portal tal-LESA. Fit-tweġiba ġie infurmat li fejn il-vetturi ma jinġabrux mis-sid, l-Aġenzija tipproċedi biex tippubblika avviż fil-Gazzetta tal-Gvern jew fil-websajt tal-Aġenzija, skont l-Artikolu 7 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.13 (Regolamenti dwar l-Iklampjar u t-Tneħħija ta' Vetturi bil-Mutur u Oġġetti ta' Ingombru), tinforma lill-pubbliku bl-azzjoni ta' rmonk u b'mod partikolari tiddeskrivi l-vettura rmonkata, minn fejn il-vettura ġiet irmonkata, liema aġenzija tal-infurzar wettqet l-azzjoni ta' rmonk u fejn tinsab maħżuna l-vettura. Barra minn hekk, sabiex tiżgura li min hu kkonċernat jiġi nnotifikat bl-azzjoni ta' rmonk, il-LESA tieħu ħsieb li:

1. tinforma lill-klijenti reġistrati dwar il-vetturi rmonkati permezz ta' SMS (meta dawn jipprovdu n-numru ta' kuntatt tagħhom), fi żmien sagħtejn minn meta l-vettura tiġi rmonkata;
2. immedjatament wara li jsir l-irmonk, tressaq rapport lill-pulizija, sabiex l-informazzjoni tiġi ċċirkolata; u
3. meta l-vetturi jibqgħu ma jinġabrux, jintbagħtu ittri lis-sidien fejn jintalbu biex jiġbru l-vetturi tagħhom.

Dan l-Uffiċċju staqsa jekk fil-każ tal-individwu li ressaq l-ilment kienx ġie ippubblikat avviż kif deskritt fir-Regolament 7 imsemmi hawn fuq, fuq il-websajt tal-entità jew fil-Gazzetta tal-Gvern. Fir-risposta ġie infurmat li ma ġie ppubblikat ebda avviż bħal dan peress li l-vettura kienet inġabret mis-sid.

Fir-rigward tar-rapport tal-pulizija, għal xi raġuni jew oħra, meta l-individwu li lmenta mar jistaqsi fl-Għassa tal-Pulizija lokali, hu stqarr li ma seta' jinstab ebda

rekord tal-imsemmi rapport. Tabilħaqq, jidher li r-rapport instab jumejn wara. Dan l-Uffiċċju josserva li l-għan li l-LESA tagħmel l-imsemmi rapport kien li tipprovdi l-informazzjoni dwar l-azzjoni ta' rmonk disponibbli b'mod faċli – li b'mod ċar jidher li ma kienx il-każ. Bħala riżultat ta' investigazzjoni fuq kwistjoni separata, dan l-Uffiċċju ġie infurmat li se tiġi stabbilita sistema akt ar simplifikata, komuni għall-każijiet kollha ta' rmonk, biex tinforma lis-sidien tal-vetturi bil-possibbiltà u l-metodu ta' appell (għall-imsemmija azzjoni).

Dwar dak li għandu x'jaqsam mar-reġistrazzjoni, dan l-Uffiċċju osserva li hemm ħafna nies li għal diversi raġunijiet jagħżlu li ma jirreġistrawx id-dettalji tagħhom mal-online portal tal-LESA, oħrajn li ma jistgħux jagħmlu dan minħabba kwistjonijiet relatati mal-litteriżmu informatiku. Ġie nnutat li kif inhuma l-affarijiet illum, għal dawk is-sidien ta' vetturi mhux reġistrati li jagħmlu użu mit-toroq tagħna, l-għażliet ta' notifika huma tant ineffiċjenti li jkunu ineffettivi –kif intwera b'mod ċar f'dan il-każ. Id-dewmien fin-notifika ta' azzjoni ta' rmonk huwa ta' żvantaġġ għas-sidien tal-vetturi – aktar ma jtul id-dewmien, iktar ikunu għoljin l-ispejjeż dovuti għall-ħażna. F'dan il-każ in-nuqqas ta' notifika jew tabilħaqq l-informazzjoni disponibbli fil-pront dwar l-azzjoni ta' rmonk, wassal sabiex l-individwu li lmenta weħel spejjeż għall-ħażna bir-rata ta' €15 kuljum li swewh total ta' €60 u barra minn hekk kien imċaħħad mill-użu tal-vettura tiegħu għal 4 t'jiem.

Dwar l-aspett tal-IT, dan l-Uffiċċju ngħata l-istess informazzjoni li kienet mogħtija lill-individwu li ressaq l-ilment, jiġifieri li naqas milli jlesti l-proċess biex jaġġorna l-account tiegħu li jagħti l-kunsens lil-LESA biex jikkuntattjawh. Dan l-eżitu seta' wassal għal żewġ xenarji possibbli jiġifieri: a) li minħabba l-allegat 'glitch'/difett, l-aġġornament ma ġiex irreġistrat; jew b) li bi żvista, naqas milli jlesti l-proċess ta' aġġornament. Min ilmenta naqas milli jipprovdi prova konkreta biex tissostanzja l-argument tal-'glitch'. Dan l-Uffiċċju ma setax jiddetermina jekk il-kwistjoni nqalgħetx minħabba nuqqas ta' 'sinjali' kif suppost jew minħabba nuqqas ta' konvenjenza jew prattiċità ġenerali għal min qed jagħmel użu mill-websajt jew għal xi raġuni oħra. Jidher, madankollu, li żgur hemm lok għal titjib fl-użu ġenerali tal-portal.

**Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

Mill-investigazzjoni tiegħu, l-Uffiċċju ħareġ il-konklużjonijiet dwar it-tliet aspetti tal-ilment li qed jiġu elenkati hawn taħt:

1) **L-Azzjoni ta' rmonk**: dan l-Uffiċċju qies li l-azzjoni ta' rmonk kienet leġittima u għalhekk ma ġiex identifikat ebda att ta' amministrazzjoni ħażina.
2) **Rati ta' ħlas għall-ħażna/Spejjeż marbuta mal-ħażna**: il-proċedura ta' notifika adottata 'fuq il-post' f'dan il-każ kienet kompletament ineffettiva u din wasslet sabiex jiġu inposti spejjeż inġusti marbuta mal-ħażna tal-vettura tal-persuna li lmentat. L-effett tal-ineffiċjenzi tal-amministrazzjoni pubblika m'għandux jinġarr minn min jagħmel użu mit-triq. Barra minn hekk, din id-distinzjoni reali bejn il-persuni reġistrati u dawk mhux reġistrati hija inġusta u diskriminatorja b'mod mhux xieraq fil-konfront tal-persuni mhux irreġistrati. Dan l-Uffiċċju, għalhekk, irrakkomanda li:
   a) l-individwu li lmenta jingħata lura l-ħlas tal-ispejjeż tal-ħażna; u
   b) jiġu riveduti l-proċeduri ta' notifika għall-persuni mhux reġistrati biex jiġu eliminati l-ineffiċjenzi u biex dawk reġistrati u dawk li mhumiex irreġistrati jitpoġġew fl-istess keffa.
3) **Online Portal**: dan l-Uffiċċju jirrakkomanda li l-proċess ta' reġistrazzjoni onlajn jiġi rivedut sabiex jiġu evitati li kwistjonijiet bħal dawk esperjenzati mill-individwu li lmenta għaldaqstant ma jerġgħux iseħħu.

**L-eżitu**

L-individwu li ressaq l-ilment ingħata lura s-€60 mħallsin għall-ħażna. Il-LESA, madankollu, oġġezzjonat għall-idea li kienet qed tiddiskrimina bejn is-sidien tal-vetturi. L-entità informat lil dan l-Uffiċċju li kienet wettqet eżerċizzju promozzjonali sinifikanti fuq diversi pjattaformi tal-midja u f'avvenimenti oħra sabiex tinforma lill-pubbliku dwar l-għażla li jissieħbu fil-Portal tal-LESA u l-vantaġġi marbutin ma' din l-opzjoni. L-Aġenzija sostniet li filwaqt li kulħadd għandu l-istess opportunità li jinkludi ismu fil-Portal, jekk din l-opportunità titteħidx jew le hija f'idejn l-individwu.

**LESA**

# Vettura tiġi rmonkata minħabba żball amministrattiv tal-Kunsill Lokali

**L-ilment**

Nhar is-Sibt 22 ta' Lulju 2023 il-persuna li ressqet l-ilment, ipparkjat il-vettura tagħha f'żona ta' parkeġġ riservata għall-klijenti ta' stabbiliment kummerċjali. Hija kienet taħdem f'dan l-istabbiliment stess u pparkjat proprju qabel ma beda x-xift tagħha ta' 7.5 siegħa. Hija ntebħet illi kien hemm diversi posters li twaħħlu mal-ħajt mad-dawra taż-żona tal-parkeġġ li kienu jindikaw li aktar tard matul il-jum kellha ssir attività mużikali. Hija ħadet nota wkoll tal-avviżi ta' 'tow zone' imwaħħla b'mod simili mal-ħajt mad-dawra tal-parkeġġ li avżaw li ż-żona tal-parkeġġ kienet se tinbidel f'waħda ta' 'tow zone' mis-7 ta' filgħaxija 'l quddiem. Peress li x-xift tal-persuna li lmentat kellu jintemm fit-3.30 ta' waranofsinhar, hija pparkjat il-vettura hemmhekk. Madanakollu ġara illi malli spiċċat mix-xift tagħha, sabet sorpriża għaliex ġiet infurmata minn uffiċjal tal-LESA li kien hemm tibdil fis-sigħat li fihom kien ristrett l-ipparkjar li wassal biex tinbidel iż-żona tal-parkeġġ f'waħda ta' 'tow zone' aktar kmieni matul il-ġurnata, bil-konsegwenza li l-vettura tagħha ġiet irmonkata 30 minuta qabel il-wasla tagħha. Għalhekk hija ħallset il-multa u ħadet lura l-vettura.

Hi appellat permezz tal-mekkaniżmu ta' appell intern tal-LESA iżda dan ġie miċħud b'ittra tat-23 ta' Awwissu 2023. Peress li l-persuna li lmentat ma kinitx sodisfatta bl-eżitu, ressqet ilment ma' dan l-Uffiċċju fejn sostniet li l-azzjoni meħuda biex isir l-irmonk tal-vettura tagħha kienet waħda inġusta għall-aħħar.

**Il-fatti**

Skont il-prattika ta' dan l-Uffiċċju saru talbiet għall-informazzjoni lill-Ministeru responsabbli għall-Affarijiet Interni (il-Ministeru), lil-LESA (l-Aġenzija) u lill-Kunsill

Lokali kkonċernat. Dan l-Uffiċċju ġie informat li l-bidla fl-istatus tal-parkeġġ kien 'tħabbar' permezz ta' avviż fil-Gazzetta tal-Gvern li ġie ippubblikat fis-27 ta' Ġunju li kien jgħid hekk:

"***Sospensjoni ta' Traffiku u Parkeġġ***

*Il-Kunsill Lokali ....... jgħarraf li mill-Ġimgħa, 21 ta' Lulju, 20023, mis-7:00 p.m., sas-Sibt, 22 ta' Lulju, 2023 il-ġurnata kollha sa nofsillejl, ħadd ma jista' jipparkja fil-parkeġġ tal-faċilita ta' [stabbiliment kummerċjali].*"

L-Aġenzija sostniet li l-avviż li kien jipprovdi informazzjoni differenti minn dak li qrat il-persuna li ressqet l-ilment ukoll kien twaħħal fuq is-sit.

L-Aġenzija qalet li fuq il-post twaħħal ukoll avviż li kien jipprovdi informazzjoni differenti minn dik innotata mill-persuna li lmentat. Dan l-Uffiċċju kien ipprovdut b'ritratt mhux ittimbrat bil-ħin u d-data li wera l-imsemmi avviż imwaħħal ħdejn il-flyer tal-avveniment. Dan l-avviż kien juri li t-'tow zone' kienet ser tiġi fis-seħħ mis-sagħtejn ta' waranofinhar sa nofsillejl tat-22 ta' Lulju 2023. Dan l-Uffiċċju staqsa jekk dawn l-avviżi twaħħlux hemmhekk 48 siegħa qabel l-irmonk tal-vettura ta' min ressaq l-ilment. L-Uffiċċju ġie infurmat li ladarba l-avviż ġie ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern dan ir-rekwiżit spiċċa u ma baqax meħtieġ.

Dan l-Uffiċċju jagħmel referenza għall-Artikolu 52 tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta) li jgħid hekk:

"*(1) Il-Kummissarju tal-Pulizija jkollu s-setgħa li jagħmel ordnijiet b'avviż fil-Gazzetta, biex jikkontrolla, jillimita jew jipprojbixxi temporanjament il-passaġġ jew twaqqif ta' vetturi ta' kull ġens minn xi triq jew fiha fl-okkażjoni ta' purċissjonijiet, ċerimonji reliġjużi jew festi jew ċelebrazzjonijiet pubbliċi oħra, jew f'dak li għandu x'jaqsam ma' tiswija ta' triqat, tqegħid ta'drenaġġ jew kanni tal-ilma u xogħlijiet oħra; sinjali għandhom jitqegħdu kif hu xieraq sabiex juru l-projbizzjoni jew limitazzjonijiet oħra, kemm-il darba ma jkunx hemm uffiċjal tal-Pulizija biex imexxi t-traffiku.*

(2) *Dik is-setgħa tista' wkoll titwettaq mill-Awtorità għat-Trasport f'Malta f'dak li għandu x'jaqsam ma' tiswija ta' triqat, tqegħid ta' drenaġġ jew tal-ilma u xogħlijiet oħra; sinjali għandhom jitqegħdu kif hu xieraq sabiex juru*

*l-projbizzjoni jew limitazzjonijiet oħra, kemm-il darba ma jkunx hemm uffiċjal tal-Pulizija biex imexxi t-traffiku."*

Dan l-Uffiċċju jinnota li din is-'setgħa' tingħata esklussivament lill-Kummissarju tal-Pulizija u lil Transport Malta u tapplika biss f'ċerti sitwazzjonijiet speċifiċi – il-liġi tidher li tipprovdi lista speċifika li fiha ma tinkludix 'spettakli pubbliċi'. Barra minn hekk, ma jissemmew l-ebda Kunsilli Lokali. Meta ġew mitluba sabiex jipprovdu r-referenzi għad-dispożizzjonijiet legali li jestendu l-istess setgħat lill-Kunsilli Lokali, il-Ministeru u l-Kunsill Lokali naqsu milli jagħmlu dan. Il-Kunsill iżda informa lil dan l-Uffiċċju li l-kunċert, peress li kien avveniment ta' darba, kien jeħtieġ permess skont ir-Regolamenti tal-Kunsilli Lokali.

Dan l-Uffiċċju bagħat lill-Kunsill ir-ritratti li juru l-avviżi konfliġġenti taż-żoni tal-irmonk li twaħħlu fuq is-sit. Dan l-Uffiċċju ġie infurmat li l-attività in kwistjoni kienet organizzata mill-Kunsill Lokali stess. Min-naħa tiegħu l-Kunsill spjega li kien waħħal numru ta' tabelli 'tow zone' fuq il-post b'dati u ħinijiet speċifiċi, 48 siegħa qabel l-imsemmi avveniment u mhux, kif intqal, fl-aħħar minuta. Madanakollu, il-Kunsill naqas li jagħti spjegazzjoni għaliex fuq il-post instabu avviżi differenti u konfliġġenti (kif ipprovat permezz tar-ritratti mogħtija).

**Kunsiderazzjonijiet**

Mill-investigazzjoni li saret minn dan l-Uffiċċju ġew identifikati żewġ kwistjonijiet ewlenin – l-ewwel waħda hija dik li tittratta l-effett tal-avviż tal-Gazzetta tal-Gvern u t-tieni hija dwar l-avviżi li twaħħlu fuq il-post dakinhar li ttieħdet l-azzjoni għall-irmonk tal-vettura.

Fir-rigward tal-ewwel kwistjoni, il-Kunsill Lokali nnotifika lill-pubbliku permezz ta' avviż ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern fis-27 ta' Ġunju li l-faċilità tal-parkeġġ kienet ser tkun magħluqa mill-Ġimgħa, 21 ta' Lulju 2023 bejn is-sebgħa ta' filgħaxija u nofsillejl tas-Sibt, 22 ta' Lulju 2023. Filwaqt li l-Kummissarju tal-Pulizija/Trasport Malta jista' b'avviż fil-Gazzetta **jordna** restrizzjonijiet fejn jidħol l-aċċess tal-vetturi, jidher li ma hemm ebda dispożizzjoni legali li tagħti setgħa simili lill-Kunsill Lokali. Il-pubblikazzjoni ta' avviż mill-Kunsill Lokali m'għandhiex l-istess effett ta' ordni.
L-avviżi li twaħħlu mal-ħajt mad-dawra tal-parkeġġ kienu juru biċ-ċar li fil-ħin li s-sewwieqa ipparkjat l-vettura ma kien hemm l-ebda restrizzjoni sas-sebgħa ta'

filgħaxija. Il-persuna li ressqet l-ilment infurmat lil dan l-Uffiċċju li kien proprju l-uffiċjal tal-LESA li kien fuq il-post li qalilha, meta marret għall-vettura tagħha u skopriet li din kienet ġiet irmonkata, li s-sigħat ristretti għall-parkeġġ kienu nbidlu. Il-Kunsill ċaħad li saret din il-bidla u spjega li poġġa l-avviżi dwar iż-żona tal-irmonk fuq il-post 48 siegħa qabel il-bidla fl-istat taż-żona. Din id-dikjarazzjoni ma tiċħadx il-fatt li fuq il-post instabu avviżi konfliġġenti dwar iż-żoni tal-irmonk – kif jixhdu r-ritratti mogħtija lil dan l-Uffiċċju. Hawnhekk wieħed josserva li ma jkunx raġonevoli li wieħed jistenna u jippretendi li s-sidien/sewwieqa tal-vetturi jiċċekkjaw numru ta' avviżi biex jiżguraw li kollha javżaw l-istess ħaġa. Anke jekk għall-finijiet tal-argument individwu ċċekkja l-avviżi kollha, hemm il-mistoqsija dwar liema avviż għandu jiġi segwit peress li ma hemm l-ebda data tal-ħruġ fuq l-avviżi msemmija. Irrispettivament minn x'kienet is-sitwazzjoni, jidher ċar li l-persuna li lmentat kienet tinsab f'sitwazzjoni impossibbli, li għaliha ma kellha ebda ħtija u li wasslet biex il-vettura tagħha tiġi rmonkata intortament.

**Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

Wara li temm bl-investigazzjoni tiegħu, il-konklużjonijiet ta' dan l-Uffiċċju dwar iż-żewġ kwistjonijiet identifikati huma elenkati hawn taħt:

a) Ma tressaq ebda argument legali konvinċenti mill-awtoritajiet li juri li avviż ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern mill-Kunsill Lokali huwa l-istess għal dak ta' ordni ppubblikata mill-Kummissarju tal-Pulizija skont l-Artikolu 52 tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta). Dan l-Uffiċċju, għalhekk, ma setax jaċċetta l-argument imressaq mill-Ministeru li l-avviż ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern jingħata preċedenza fuq l-avviżi li sussegwentement jitqiegħdu fuq il-post.

b) L-investigazzjoni wriet li kien hemm żball amministrattiv ovvju li ta lok li jkun hemm verżjonijiet differenti u konfliġġenti tal-istess avviż li tpoġġew fuq il-post, u dan wassal biex il-vettura tal-persuna li lmentat ġiet irmonkata b'mod inġust. Dan l-Uffiċċju, għalhekk irrakkomanda li l-multa imħallsa għall-irmonk tingħata lura lill-persuna.

**L-eżitu**
Il-persuna li ressqet l-ilment irċeviet lura l-ħlas ta' €200 għall-irmonk.

Il-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali informa lil dan l-Uffiċċju li ser jittieħdu l-miżuri meħtieġa biex il-Kunsilli Lokali jingħataw struzzjonijiet biex joqogħdu lura milli jippubblikaw 'ordnijiet' fil-Gazzetta tal-Gvern fid-dawl tal-fatt li l-liġi ma tagħtix u ma tippermettix l-imsemmija setgħa lill-Kunsilli.

**Transport Malta**

# Regoli applikabbli għal vetturi li qed jinstaqu f'Malta u li huma proprjetà ta' ċittadini Maltin iżda reġistrati barra minn Malta

**L-ilment**
Ċittadin Malti, li huwa residenti barra minn Malta, ġie Malta għal perjodu qasir u ġab miegħu l-vettura tiegħu li għandha reġistrazzjoni barranija. Madankollu waqt li kien qed isuq din il-vettura l-għada li wasal Malta, din ġiet sekwestrata minn uffiċjali ta' Transport Malta (TM)

**Il-fatti**
L-individwu li ressaq l-ilment daħħal il-vettura tiegħu f'Malta f'Awwissu 2023 u l-ġurnata kienet il-Ġimgħa wara li telaq minn Pozzallo fuq il-Virtu Ferries. Il-ħsieb tiegħu kien illi jitlaq minn Malta wara waqfa ta' ġimgħatejn. L-għada tal-wasla tiegħu f'Malta twaqqaf minn road block u għalkemm spjega illi hu ma kienx residenti f'Malta u ġie biss għal waqfa qasira, il-vettura tiegħu ġiet sekwestrata minħabba l-fatt li l-vettura tiegħu kienet irreġistrata barra minn Malta filwaqt li hu kellu karta valida tal-identità Maltija.

Min ilmenta sostna li l-Uffiċjal tat-TM li ikkonfiskalu l-vettura kien naqas milli jikkunsidra u jimxi skont l-Artikolu 18(1)(ġ) tal-Kapitolu 368 li kien jitlob illi hu kien meħtieġ li mal-wasla tal-vettura jinnotifika lill-Awtorità u "*tikseb, wara li tħallas id-dritt relattiv, permess ta' ċirkolazzjoni temporanju*" peress li hu kien wasal tard il-Ġimgħa filgħaxija u l-uffiċċji tal-Awtorità huma miftuħa biss matul il-ġimgħa. Sostna li min-naħa tiegħu kien biss it-Tnejn ta' wara l-wasla tiegħu li seta' javża lil TM bil-wasla tiegħu u jikseb il-permess relattiv. Stqarr li kien ġie infurmat minn TM Officer fi ħdan id-Dipartiment tal-Affarijiet Legali tal-Awtorità li sewwieqa li jsibu

ruħhom f'din is-sitwazzjoni jingħataw perjodu ta' jumejn biex jirregolaw ruħhom minħabba li kienu waslu fi tmiem il-ġimgħa. Fl-opinjoni tiegħu, l-applikazzjoni tipprovdi wkoll li din l-applikazzjoni għandha tiġi sottomessa lill-Awtorità għat-Trasport sa mhux aktar tard minn jum (1) tax-xogħol wara l-wasla ta' dik il-vettura f'Malta u għalhekk fil-ġurnata meta l-vettura tiegħu ġiet sekwestrata, din lanqas biss kienet ilha f'Malta ġurnata waħda tax-xogħol.

Għalhekk l-individwu li ressaq l-ilment talab li jingħata assistenza minn dan l-Uffiċċju, billi sostna li ladarba s-sekwestru tal-vettura kien irregolari, għandu jingħata rifużjoni ta' kull spiża amministrattiva li ġiet imħallsa.
Skont il-proċedura dan l-Uffiċċju talab il-kummenti tal-Awtorità dwar l-ilment u ġie infurmat li:

i. meta l-vettura kienet qed tinstaq f'Awwissu, 2023, kienet qed tinstaq minn resident Malti, jiġifieri l-individwu kien fil-pussess ta' dokument ta' residenza li kien għadu validu; u

ii. skont l-Artikolu 2A tal-Att dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur (KAP 368) L-ebda persuna ma għandu jkollha fil-pussess tagħha jew taħt ir-responsabbiltà tagħha xi vettura bil-mutur li ma tkunx ġiet irreġistrata mal-Awtorità u li fuqha t-taxxa ta' reġistrazzjoni applikabbli ma tkunx tħallset sakemm il-vettura tkun reġistrata f'pajjiż ieħor u tkun tista' tintuża temporanjament fit-toroq f'Malta skont l-Artikolu 18 tal-istess Att.

L-Artikolu 18(1)(a) tal-Kap. 368 jipprovdi li vettura li tiddaħħal Malta tista' tintuża biss fit-triq mingħajr ħlas ta' taxxa ta' reġistrazzjoni u mingħajr il-ħtieġa li l-vettura tiġi reġistrata mal-Awtorità, jekk il-persuna fil-pussess ta'/jew inkarigata mill-vettura tissodisfa l-kundizzjonijiet kollha hawn taħt:

- m'għandux dokument ta' identifikazzjoni legalment validu maħruġ skont l-Att dwar il-Karta tal-Identità u Dokumenti oħra tal-Identità,
- hija persuna li normalment tgħix barra minn Malta; u
- l-vettura tiddaħħal temporanjament f'Malta għal perjodu, konsekuttiv jew le, li ma jaqbiżx seba' xhur f'kull perjodu ta' tnax-il xahar.

Meta wieħed iqis dan t'hawn fuq, ladarba l-individwu li ressaq l-ilment naqas milli jissodisfa d-dispożizzjonijiet tal-Artiklu 18, il-vettura ġiet konfiskata peress li kien qed jikser il-liġi.

Il-vettura ġiet sekwestrata għaliex min ilmenta ma kellux il-permess meħtieġ ta' 30 jum maħruġ mill-Awtorità. Skont il-Kapitolu 368, il-permess ta' 30 jum kien jagħti lil persuna li għandha r-residenza normali tagħha f'Malta il-permess li tuża l-vettura li ġiet irreġistrata barra minn Malta għal perijodu ta' mhux aktar minn tletin jum konsekuttivi li għandhom jiġu kkalkulati mid-data tal-wasla ta' tali vettura f'Malta. Il-proċedura u l-kundizzjonijiet dwar kif tapplika għall-permess/ liċenzja temporanja huma regolati mir-Regolament 6A tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.02 li jipprovdi li:

*"6A. (1) Persuna li jkollha r-residenza normali tagħha f'Malta tista' tapplika għand l-Awtorità għal eżenzjoni skont l-artikolu 18(1)(g) tal-Att biex tuża fit-triq f'Malta vettura reġistrata f'pajjiż ieħor għal perjodu ta' mhux aktar minn tletin jum kalendarju konsekuttiv li jibdew jgħoddu mid-data li fiha l-vettura tasal Malta.*

*(2) L-applikazzjoni għall-imsemmija eżenzjoni għandha tiġi preżentata lill-Awtorità fuq il-formula stabbilita mhux aktar tard minn jum wieħed ta' xogħol mid-data li l-fiha l-vettura tasal Malta wara li - (a) jitħallas dritt amministrattiv ta' għoxrin euro (€20) lill-Awtorità; u*

*(b) tiġi preżentata polza ta' assigurazzjoni valida tal-vettura u kull dokument ieħor li l-Awtorità tista' titlob:*

*Iżda l-permess għal tletin jum jibda jgħodd mid-data li fiha l-vettura tkun waslet għall-ewwel darba f'Malta.*

*(3) Meta tingħata eżenzjoni, l-Awtorità għandha toħroġ lill-applikant diska ta' liċenza temporanja li għandha titwaħħal fuq il-windscreen tal-vettura jew fuq in-naħa tax-xellug taċ-ċikletta bil-mutur, tat-triċikletta bil-mutur jew tal-quad bike skont dawn ir-regolamenti.*

*(4) Id-diska tal-liċenza temporanja għandha turi l-perjodu, li jibda mid-data li fiha l-vettura tkun waslet għall-ewwel darba f'Malta, li għalih dik il-liċenzja temporanja għandha tkun valida u l-eżenzjoni mogħtija ma tibqax aktar fis-seħħ meta jiskadi l-perjodu muri fuq id-diska tal-liċenzja temporanja."*

L-individwu li ressaq l-ilment jidher li fehem ħażin l-informazzjoni pprovduta mill-uffiċjal imsemmi peress li għalkemm l-Awtorità tista' toħroġ permess ta' 30 jum anke wara ġurnata tax-xogħol mid-data tal-wasla tal-vettura (kif imsemmi fil-formola applikabbli), f'każijiet meta l-vettura tinzerta tidħol Malta fi tmiem il-ġimgħa, dan ma jfissirx li s-sid jitħalla jsuqha qabel ma jinħareġ tali permess.

Ix-xufier jista' fil-fatt japplika għall-permess/liċenzja temporanja ta' 30 jum qabel il-wasla tal-vettura f'Malta. Kieku min ilmenta ippreżenta applikazzjoni bħal din kien ikun f'pożizzjoni li jsuq il-vettura fit-triq mad-dħul tagħha f'Malta.

L-indivdwu li lmenta ressaq applikazzjoni nhar it-Tnejn ta' wara l-wasla tiegħu u wara li l-vettura kienet ġiet ikkonfiskata, u kiseb permess ta' 30 jum għaċ-ċirkolazzjoni. Fid-dawl ta' dak imsemmi hawn fuq, huwa kellu jħallas l-ammont ta' €265 sabiex jieħu lura l-vettura tiegħu. Dan kien jinkludi ħlas għall-irmonk ta' €200, €35 ħlas amministrattiv u €30 ħlas għall-kiri (€15 kuljum). It-tariffi kollha huma kkalkolati skont id-dispożizzjoni tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.13.

**Konklużjoni**
L-Ombudsman, wara li ħa konjizzjoni tas-sottomissjonijiet tal-individwu li ressaq l-ilment, tat-tweġibiet mogħtija mill-Awtorità u tal-leġiżlazzjoni applikabbli kkonkluda li t-talba ta' min ilmenta ma setgħetx tintlaqa'. Skont ir-Regolamenti applikabbli ebda persuna ma tista' tkun fil-pussess jew inkarigata minn vettura li ma tkunx ġiet irreġistrata mal-Awtorità, u li fuqha ma tkunx tħallset it-taxxa ta' reġistrazzjoni applikabbli, sakemm dik il-vettura ma tkunx reġistrata f'pajjiż ieħor u tista' tiġi użata temporanjament fit-toroq f'Malta skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 18 tal-istess Att. Barra minn hekk skont l-Artikolu 2A(2) l-ebda vettura "*m'għandha tintuża fit-triq mingħajr liċenzja ta' ċirkolazzjoni maħruġa mill-Awtorità sakemm dik il-vettura ma tkunx is-suġġett ta' eżenzjoni taħt dan l-Att jew ikollha liċenzja ta' ċirkolazzjoni valida maħruġa mill-awtorità kompetenti f' pajjiż ieħor.*" F'dan il-każ, ladarba l-individwu li ressaq l-ilment ma ssodisfax il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 18(1)(a), kien meħtieġ li jkun fil-pussess tal-permess ta' tletin jum biex il-vettura tiegħu tkun tista' tiċċirkola fit-triq (l-Artikolu 3), u dan indipendentement mill-fatt li wasal Malta fi tmiem il-ġimgħa. Ladarba kien jaf li l-vettura kienet se tasal il-Ġimgħa filgħaxija (barra l-ħinijiet tal-uffiċċju), kien id-dmir tiegħu li jiżgura li l-applikazzjoni tiġi sottomessa **qabel** id-data tal-wasla (u mhux aktar tard minn ġurnata tax-xogħol mid-data tal-wasla tal-vettura) sabiex ikun konformi mar-rekwiżiti legali tas-sewqan f'Malta. Ladarba hu kien għadu ma kisibx il-permess/liċenzja meħtieġa fid-data tal-wasla tiegħu ma kellux isuq il-vettura tiegħu fit-toroq lokali u kellu jiggarraxxjaha mal-wasla sakemm issottometta u kiseb il-permess meħtieġ. L-Ombudsman għalhekk kien tal-fehma li l-Awtorità kienet aġixxiet skont id-dispożizzjonijiet u l-proċeduri applikabbli u li ma kien dovut l-ebda rifużjoni tal-ispejjeż.

**Transport Malta**

# Nuqqas ta' azzjoni xierqa dwar in-nuqqas ta' trasferiment tar-reġistrazzjoni tal-vettura

**L-ilment**

Individwu li kien qed jirċievi kontijiet għal ħlasijiet dovuti lil Transport Malta (TM) ressaq ilment ma' dan l-Uffiċċju. Il-każ tiegħu kien dwar vettura li għalkemm kienet ġiet mibjugħa lil terzi, xorta kienet għadha reġistrata f'isem l-individwu li ressaq l-ilment peress li x-xerrej kien naqas milli jagħmel it-trasferiment meħtieġ. Dan minkejja li min ilmenta għamel diversi tentattivi biex jiżgura li t-trasferiment isir, u li fl-2006 kellu jirrikorri għall-Qrati sabiex l-imsemmija vettura u kull ħlas pendenti jiġu trasferiti fuq isem ix-xerrej. F'Mejju 2023 l-individwu li ressaq l-ilment kien talab lil Transport Malta biex tikkonferma li: i) ir-rekords dwar l-imsemmija vettura kienu ġew aġġornati; u li ii) kwalunkwe arretrati pendenti kienu ġew allokati fuq ix-xerrej tal-vettura skont is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati, iżda peress li baqa' ma ngħata ebda tweġiba ressaq ilment u talab l-assistenza ta' dan l-Uffiċċju.

**Fatti u kunsiderazzjonijiet**

L-individwu li ressaq l-ilment kien qabel li jbigħ il-vettura f'Diċembru 1999 lil ċertu DG. Jidher li eventwalment persuna oħra (CC) akkwistat il-vettura u min ilmenta ħalla f'idejn dan tal-aħħar biex jirreġistra t-trasferiment tagħha. CC baqa' ma ħax azzjoni u ma marx biex jirreġistra l-vettura fuq ismu. B'hekk, l-individwu li lmenta għamel kuntatt ma' TM, kif ukoll, mal-Pulizija u talab l-assistenza tagħhom biex jiżgura li l-vettura ma kinitx għadha reġistrata f'ismu. Il-Pulizija ressqet kawża quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (bħala qorti tal-Ġudikatura Kriminali) biex takkuża lil CC li naqas milli jagħti avviż bil-miktub lill-awtoritajiet rilevanti dwar il-bidla fis-sid tal-vettura fi żmien sebat ijiem mix-xiri tagħha. F'April 2008, il-Qorti sabet li x-xerrej CC kien ħati li ma rreġistrax il-vettura fuq ismu u dan tal-aħħar ingħata xahar żmien biex jagħmel it-trasferiment meħtieġ skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu

377(3) tal-Kodiċi Kriminali. Il-Qorti kompliet iddikjarat li malli jiskadi t-terminu ta' xahar, CC kien jeħel €10 penali għal kull jum li fih jibqa' jonqos milli jagħmel dan. Meta ġiet mitluba biex tagħti l-kummenti tagħha dwar dan l-ilment, TM infurmat lil dan l-Uffiċċju li ma kinitx parti fil-każ għalkemm ġie msejjaħ rappreżentant tal-Awtorità biex jixhed bħala xhud tal-prosekuzzjoni.

L-individwu li ressaq l-ilment sostna li matul dawn l-aħħar ftit snin mar diversi drabi fl-uffiċċji ta' TM f'Ħal Lija u l-Fgura sabiex isolvi din il-kwistjoni mingħajr ebda suċċess, u li l-uffiċjali ta' TM kienu sempliċement qalulu li ser jirrevedu l-fajl tal-każ rispettiv u jikkuntattjawh lura. Il-kwistjoni għalhekk baqgħet pendenti.

Wara li ġiet miflija bir-reqqa l-ftit dokumentazzjoni disponibbli, l-Uffiċċju stabbilixxa li:

- Kien hemm skambju mhux frekwenti ta' korrispondenza mill-aħħar tal-2015 u l-2018 bejn l-uffiċjali ta' Transport Malta u l-konsulent legali tal-individwu li ressaq l-ilment. F'Diċembru 2015, il-konsulent legali ta' min ilmenta kien bagħat id-dokumentazzjoni kollha li kienet diġà intbagħtet f'Ottubru 2014 lis-Senior Manager (Regulatory) fi ħdan id-Direttorat tat-Trasport tal-Art tal-Awtorità mill-individwu li ressaq l-ilment. Il-konsulent legali tal-individwu li lmenta kien informa lill-imsemmi uffiċjal li l-klijent tiegħu ma setax jissottometti formola li kienet intbagħtet minn TM (preżumibbilment, il-formola relatata mar-Regolarizzazzjoni ta' Accumulated Road License Arrears Scheme mnedija minn TM fl-2012) peress li l-individwu li lmenta ma kienx konxju ta' x'kien ġara mill-vettura li nbiegħet.
- Fl-24 ta' Ottubru 2018, l-Awtorità kienet bagħtet korrispondenza u l-Avviż għall-Ħlasijiet li qabel kienet bagħtet lil CC (ix-xerrej tal-vettura) lill-konsulent legali tal-individwu li ressaq l-ilment. Fl-imsemmija korrispondenza CC kien ingħata perjodu ta' ħmistax-il jum li fih kellu jħallas il-ħlasijiet pendenti fir-rigward tal-imsemmija vettura.
- F'Ġunju 2021 TM talbet lill-individwu li ressaq ilment sabiex iħallas kont għall-ammont ta' €3,719.89 fi ħlas ta' arretrati għal liċenzji u multi amministrattivi.
- L-individwu li lmenta pprovda lil dan l-Uffiċċju b'kopja tal-'Formola VEH 44 – 'Formola ta' regolarizzazzjoni ta' arretrati akkumulati f'konformità mal-LN 22 tal-2012 u 85 tal-2013', li min-naħa tiegħu sostna li din kienet ġiet sottomessa lil uffiċjal ta' TM f'Lulju 2021 meta kien żar l-uffiċċji tat-TM ma' bintu. Min ilmenta żied jgħid li dakinhar kien ippreżenta affidavit ġuramentat dwar din il-materja.

> L-individwu li lmenta sostna li ħallas xi tariffi dovuti fir-rigward tal-imsemmija Formola VEH44, iżda rrimarka li ma ngħatat l-ebda riċevuta għall-ħlas li sar.

Mir-reviżjoni tal-imsemmija dokumentazzjoni nstab li l-kopja tal-formola pprovduta lil dan l-Uffiċċju mill-individwu li lmenta kienet vojta ħlief għad-dettalji tiegħu fit-Taqsima 1. It-Taqsimiet maħsuba biex jimtlew minn uffiċjal tat-TM kienu vojta u t-Taqsima 3 ma kinitx iffirmata la minnu u lanqas mill- Uffiċjal tat-TM kif meħtieġ.

Meta dan l-Uffiċċju talab spjegazzjoni mingħand TM dwar l-allegazzjoni tal-individwu li ressaq l-ilment li l-Formola VEH 44 mimlija kienet ġiet sottomessa lil TM fl-2021, l-Awtorità wieġbet illi l-uffiċjal li semma l-individwu li lmenta u li sostna li kien tkellem miegħu, ma ftakarx li tkellem ma' dan l-individwu u li TM ma kellhiex fil-pussess tagħha din l-imsemmija dokumentazzjoni.

**Il-pożizzjoni tal-Awtorità matul l-investigazzjoni**

L-Awtorità osservat li meta l-vettura nbiegħet, l-individwu li ressaq l-ilment naqas milli jirreġistra t-trasferiment tagħha mal-Awtorità, iżda minflok ħalla f'idejn ix-xerrej li jirreġistra t-trasferiment li min-naħa tiegħu ma marx sabiex jirreġistra t-trasferiment fuq ismu, anke jekk kien ingħata żmien qasir sabiex fih jagħmel l-imsemmi trasferiment mill-Qorti tal-Maġistrati fl-2008. Madanakollu, skont ir-Regolament 27 tal-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 368.01[1] l-obbligazzjoni biex jiġi reġistrat it-trasferiment lill-Awtoritá hija tas-sid reġistrat tal-vettura – f'dan il-każ, l-individwu li ressaq l-ilment. L-Awtorità sostniet li ma għandhiex l-awtorità li tobbliga lix-xerrej jirreġistra t-trasferiment fuq ismu.

TM qalet li wara li skada t-terminu ta' xahar mogħti mill-Qorti, l-individwu li ressaq l-ilment kellu jinforma lill-Pulizija li t-trasferiment kien għadu pendenti biex min-naħa tagħha l-Pulizija tieħu l-miżuri meħtieġa skont il-liġi ladarba CC kien naqas milli jkun konformi mad-deċiżjoni tal-Qorti.

L-Awtorità spjegat ukoll li f'Jannar 2012, kienet nediet l-Iskema ta' Regolarizzazzjoni ta' Arretrati dwar id-Drittijiet ta' Liċenzi ta' Vetturi bil-Mutur li kienet regolata mil-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.24. Żiedet tgħid li mill-emails disponibbli, irriżulta li

1 Regolamenti dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-mutur.

l-individwu li ressaq l-ilment kien ġie infurmat bil-possibbiltà li juża din l-iskema u jiskrappja l-vettura skont ir-Regolament 7 li jgħid kif ġej:

"*7.(1) Kull min jippreżenta formola fir-rigward ta' liċenza litappartjeni lil vettura li huwa jkun se jiskrappja skont id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima VIII tar-Regolamenti dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur għandu –*

(a) jibbenefika minn eżenzjoni sħiħa mill-ħlas tal-arretratikollha ta' ħlasijiet tal-liċenza ta' ċirkolazzjoni dovutifir-rigward ta' dik il-vettura,

(b) jkun eżentat mir-responsabbiltà kriminali jekk u metajissodisfa r-rekwiżiti mniżżla fir-regolament 10 tar-Regolamenti dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta'Vetturi bil-Mutur, u

*(ċ) jiġi eżentat mill-ħlas ta' kull multa amministrattiva litkun dovuta skont l-artikolu 21(5) tal-Att dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur u r-regolament 14(2) tar-Regolamenti dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur.*

*(2) Il-formola msemmija fis-subregolament (1) għandu jkollha magħha dikjarazzjoni maħlufa li tikkonferma li l-vettura ma kinitx qed tiġi użata fit-triq:* ***Iżda jekk il-vettura ġiet trasferita lil persuna oħra mingħajr madak it-trasferiment ġie reġistrat mal-Awtorità, il-formola msemmijafis-subregolament (1) għandu jkollha magħha dikjarazzjoni litikkonferma li s-sid reġistrat ma jafx fejn tinsab dik il-vettura.***"

Għalhekk, kieku dan l-individwu li ressaq l-ilment ħa din l-opportunità fi żmien meta l-iskema kienet valida, il-vettura kienet tiġi skrappjata u sussegwentement ikkanċellata minn fuq ismu. Madankollu, min ilmenta kien informa lil TM permezz tal-konsulent legali tiegħu li hu kien qed jagħżel li ma jagħmilx użu minn din l-iskema minħabba li ma kienx lest li jippreżenta dikjarazzjoni ġuramentata skont kif huwa mitlub fid-dispożizzjonijiet tal-imsemmija Leġislazzjoni Sussidjarja. Skont ir-Regolament 4, il-perjodu ta' regolarizzazzjoni għal din l-iskema spiċċa intemm fil-15 ta' Ottubru 2022.

TM kompliet tispjega li min-naħa tagħha ipprovat tikkomunika ma' CC, iżda rriżulta li CC kien miet u għalhekk ma ġiex innotifikat bl-avviż tat-Tariffa mibgħut f'Ottubru 2018 fl-indirizz tiegħu mid-Driver & Vehicle Licensing Unit. Malli saret taf b'dan, l-Awtorità daħħlet nota fid-database tagħha f'każ li l-werrieta tal-vettura ta' CC jirrikorru għandha biex jitolbu xi informazzjoni dwar din il-vettura. F'dan il-

każ, l-Awtorità kienet titlobhom biex jirregolarizzaw il-pożizzjoni tagħhom vis-à-vis din il-vettura.

L-Awtorità ċċarat li l-avviżi dwar arretrati li l-individwu li ressaq l-ilment kien jirċievi minn żmien għal żmien kienu avviżi ġġenerati bil-kompjuter peress li d-database tal-Awtorità xorta kellha rekord tal-liċenzja tat-triq mhux imħallsa u għalhekk l-arretrati tal-liċenzja kienu għadhom dovuti.

TM sostniet li meta kkunsidrat li l-individwu li lmenta kien legalment meħtieġ li jirreġistra t-trasferiment, l-Awtorità assistitu sabiex isibu soluzzjoni. Hija insistiet li ma kien hemm l-ebda dispożizzjonijiet fil-liġi jew xi proċeduri li jistgħu japplikaw f'sitwazzjonijiet bħal dik li qed tiġi investigata. Għalhekk l-individwu li ressaq l-ilment għandu jressaq każ quddiem il-Qrati, kontra l-preżunti werrieta ta' CC, jekk hemm, biex l-Awtorità tkun tista' tikseb digriet tal-qorti biex din il-vettura ma tibqax reġistrata jew tiġi trasferita.

**Konsiderazzjonijiet u kummenti**

L-Ombudsman irrikonoxxa li skont ir-Regolament 27 tal-LS 368.02, kien id-dmir legali tal-individwu li ressaq l-ilment bħala bejjiegħ u sid tal-vettura, li fl-ewwel lok jiżgura li t-trasferiment tal-vettura jsir fl-istess ħin mal-imsemmi bejgħ jew fiż-żmien stipulat fir-Regolamenti. Jidher ċar li min ilmenta kien inġenwu u mhux għaqli meta naqas milli jinsisti max-xerrej li t-trasferiment isir immedjatament u li jingħata prova ta' dan. Min ilmenta, li ma kellu l-ebda esperjenza preċedenti fil-bejgħ ta' vettura, u nieqes mill-għarfien dwar l-obbligi relatati mal-imsemmi bejgħ, ma kienx konxju tal-konsegwenzi serji li tali nuqqas iġib miegħu, kif jidher ċar fir-Regolament 27(4) li jistipula li:

"*Il-bejgħ jew trasferiment ta' vettura bil-mutur għandu jfisser it-trasferiment tal-vettura bil-mutur* ***iżda dak li kellu l-liċenza qabel għandu jibqa', għall-finijiet kollha tali-liġi, responsabbli sakemm iwettaq id-dispożizzjonijiet tas-subregolament (1) u l-avviż li jkun hekk ta, għandu jkun instab mill-Awtorità li jkun sew u korrett****.*

Ġie nnutat ukoll li meta fl-2006 l-individwu li lmenta fl-aħħar talab l-għajnuna tal-Pulizija Eżekuttiva sabiex iġiegħel lil CC jagħmel il-bidla meħtieġa fir-reġistrazzjoni tal-vettura, għal darb'oħra, min ilmenta min-naħa tiegħu naqas milli jsegwi

d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati u li jivverifika jekk CC kienx ġie konformi mat-terminu speċifikat mill-Qorti. Dan in-nuqqas li jiġi segwit il-każ mal-entitajiet kompetenti, sfortunatament irriżulta li l-Pulizija ma ħadux aktar azzjoni kontra CC għan-nuqqas ta' konformità tiegħu mid-deċiżjoni tal-Qorti. F'dan ir-rigward, l-Ombudsman tenna li wieħed ma jafx il-liġi x'inhi ma tistax tintuża bħala skuża minn min ressaq l-ilment biex ma jimxix mal-leġiżlazzjoni applikabbli jew biex jiġu evitati l-effetti/konsegwenzi stipulati fiha.

L-Ombudsman irrikonoxxa li TM m'għandhiex l-awtorità li tobbliga lix-xerrej sabiex jirreġistra t-trasferiment fuq l-isem ta' CC. Il-leġiżlatur impona dan l-obbligu fuq il-bejjiegħ tal-vettura għal raġuni ovvja – huwa fl-interess tal-bejjiegħ li jiżgura li vettura, li m'għadhiex fil-pussess u l-kontroll tiegħu, ma tibqax irreġistrata f'ismu. Jekk l-individwu li ressaq l-ilment ma kienx jaf bl-imsemmija obbligi fil-liġi, jew bil-mod li bih kellu jsir it-trasferiment, hu kellu jagħmel mezz illi jistaqsi lill-Awtorità biex jiżgura li kollox kien qed isir skont ir-regolamenti applikabbli. Madankollu ġie nnutat li l-Awtorità skont ir-Regolament 14(4) tar-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur, mhux biss għandha s-setgħa li titlob ħlas amministrattiv fejn is-sid ta' vettura, liċenzjat mill-Awtorità, jonqos milli jġedded il-liċenzja applikabbli għal dik il-vettura fi żmien tliet xhur mill-iskadenza tal-imsemmija liċenzja, iżda tista' wkoll tieħu kwalunkwe azzjoni oħra li hija permessa skont ir-Regolamenti dwar l-Ikklampjar u t-Tneħħija ta' Vetturi bil-Mutur u Oġġetti ta' Ingombru[2] – fejn huwa preżunt illi dan ikun jinvolvi t-tneħħija tal-vettura jekk din tkun ipparkjata jew imqiegħda fit-triq meta l-miżata annwali għaċ-ċirkolazzjoni tibqa' mhux imħallsa. L-Awtorità dehret li f'dan ir-rigward naqset milli tieħu azzjoni bħal din.

L-Ombudsman innota wkoll li f'Jannar 2012 l-Awtorità kienet nediet l-Iskema ta' Regolarizzazzjoni ta' Arretrati ta' Liċenzji tat-Toroq Akkumulati u li l-individwu li ressaq l-ilment kien ġie infurmat mill-Awtorità bil-possibbiltà li juża din l-Iskema, iżda li min-naħa tiegħu ma kienx lest jiffirma d-dikjarazzjoni meħtieġa peress li ma kienx jaf x'sar minn, u fejn kienet tinsab, il-vettura mill-1999. Fit-tweġiba tagħha informat lil dan l-Uffiċċju li kien tort tal-individwu li lmenta illi l-kwistjoni kienet għadha pendenti peress li kieku min ilmenta għażel li jieħu din l-opportunità, il-vettura kienet tiġi skrappjata u kkanċellata minn fuq ismu. L-Ombudsman madankollu nnota li wara l-korrispondenza tal-2015, id-Direttorat tat-Trasport bl-

2 LS 65.13

Art kien għadu qed isegwi l-kwistjoni u fil-fatt sar konxju li CC kien miet fl-2017. Għalhekk l-Awtorità emendat id-data li tinsab fid-database tagħha u għamlet nota dwar l-imsemmija vettura f'każ li xi werrieta ta' CC jistaqsu dwar il-vettura msemmija. Madankollu naqas milli jikkuntattja lill-individwu li ressaq l-ilment u jistaqsih jekk hux lest li jagħmel użu mill-iskema fid-dawl tal-mewt ta' CC.

L-individwu li lmenta jinsisti illi fis-snin li għaddew mar fl-uffiċċji ta' Transport Malta diversi drabi dwar din il-kwistjoni mingħajr ebda suċċess u li Uffiċjali ta' TM wiegħduh li se jirrevedu l-fajl u jikkuntattjawh, iżda dan qatt ma sar. Min ilmenta jallega ukoll li fl-2021 mela l-Formola VEH 44 u li meta ppreżenta din il-formola ħallas it-tariffa dovuta fl-uffiċċji ta' Transport Malta – dikjarazzjoni li hija kkontestata minn Transport Malta u li mhix ikkorroborata mill-provi mogħtija lil dan l-Uffiċċju mill-individwu li ressaq l-ilment.

L-Ombudsman irrimarka li ma setax jifhem kif id-Direttorat tat-Trasport bl-Art u l-uffiċjali ta' TM stazzjonati fl-uffiċċju tal-customer care tiegħu li, wieħed b'mod raġonevoli jippreżumi, setgħu jaraw in-nota li saret fid-database tal-Awtorità, ma bagħtux aktar korrispondenza/chasers lill-individwu li ressaq l-ilment jew ċemplulu dwar il-possibbiltà li juża l-Iskema, li bl-Avviż Legali 425 tal-2020 il-validità tagħha kienet ġiet estiża sal-15 ta' Ottubru 2022. Dan l-Uffiċċju ma qabilx mal-allegazzjoni ta' TM li kienet 'għamlet l-almu biex tassisti u tidderieġi lis-..... għal soluzzjoni'. Huwa kkunsidra li kien amministrattivament żbaljat min-naħa tal-Awtorità, ir-regolatur tas-settur, li tħalli din il-kwistjoni tipprokrastina għal tant żmien, partikolarment meta d-Direttorat kien sar konxju li CC miet u meta l-iskema li permezz tagħha min ilmenta seta' jirregolarizza l-pożizzjoni tiegħu kienet ilha disponibbli għal tant snin. Li l-individwu li ressaq l-ilment jintalab jibda proċeduri legali biex ma tibqax reġistrata jew isir it-trasferiment tal-vettura, huwa inġust u se jwassal biss biex ikompli jgħabbi lill-individwu li lmenta bi tbatija finanzjarja bla bżonn, partikolarment meta din is-sitwazzjoni setgħet tiġi segwita b'mod xieraq mid-Direttorat ikkonċernat fil-konfront tan-nuqqas ta' ħlas ripetut ta' ħlasijiet dovuti lill-Awtorità għal liċenzji tal-vetturi. Li jsiru l-ħlasijiet ta' arretrati u multi amministrattivi mingħajr ma jittieħdu l-miżuri maħsuba fl-Artikolu 14(4) jindika nuqqas ta' monitoraġġ mir-Regolatur.

**Konklużjoni u rakkomandazzjonijiet**

L-Ombudsman għalhekk ikkonkluda illi skont ir-regolamenti pertinenti kien id-dmir tal-individwu li ressaq l-ilment illi jiżgura li t-trasferiment tal-vettura mibjugħa lil terza persuna jiġi effettwat. Bla dubju, is-sitwazzjoni li kien qed jilmenta dwarha kienet essenzjalment b'riżultat tal-aġir tiegħu.

Madankollu l-Ombudsman ma setax jikkonkludi li TM kienet għamlet ħilitha sabiex tassisti u tidderieġi lill-individwu li ressaq l-ilment biex tinstab soluzzjoni għall-problema tiegħu. L-uffiċjali ta' TM ma kinux proattivi fil-monitoraġġ tagħhom għal ħlasijiet dovuti lill-Awtorità għal-liċenzji tal-vetturi u sempliċement illimitaw l-azzjoni tagħhom billi jintbagħtu l-avviżi għall-ħlas minkejja li għaddew tant snin. Minflok imissha għamlet mezz biex tittieħed azzjoni konkreta ladarba l-Awtorità saret konxja li CC kien miet, b'mod partikolari minħabba li TM stess ammettiet li s-sitwazzjoni setgħet ġiet solvuta permezz tal-applikazzjoni tal-Iskema mnedija minn TM fl-2012. Kieku l-fajl tal-individwu li lmenta ġie rivedut, u dan ġie ikkuntattjat kif imwiegħed, seta' bbenefika mill-Iskema, li kienet disponibbli sal-15 ta' Ottubru 2022.

Fid-dawl ta' dak li ssemma qabel, l-Ombudsman irrakkomanda li l-individwu li lmenta jitħalla jagħmel użu skont it-termini tal-imsemmija Skema, wara li jsiru l-ħlasijiet ta' tariffi amministrattivi jew ħlasijiet oħra dovuti skont l-imsemmija Skema.

**L-eżitu**

Transport Malta aċċettat u implimentat l-imsemmija rakkomandazzjonijiet.

**Transport Malta**

# Trasferiment ta' Permess Temporanju ta' Irmiġġ

**L-ilment**

L-individwu li ressaq l-ilment u l-bejjiegħ ta' dgħajsa reġistrata bħala MFC (kategorija ta' sajd għall-passatemp), kellhom il-ħsieb illi jittrasferixxu d-dgħajsa f'isem ix-xerrej (min ilmenta) flimkien mal-irmiġġ tagħha. Transport Malta (TM/l-Awtorità) għarrfithom li t-trasferiment tad-dgħajsa kellu jsir mad-Dipartiment tas-Sajd u, allegatament, ladarba jinħareġ il-logbook il-ġdid, TM tgħaddi biex titrasferixxi l-irmiġġ f'isem is-sid il-ġdid. Madankollu, it-trasferiment tad-dgħajsa dam tliet xhur biex jitlesta, u meta reġgħu marru għand TM bil-logbook il-ġdid għat-trasferiment tal-irmiġġ, ġew infurmati li ma kinux qed isiru aktar trasferimenti ta' irmiġġi. L-individwu li ressaq l-ilment ħassu li ġie mqarraq u trattat b'mod inġust minn TM peress li biddlet il-policy tagħha mingħajr preavviż, u kkawżat problemi bl-irmiġġ. Fl-ilment tiegħu, talab li l-irmiġġ inkwistjoni jiġi trasferit f'ismu.

**Il-fatti**

Transport Malta infurmat lil dan l-Uffiċċju li l-irmiġġi għad-dgħajjes tal-MFC ma jistgħux jiġu trasferiti u huma marbuta ma' sistema ta' lista ta' stennija, anke jekk jinbidel sid id-dgħajsa. Meta tinbiegħ dgħajsa fil-kategorija MFC, il-permess tal-irmiġġ jitneħħa minn fuq il-bejjiegħ, u TM tallokah lill-persuna li jmiss fil-lista ta' stennija. Sid id-dgħajsa l-ġdid irid japplika għal permess temporanju u jingħaqad ma' dawk fil-lista ta' stennija rilevanti. It-trasferimenti tal-irmiġġ huma permessi biss għal dgħajjes reġistrati bħala MFA (sajjieda full-time) jew MFB (sajjieda part-time), u f'każijiet ta' wirt jew donazzjoni bejn qraba diretti. TM saħqet li qed tinforza regoli u proċeduri eżistenti biex trażżan prattiċi abbużivi li ġew identifikati mill-Awtorità u b'hekk tagħti prijorità lil dawk li jinsabu fuq il-lista ta' stennija, u tiżgura ġustizzja billi r-riallokazzjoni tal-irmiġġi ssir skont din il-lista u mhux b'mod awtomatiku lil sidien ġodda.

Ir-'Regolamenti dwar l-Irmiġġar ta' Bastimenti Żgħar u Dgħajjes' (Leġiżlazzjoni Sussidjarja 499.11) jippermettu lil dawk li huma fil-pussess ta' irmiġġ, jitolbu l-użu tal-istess irmiġġ għal dgħajsa ta' sostituzzjoni iżda mhux biex jittrasferixxu l-irmiġġ bejn is-sidien. Dawn ir-Regolamenti jirrestrinġu t-trasferiment ta' irmiġġ f'każijiet fejn ikun hemm il-bejgħ ta' dgħajsa. Il-bejjiegħa tad-dgħajjes għandhom jinnotifikaw lil TM u jirrinunzjaw il-permess tagħhom tal-irmiġġ mal-bejgħ jekk ma jixtrux u jissostitwixxu d-dgħajsa tagħhom. Skont dawn ir-Regolamenti, l-Awtorità għandha l-poter li tieħu d-deċiżjoni finali li tapprova u tagħti permess lis-sid biex juża l-istess irmiġġ għal dgħajsa differenti. Barra minn hekk, il-permess ma jingħatax jekk id-dgħajsa l-ġdida ma tkunx fl-istess kategorija bħal dik li tkun ġiet mibjugħa. Dan l-Uffiċċju ġie infurmat ukoll li fit-2 ta' Settembru 2022, TM ippubblikat avviż fuq il-midja soċjali biex tiċċara kwalunkwe dubji, prattiċi skorretti, jew nuqqas ta' ftehim dwar irmiġġi li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-Awtorità ('Avviż 02/2022 - Bejgħ, Kiri jew Reklamar ta' Irmiġġi'). Dan l-avviż huwa disponibbli wkoll fuq il-websajt ta' TM:

"*L-Awtorità tixtieq tinforma u tfakkar lill-pubbliku li, skont ir-Regolamenti dwar l-Irmiġġar ta' Bastimenti Żgħar u Dgħajjes (S.L.499.11), l-irmiġġi kemm mal-mollijiet immaniġġjati mill-Awtorità kif ukoll ma' mażżri fil-baħar huma proprjetà tal-Awtorità u għaldaqstant ma jista' jsir l-ebda bejgħ jew kiri (inkluż reklamar) jew xi tip ta' trasferiment ta' dawn l-istess irmiġġi li huma proprjetà tal-Awtorità.*

*L-Awtorità tħeġġeġ lill-pubbliku biex josserva u jimxi strettament ma' dawn ir-regolamenti. Fin-nuqqas ta' dan, tgħarraf li l-istess l-irmiġġ jittieħed lura minnufih, il-permess revokat u jittieħdu l-passi neċessarji u legali kollha meħtieġa fil-konfront tal-individwu hekk kif titlob il-liġi.*"

**Konklużjoni**

F'dan il-każ, ġie stabbilit li t-trasferimenti tal-irmiġġi f'każijiet ta' bejgħ ta' dgħajsa bħall-każ tal-individwu li ressaq l-ilment, mhumiex marbuta b'mod awtomatiku mal-bejgħ tad-dgħajsa. Il-policy ta' Transport Malta tesiġi li tali trasferimenti jsiru skont il-lista ta' stennija rilevanti. Dgħajjes reġistrati bħala MFC (sajd għall-passatemp) mhumiex eliġibbli għall-irmiġġi trasferibbli.

Li jiġi awtorizzat it-trasferiment kif ġie mitlub mill-individwu li ressaq l-ilment imur kontra r-regolamenti u l-policy ta' TM. Anke jekk min ilmenta sostna li kien

infurmat ħażin minn TM, li l-permess tal-irmiġġ se jiġi trasferit fuqu flimkien mad-dgħajsa — allegazzjoni mhux sostanzjata b'evidenza u kienet ikkontestata minn TM — dan ma jiġġustifikax li t-talba tiegħu tiġi milqugħa. Eċċezzjonijiet tal-passat jew każijiet preċedenti fejn talbiet simili setgħu ġew approvati mhumiex raġunijiet biżżejjed biex tingħata l-approvazzjoni f'dan il-każ. Il-proċeduri attwali ta' TM għat-trasferiment ta' irmiġġ huma skont id-dispożizzjonijiet legali u għandhom l-għan li jnaqqsu l-abbużi identifikati mill-Awtorità.

Għal dawn ir-raġunijiet, dan l-Uffiċċju ċaħad it-talba tal-individwu li ressaq l-ilment li jsir it-trasferiment tal-irmiġġ.

**Rakkomandazzjoni**
Sabiex il-kwistjoni dwar it-trasferimenti tal-irmiġġi tiġi spjegata b'mod aktar ċar lill-pubbliku, dan l-Uffiċċju rrakkomanda li Transport Malta tippubblika avviż addizzjonali fuq il-websajt tagħha u fuq il-midja soċjali, li għandu:

1. jispeċifika l-każijiet meta l-irmiġġi jistgħu jiġu trasferiti;
2. jiċċara li dgħajjes li ma jaqgħux taħt kategoriji ta' irmiġġ trasferibbli huma suġġetti għall-proċedura marbuta mal-lista ta' stennija; u
3. jiċċara l-każijiet fejn sid ta' dgħajsa li għandu permess temporanju validu ta' irmiġġ jixtieq jibdel id-dgħajsa tiegħu u juża l-istess irmiġġ.

Dan l-avviż addizzjonali jgħin biex il-pubbliku jkun jista' jifhem aħjar ir-regolamenti u l-proċeduri.

**L-eżitu**
Ir-rakkomandazzjoni ġiet aċċettata u implimentata minn Transport Malta.

**Awtorità tal-Artijiet**

# Applikazzjoni w interpretazzjoni mhux korretta dwar il-kriterji tal-eliġibilità

**L-ilment**

Il-persuna li ressqet l-ilment, kienet ilha impjegata mal-Awtorità tal-Artijiet għal bosta snin u ressqet ilment dwar l-eżitu ta' proċess tal-għażla li sar għall-pożizzjoni ta' Senior Manager – Credit Control, fejn hi kienet ġiet infurmata li ma kisbitx il-pass mark meħtieġa.

Il-persuna li lmentat ħasset li kienet ġiet trattata ħażin bil-marki mogħtija lilha u sostniet li l-kandidat magħżul (X) ma kellux fil-pussess tiegħu r-rekwiżiti ta' eliġibbiltà stipulati fis-Sejħa għall-Applikazzjonijiet. Għalhekk hija ressqet appell skont il-mekkaniżmi ta' rimedju interni disponibbli fi ħdan l-Awtorità tal-Artijiet u kkontestat il-marki mogħtija lilha u nsistiet li kellha l-esperjenza meħtieġa. Barra minn hekk saħqet li l-persuna maħtura ftit snin qabel kienet ġiet assenjata t-tmexxija ta' sezzjoni oħra mingħajr ma kellha l-ebda esperjenza u mingħajr ma nħarġet sejħa għall-applikazzjonijiet, u b'dan il-mod ċaħdet li mpjegati oħra fi ħdan l-istess Taqsima jkollhom il-possibilità li javvanzaw fil-karriera tagħhom. Il-persuna li lmentat sostniet li s-sejħa kienet titlob li bażikament għall-eliġibilità l-applikanti kienu jiddependu fuq l-esperjenza tax-xogħol, biex juru li kellhom mill-inqas ħmistax-il sena esperjenza fl-amministrazzjoni tan-negozju u l-finanzi jew qasam simili. Filwaqt li hija kellha aktar mis-snin ta' esperjenza meħtieġa, il-kandidat X ma ssodisfax dan l-imsemmi rekwiżit peress li l-individwu X kien ilu jokkupa l-pożizzjoni ta' Manager biss għal ftit snin, u l-esperjenza tax-xogħol preċedenti tiegħu kienet waħda teknika u qatt ma kienet ta' natura kummerċjali jew finanzjarja.

Il-Bord tal-Għażla informa lill-persuna li ressqet l-ilment li l-Awtorità kienet qed tfittex li ssib lil xi ħadd li kien kunfidenti biex imexxi tim, li huwa iffokat biex isib is-soluzzjonijiet u li kellu kemm ħiliet maniġerjali kif ukoll dawk tekniċi biex iwettaq ir-rwol u li għalkemm hi kellha l-aspett tekniku meħtieġ biex twettaq xi wħud mir-responsabbiltajiet ewlenin tal-pożizzjoni, waqt l-intervista rriżulta li ma kellhiex il-ħiliet maniġerjali xierqa.

Il-persuna li ressqet l-ilment ħassitha aggravata bit-tweġiba li ngħatat, u sostniet li hija impjegata ħabrieka u li għal diversi snin ilha taqdi b'dedikazzjoni lid-Dipartiment. Hija kompliet tisħaq dwar id-dikjarazzjonijiet tal-bord fuq it-tweġibiet li kienet tat waqt l-intervista. Sussegwentement hija rrikorriet għal assistenza ta' dan l-Uffiċċju u insistiet li l-proċess tal-għażla kien wieħed ivvizzjat peress li l-persuna maħtura naqset milli tissodisfa l-kriterji tal-eliġibilità, iżda ma talbitx lill-Ombudsman biex jinvestiga l-valutazzjoni li saret mill-Bord tal-Għażla waqt l-intervista tagħha fil-proċess tal-għażla.

**L-investigazzjoni**
Skont is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti setgħu jipproċedu għal intervista biss jekk sad-data tal-għeluq tas-sejħa kienu fil-pussess tal-kriterji ta' eliġibilità essenzjali alternattivi tal-'Person Specification' li ġejjin:

- Kwalifiki
  MQF Livell 7 f'Qasam Relatat mal-Finanzi jew Maniġment.
  **JEW**
- Esperjenza

Irid ikun ħadem direttament fl-Amministrazzjoni tan-Negozju u l-Finanzi jew f'qasam simili għal mill-inqas ħmistax-il (15) sena.

Skont min ilmenta, il-persuna maħtura (X) ma ssodisfatx il-kriterji tal-eliġibbiltà peress li ma kellhiex il-kwalifika akkademika jew l-esperjenza mitluba fis-sejħa għall-applikazzjonijiet imsemmija hawn fuq u kienet tokkupa pożizzjoni teknika qabel il-ħatra tagħha bħala Manager. Dan l-Uffiċċju għalhekk, talab lill-Awtorità sabiex tipprovdilu d-dokumentazzjoni relatata mal-proċess tal-għażla li qed jiġi eżaminat skont is-setgħat mogħtija mill-Artikolu 19 tal-Att dwar l-Ombudsman. Mill-istħarriġ tiegħu dan l-Uffiċċju kkonferma li l-persuna maħtura ma kinitx fil-

pussess ta' kwalifika akkademika f'qasam relatat mal-Finanzi jew il-Management. Għalhekk talbet il-kummenti tal-Bord tal-Għażla – kompost miċ-Chief Officer – Finanzi, l-Aġent Chief Officer – Servizzi Legali u Korporattivi ta' dak iż-żmien, u s-Senior Manager HR – dwar kif il-Bord kien ikkonkluda li X issodisfa il-kriterju tal-esperjenza stabbilit fis-sejħa, peress li d-dokumentazzjoni pprovduta lil dan l-Uffiċċju ma kinitx turi kif iż-żewġ applikanti kienu ġew ikkunsidrati eliġibbli.

Sitt xhur wara, dan l-Uffiċċju ġie infurmat mill-Bord li l-persuna maħtura kienet ilha taħdem fl-Awtorità għal diversi snin u kienet tokkupa rwol tekniku fejn l-individwu X kien responsabbli għaż-żamma tar-rekords ta' pjanti, proprjetà u akkwisti. Ġie spjegat li fl-imsemmija rwoli l-individwu X kiseb esperjenza amministrattiva peress li r-rwoli tiegħu kienu jinvolvu l-abbozzar ta' rapporti tekniċi, evalwazjonijiet ta' kull xahar ta' Avviżi Legali u ż-żamma ta' rekord aġġornat tad-data meħtieġa fil-fondi tal-Kunsilli Lokali. Għalhekk b'dan il-mod kien kiseb u kien espost għall-Amministrazzjoni tan-Negozju. Aktar tard l-impjegat X iċċaqlaq u mar f'pożizzjoni oħra minn fejn kiseb esperjenza diretta ta' xogħol fuq Finanzi, Kontijiet, Kontijiet ta' Dawl u Ilma, u Kontroll tal-Kreditu għal ħames snin. Id-dmirijiet tiegħu kienu jinvolvu li ta' kull xahar jiġri wara d-debituri, jara l-approvazzjoni ta' waqfien ta' kirjiet u ċaħda ta' pagamenti, u l-iżgurar tal-ġbir ta' arretrati u t-trasferiment ta' kontijiet ta' dawl u ilma. L-individwu X kien inkarigat li jikkomunika ma' Awtoritajiet oħra u li jżomm ir-rekords tal-inventarju. Il-Bord sostna wkoll li l-individwu X ħadem fuq bażi part-time bħala sensar fejn kien meħtieġ li jkollu ħiliet tajba ta' komunikazzjoni verbali u bil-miktub, immaniġġjar tajjeb ta' dokumenti amministrattivi, u fehim finanzjarju tajjeb biex jassisti lill-klijenti fil-bżonnijiet tal-proprjetà tagħhom. Il-Bord spjega li wara li kkunsidra s-snin ta' esperjenza tal-individwu X fl-irwoli numerużi tiegħu fl-immaniġġjar tal-Amministrazzjoni tan-Negozju u l-Finanzi, waqt li kien jaħdem fi ħdan l-Awtorità tal-Artijiet, il-Bord ħass li l-individwu X kellu jiġi meqjus bħala eliġibbli.

Sussegwentement saret laqgħa sabiex jiġu diskussi t-tweġibiet mogħtija. Għal din il-laqgħa attendew żewġ membri tal-Bord tal-Għażla li spjegaw li l-eliġibilità tal-applikanti kienet ġiet ikkunsidrata qabel ma saru l-intervisti, bil-vetting inizjali jsir mill-Konsulent tal-HR tal-Awtorità, li kien ikkonkluda li ż-żewġ applikanti ssodisfaw il-kriterji tal-eliġibbiltà. Il-membri tal-Bord iċċaraw li minkejja l-ivvettjar inizjali tal-HR, li kieku waqt l-intervista rriżulta li xi wieħed mill-applikanti ma ssodisfax il-kriterji ta' eliġibilità, dan kien ikun indikat fuq il-folja tal-marki u

kienet tittieħed deċiżjoni dwar l-eliġibilità dak il-ħin stess. Il-membri spjegaw li peress li ż-żewġ applikanti ma kellhomx il-kwalifika meħtieġa, kienu ħarsu lejn l-esperjenza miksuba mill-imsemmija kandidati fir-rwoli li kellhom, sabiex jiġi stabbilit jekk jissodisfawx il-ħmistax-il sena esperjenza meħtieġa fl-oqsma ta' 'Business Administration and Finance jew f'qasam ieħor simili'. Iċ-Chief Officer - Finanzi, irrimarkat li ż-żewġ applikanti kienu ġew assenjati fid-Direttorat tagħha u għalhekk setgħet tikkonferma li t-tnejn issodisfaw ir-rekwiżit tal-eliġibilità peress li hija konxja bl-esperjenza li għandhom. Meta ġie rrimarkat minn dan l-Uffiċċju li għalkemm il-persuna maħtura kellha l-esperjenza meħtieġa mill-2014 fid-dawl tal-karigi maniġerjali li kellha, iżda li l-imsemmija seba' snin esperjenza ma kinux biżżejjed, Membru tal-Bord irrimarka li kull rwol jinvolvi t-twettiq ta' kompiti amministrattivi. Barra minn hekk, ġie ċċarat li r-rekwiżit ta' ħmistax-il sena esperjenza fl-amministrazzjoni tan-negozju u l-finanzi kien ikun biżżejjed li kieku l-applikant kellu numru ta' snin esperjenza fl-amministrazzjoni tan-negozju u snin oħra addizzjonali ta' esperjenza fil-finanzi, dan sakemm in-numru ta' snin meta magħduda flimkien jammonta għal ħmistax-il sena. Skont il-Bord, matul is-snin meta l-persuna maħtura kienet f'pożizzjoni teknika kienet qed twettaq ukoll dmirijiet ta' amministrazzjoni tan-negozju. Konsegwentement, meta wieħed iqis is-snin ta' esperjenza li kien kiseb f'dmirijiet relatati mal-finanzi u s-snin ta' esperjenza fl-amministrazzjoni tan-negozju, il-Bord kien iddeċieda li l-individwu X kien ġab il-ħmistax-il sena esperjenza meħtieġa fis-sejħa. Iċ-Chief Officer – Finanzi kompla jelabora li l-individwu X li nħatar fil-pożizzjoni kien wettaq xogħol impekkabbli fi rwoli maniġerjali preċedenti u li hu aġixxa bħala aġent tal-proprjetà matul il-ħin liberu tiegħu, iżda rrimarka li d-deċiżjoni tal-Bord dwar l-eliġibilità tiegħu ma kinitx ibbażata fuq l-esperjenza tal-individwu X fin-negozju tal-proprjetà, iżda fuq is-snin ta' esperjenza li kien kiseb waqt li kien impjegat mal-Awtorità. Il-membri tal-Bord sostnew ukoll li kienu ddiskutew ir-rekwiżit tal-eliġibilità mal-Konsulent tal-Awtorità qabel saru l-intervisti u li dan tal-aħħar osserva li l-fatt li kien hemm imnżżla l-frażi 'jew f'qasam simili' timplika li l-esperjenza ta' applikant m'hemmx għalfejn tkun relatata mal-amministrazzjoni tan-negozju u l-finanzi.

Għal dan il-għan saret laqgħa mal-Konsulent tal-HR ta' dak iż-żmien li kkonferma li kien hu li għamel l-abbozz tas-sejħa li sussegwentement ġiet approvata mill-maniġment, fejn iċċara li s-sejħa interna ma tispeċifikax li s-snin ta' esperjenza kellhom ikunu limitati għall-impjieg tal-applikant mas-settur pubbliku/servizz pubbliku. Ikkonferma wkoll li l-applikanti ma kinux meħtieġa li jkollhom ħmistax-

il sena esperjenza fil-finanzi u ħmistax-il sena esperjenza fl-amministrazzjoni tan-negozju, iżda kien mitlub li l-esperjenza tal-applikant f'dawn l-oqsma tammonta b'kollox għal ħmistax-il sena. Il-Konsulent tal-HR spjega li wara li vverifika l-applikazzjonijiet mal-wasla tagħhom huwa ma kellu l-ebda dubju li l-persuna li lmentat kellha s-snin ta' esperjenza meħtieġa, iżda mir-rekords tas-snin ta' impjieg fis-settur pubbliku tal-individwu X ma setax jikkonkludi li dan kellu s-snin ta' esperjenza meħtieġa fil-finanzi u l-amministrazzjoni tan-negozju, u għalhekk mingħand l-individwu X talab li jingħata aktar tagħrif dettaljat. Wara laqgħa mal-individwu X, il-Konsulent tal-HR qies li huwa kien eliġibbli u dan fid-dawl tal-informazzjoni addizzjonali li ġejja:

- l-individwu X kien għal ħafna snin ħa ħsieb l-affarijiet marbuta man-negozju u l-kontijiet tal-familja tiegħu;
- l-individwu X aġixxa bħala sensar tal-proprjetà; u
- l-individwu X ikkowċja l-basketball u amministra l-affarijiet finanzjarji tan-nursery tal-basketball, u għal perjodu qasir ħafna kien ingaġġat minn klabb tal-futbol biex jamministra l-affarijiet tal-klabb.

Madanakollu l-Konsulent ammetta li ma kienx talab li jingħata dokumentazzjoni addizzjonali mingħand l-individwu X bħala prova tal-esperjenza li allega li kellu, filwaqt li sostna li kien hemm impjegati oħra tal-Awtorità li kienu rrakkomandaw lil X bħala sensar tal-proprjetà. Il-Konsulent afferma li l-membri tal-Bord tal-Għażla ma kinux tkellmu miegħu dwar l-eliġibilità tal-persuna maħtura jew mod ieħor u li l-Bord seta' jbiddel id-deċiżjoni tiegħu.

Skont l-Artikolu 22(6) tal-Att dwar l-Ombudsman dan l-Uffiċċju kellu laqgħa ukoll mal-individwu X. Il-persuna maħtura rrikonoxxiet li l-esperjenza miksuba mill-impjieg mal-Awtorità tal-Artijiet ma kinitx tissodisfa r-rekwiżiti ta' eliġibbiltà stipulati fis-sejħa għall-applikazzjonijiet. L-individwu X sostna li kien ħadem bħala sensar għal ħafna snin u li ħadem ma' kumpanija tal-proprjetà immobbli għal sena u nofs. Huwa semma wkoll li kellhom proprjetà tal-familja fejn kienu jiġu organizzati xi avvenimenti u hu flimkien ma' qarib tiegħu kienu responsabbli għall-kwistjonijiet finanzjarji tagħha. Barra minn hekk, l-individwu X għal diversi snin kien responsabbli għall-immaniġġjar ta' nursery tal-basketball, fejn kien jieħu ħsieb il-kwistjonijiet finanzjarji u l-impjieg tal-coaches, li taħt id-direzzjoni tiegħu kienu rnexxew u marru tajjeb. Wara li dan l-Uffiċċju talab biex jingħata dokumentazzjoni bil-miktub, ġie provdut b'dokument mill-eks president tal-klabb

tal-basketball illi jikkonferma li l-individwu X kien ingħata awtonomija sħiħa fl-immaniġġjar tan-nursery.

**Kunsiderazzjonijiet**

L-ilment li tressaq mill-persuna li lmentat kien jirreferi għall-eżami inizjali li kellu jsir mill-Bord tal-Għażla ladarba l-applikazzjonijiet sottomessi mill-applikanti kollha ġew ipprovduti lill-Bord mid-Dipartiment tal-HR tal-Awtorità wara d-data tal-għeluq tas-sejħa. Il-Bord tal-Għażla kien marbut li jiddetermina, qabel ma jipproċedi bl-evalwazzjoni tal-applikanti u jivverifika l-ħiliet tagħhom fil-ħidma b'mod xieraq tal-funzjonijiet għal dik il-pożizzjoni waqt l-intervista, u jara li l-kandidati kollha jissodisfaw il-kriterji bażiċi ta' eliġibilità kif stipulati fis-sejħa. Il-Bordijiet tal-Għażla m'għandhomx is-setgħa li jbiddlu jew jaġixxu differenti minn, jew jagħmlu eċċezzjonijiet għar-rekwiżiti stabbiliti fis-sejħa u għandhom jżommu b'mod strett mar-rekwiżiti tal-eliġibilità determinati qabel il-ħruġ tas-sejħa interna. Konsegwentement, kwalunkwe applikant li ma kienx jissodisfa l-imsemmija kriterji ma kellux jitressaq għall-pass li jmiss tal-proċess tal-għażla – il-proċess tal-intervisti. Skont is-sejħa għall-applikazzjonijiet, sad-data tal-għeluq tas-sejħa l-applikanti jridu jkunu fil-pussess ta' wieħed minn dawn li ġejjin:

- Grad ta' Livell 7 tal-MQF f'Qasam Relatat mal-Finanzi jew il-Maniġment;
  **jew**
- kien/et ħadem/et direttament fl-Amministrazzjoni tan-Negozju u l-Finanzi jew f'qasam simili għal mill-inqas ħmistax-il sena.

L-Ombudsman osserva li fis-sejħa għall-applikazzjonijiet, il-kandidati li l-applikazzjoni tagħhom kienet ibbażata fuq il-kriterju tal-esperjenza, kienu meħtieġa li ħadmu direttament fl-Amministrazzjoni tan-Negozju u l-Finanzi jew f'qasam simili għal mill-inqas ħmistax-il sena. Il-kliem użat fis-sejħa, partikolarment l-użu tal-frażi 'jew f'qasam simili' huwa kemxejn ambigwu, u ħalla lill-bord tal-għażla element ta' diskrezzjoni biex jinterpreta, sa ċertu punt b'mod suġġettiv, liema esperjenza tista' titqies li tissodisfa dan ir-rekwiżit. Is-sejħa naqset milli tagħti definizzjoni u tifsira preċiża tal-kriterju marbut mal-esperjenza fl-'amministrazzjoni tan-negozju u finanzi', jew tagħti aktar dettalji, bħal jekk l-esperjenza kellhiex tkun fil-livell ta' grad speċifiku, jekk l-esperjenza mitluba nkisbitx fis-settur pubbliku jew privat, u liema oqsma ta' kompetenza kellhom jitqiesu simili/komparabbli/analogi għall-esperjenza fl-amministrazzjoni tan-negozju u l-finanzi.

Ħarsa lejn kif jiġi deskritt it-terminu 'amministrazzjoni tan-negozju' fil-lettaratura disponibbli jidher li jirreferi għal xogħol ta' immaniġġjar ta' riżorsi, in-nies u l-ħin ta' organizzazzjoni. Il-professjonisti tal-amministrazzjoni tan-negozju huma deskritti bħala professjonisti li jfittxu li jiżguraw li n-negozji u l-organizzazzjonijiet jitmexxew b'mod effettiv, effiċjenti u bi profitt. Dawk involuti fl-amministrazzjoni tan-negozju ġeneralment jeħtieġu fehim bażiku tal-accounts, il-finanzi, il-marketing, ir-riżorsi umani u l-informatika peress li l-ħidma tagħhom fi ħdan organizzazzjoni jew dipartiment hija li jissorveljaw l-operazzjonijiet ġenerali. Id-dmirijiet tagħhom jistgħu jinkludu fost l-oħrajn appoġġ u sorveljanza ta' timijiet, is-soluzzjoni ta' diffikultajiet jew problemi, l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' miri u li jintlaħqu l-objettivi stabbiliti, sabiex l-organizzazzjoni/dipartiment ikun jista' isir aktar effiċjenti. It-terminu 'Esperjenza finanzjarja' tirreferi għall-għarfien u l-fehim tal-persuna tal-kunċetti u l-prattiċi finanzjarji, u teħtieġ li wieħed ikun jaf tajjeb il-prinċipji finanzjarji u li jkollu l-ħila li japplikahom f'sitwazzjonijiet li jiġu ffaċċjati kuljum. L-esperjenza fil-finanzi tinkludi l-immaniġġjar tal-fondi u l-ġbir tad-dejn u tista' tirriżulta minn impjieg fil-passat fil-finanzi jew fl-accounting, ċertifikazzjoni professjonali fl-accounting jew esperjenza simili li permezz tagħha individwu jikseb għarfien fi kwistjonijiet finanzjarji.

Dan l-Uffiċċju eżamina l-esperjenza tal-persuna maħtura, kif jixhdu s-CV tal-individwu X u l-Jobsplus Employment History u l-informazzjoni ulterjuri mogħtija minnu waqt il-laqgħa li saret f'dan l-Uffiċċju u xtarr dak li ntqal fid-diskussjonijiet li kellu mal-Bord tal-Għażla u l-Konsulent tal-HR. L-Ombudsman irrikonoxxa li l-kliem tas-sejħa ta' element ta' diskrezzjoni lill-Bord, partikolarment permezz tal-frażi 'jew simili għal'. Madankollu qies li l-Bord kien marbut li jeżerċita l-imsemmija diskrezzjoni b'mod kuxjenzjuż, jara li jkollu dokumentazzjoni u aktar kjarifiki meta l-informazzjoni pprovduta fl-applikazzjoni ma kinitx ċara biżżejjed u mhux adegwata biex turi l-esperjenza li għamel aċċenn għaliha l-applikant. Wara li fela l-kliem tas-sejħa, l-Ombudsman ma kellu ebda riserva dwar id-deċiżjoni tal-Konsulent tal-HR li jikkunsidra l-esperjenza tal-persuna maħtura fis-settur privat. Madankollu, fid-dawl tar-rwol maniġerjali għoli li għalih tirreferi l-post battal, u meta wieħed iżomm f'moħħu l-livell ta' kwalifika meħtieġa fl-imsemmija applikazzjoni sabiex tikkwalifika għal intervista – Grad ta' Livell 7 fil-Finanzi jew qasam ieħor ta' Maniġment – kien ikkunsidrat li l-esperjenza li kellha tiġi kkunsidrata mill-Bord kienet esperjenza miksuba f'livell eżekuttiv/maniġerjali u mhux dawk ta' dmirijiet amministrattivi ordinarji kif anke intqal minn wieħed mill-Membri tal-

Bord waqt il-laqgħa li saret f'dan l-Uffiċċju. Barra minn hekk, l-esperjenza bħala sensar jew fl-amministrazzjoni ta' nursery/klabb sportiv ma setgħetx titqies bħala esperjenza 'simili' fil-livell meħtieġ għall-esperjenza fl-amministrazzjoni tan-negozju u l-finanzi.

L-Ombudsman sostna li l-pożizzjoni li ħa l-Bord tal-Għażla li x-xogħol tal-persuna maħtura fi rwol tekniku jammonta għal esperjenza fl-amministrazzjoni tan-negozju kienet żbaljata. Konsegwentement, id-deċiżjoni tagħha li l-persuna maħtura kienet eliġibbli, liema deċiżjoni l-Bord jgħid li ħa wara li kkunsidra l-esperjenza amministrattiva li l-individwu X kien kiseb fir-rwol tekniku tiegħu u l-esperjenza ta' kważi seba' snin li kellu fir-rwoli maniġerjali li kien jokkupa fl-Awtorità, kienet żbaljata. Id-dmirijiet imwettqa mill-persuna maħtura fi rwoli tekniċi preċedenti kienu prinċipalment ta' natura teknika u kwalunkwe dmir amministrattiv li wettaq kienu relatati mar-rwol tekniku li dan l-individwu kien jokkupa u ċertament ma kienx fil-livell meħtieġ f'din il-pożizzjoni maniġerjali għolja. Il-persuna maħtura ammettiet li ma kellhiex il-ħmistax-il sena esperjenza meħtieġa fis-sejħa fl-irwoli okkupati mal-Awtorità, iżda sostniet li kisbet is-snin ta' esperjenza meħtieġa permezz ta' xogħol imwettaq fis-settur privat. Dan kien ikkonfermat ukoll mill-Konsulent tal-HR li kien talab li ssir laqgħa sabiex jiddiskuti l-esperjenza tal-individwu X fis-settur privat u kkonkluda li dan tal-aħħar kien eliġibbli fid-dawl tax-xogħol imsemmi, mingħajr madankollu ma talbu li jippreżenta dokumentazzjoni jew referenzi li juru b'mod aktar ċar l-esperjenza tiegħu fl-amministrazzjoni tan-negozju u l-finanzi – esperjenza li l-Ombudsman deherlu li ma setax iqis li kienet suffiċjenti biex tissodisfa r-rekwiżiti tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

F'dan ir-rigward dan l-Uffiċċju jisħaq li l-esperjenza li kandidat jgħid li kiseb f'impjiegi oħra għandha tiġi ppruvata li tkun inkisbet a) fi ħdan l-ekonomija formali (għalhekk għandha tirriżulta mill-Employment History tal-Jobsplus jew minn awtoritajiet lokali simili oħra); u b) li l-imsemmija dmirijiet twettqu f'entità li għandha attivitajiet operattivi simili għal dawk imwettqa mill-Awtorità. Fil-każ in kwistjoni, m'hemmx dubju li l-persuna maħtura kellha kważi seba' snin esperjenza rilevanti. Madankollu, dan l-Uffiċċju ma jistax jaqbel mad-deċiżjoni meħuda mill-bord tal-għażla jew mill-Konsulent tal-HR dwar is-snin ta' esperjenza li kien jonqos, peress li ma jqisx li l-esperjenza teknika tal-persuna maħtura, u lanqas ir-rwol tiegħu bħala sensar jew fit-tmexxija ta' nursery ta' klabb sportiv lokali jistgħu jiġu meqjusa bħala esperjenza fl-amministrazzjoni tan-negozju u l-finanzi fil-livell ta'

operazzjonijiet meħtieġa mill-Awtorità tal-Artijiet. Barra minn hekk, ġie nnotat li l-ebda prova dokumentata ma ġiet mitluba mill-Bord tal-Għażla jew imressqa mill-persuna maħtura dwar dak li ġie iddikjarat minnu li hu kien involut fit-tmexxija tal-finanzi ta' negozju tal-familja, attività li ma tidhirx li hija mniżżla fl-employment history tal-individwu X.

**Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**
L-għan tal-kriterji ta' eliġibilità f'kull proċess ta' għażla huwa li jiġi żgurat li dawk l-applikanti biss li jissodisfaw ir-rekwiżiti minimi jitħallew ikomplu għaddejjin bil-proċess tal-għażla u jersqu għall-intervista. Mill-investigazzjoni ta' dan l-Uffiċċju, jirriżulta li l-kriterji ta' eliġibbiltà ġew interpretati u applikati b'mod skorrett mill-Bord u mill-Konsulent tal-HR, u li l-persuna li ressqet l-ilment hija korretta li ssostni li l-persuna maħtura ma kinitx eliġibbli skont is-sejħa interna għall-applikazzjonijiet. F'dan ir-rigward dan l-Uffiċċju jinnota li min ilmenta ma kienx kiseb pass mark f'dan il-proċess tal-għażla u għalhekk ma kienx ġie direttament affettwat bid-deċiżjoni tal-Bord. Dan l-Uffiċċju jirrikonoxxi wkoll li l-persuna li ngħatat il-ħatra m'għandhiex tiġi affettwata b'mod negattiv għall-iżball tal-Bord.
Dan l-Uffiċċju għalhekk irrakkomanda li:

- jiġu stabbiliti miżuri biex jiġi żgurat li l-kriterji ta' eliġibbiltà jkunu rispettati u li għaldaqstant il-bord tal-għażla għandu dejjem b'mod 'preliminari' jagħmel screening xieraq u bir-reqqa tal-applikanti li jissottomettu l-applikazzjoni tagħhom;
- meta s-sejħiet jinħarġu b'numru ta' kriterji ta' eliġibilità, għandhom jinżammu rekords li jindikaw il-kriterju speċifiku li kull kandidat jinstab li huwa eliġibbli għalih u biex jindikaw, partikolarment fil-każ ta' applikanti li jinstabu eliġibbli/mhux eliġibbli f'termini tal-esperjenza/nuqqas ta' esperjenza tagħhom, kif kull kandidat jissodisfa l-kriterji ta' eliġibilità stabbiliti għas-sejħa speċifika;
- l-kriterji ta' eliġibbiltà m'għandhomx ikunu ġeneriċi jew vagi. L-oqsma ta' kwalifiki jew esperjenza meħtieġa għandhom ikunu ċari sabiex il-Bord tal-Għażla ma jiffaċċjax xkiel biex jivverifika jekk kandidat jissodisfax il-kriterji ta' eliġibbiltà jew le. L-użu ta' kliem ambigwi bħal 'simili', 'komparabbli' jew 'analogu' għandu jiġu evitati fl-interess tat-trasparenza u ċ-ċertezza; u
- waqt l-analiżi tad-dokumentazzjoni li kienet disponibbli lil dan l-Uffiċċju dwar dan il-proċess tal-għażla, ġie nnutat li l-fajl tal-proċess tal-għażla ma kien fih l-ebda minuta tal-bord dwar l-imġieba jew kif preżenta ruħu kull applikant. Fl-interess tat-trasparenza, għandhom jinżammu noti/minuti dwar kull applikant

u li dawn in-noti għandhom jiffurmaw parti integrali mir-rapport tal-bord tal-għażla flimkien mal-lista tal-marki mogħtija lill-kandidati mill-bord tal-għażla.

**L-eżitu**

L-Awtorità tal-Artijiet infurmat lill-Ombudsman illi aċċettat ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu u kienet ser timplimentahom.

**Awtorità tal-Artijiet**

# Nuqqas ta' koordinament f'Konċessjoni Pubblika

Ilment imressaq minn konsorzju ta' Għaqdiet mhux Governattivi (NGOs) u individwi privati (il-persuni li ressqu l-ilment) b'rabta mal-konċessjoni ta' tarzna mogħtija lil grupp ta' kumpaniji tat-tarzna.

**L-ilment**

L-ilment iffoka fuq iż-żewġ konċessjonijiet ta' tarzna mogħtija mill-Gvern fuq art pubblika lil żewġ kumpaniji (il-Kumpaniji). L-ilment elenka għadd ta' kwistjonijiet li l-persuni li ressqu l-ilment xtaqu li dan l-Uffiċċju jinvestiga, madankollu għall-finijiet ta' din in-nota dwar il-każ, l-ilment ser jiġi limitat kif ġej.

Dan l-Uffiċċju ġie infurmat minn dawk li lmentaw illi skont it-termini tal-Ftehim ta' Konċessjoni, darbtejn fis-sena kien meħtieġ li jsiru r-reviżjonijiet ta' konformità. Huma spjegaw li l-għan tar-reviżjonijiet huwa li jindirizzaw l-obbligi kuntrattwali bħal jekk il-baċiri kinux operattivi b'mod effettiv b'investimenti finanzjarji, u li tul iż-żmien tal-konċessjoni l-kumpaniji kienu konformi ma' standards ta' xogħol u standards ambjentali professjonali. Saret enfasi partikolari fuq it-tniġġis tal-istorbju u t-tniġġis tal-arja u anke dwar il-ksur possibbli tal-liġi dwar l-impjieg. Il-persuni li ressqu l-ilment infurmaw lil dan l-Uffiċċju li l-aħħar reviżjoni saret fl-2013 u li reviżjoni oħra kienet maħsuba li ssir fl-2019. Ebda informazzjoni ma kienet disponibbli dwar: a) jekk ir-reviżjoni saritx; u b) ir-riżultat tal-imsemmija reviżjoni.

**Il-fatti**

Dan l-Uffiċċju kellu l-opportunità li jara l-Ftehim ta' Konċessjoni u nnota li hemm diversi paragrafi li jirregolaw kif il-Gvern għandu jissorvelja l-użu tal-art inkwistjoni. B'mod partikolari hemm l-obbligu li l-Gvern għandu jew kwalunkwe entità/persuni li jiġu delegati minnu li jaraw **<u>li kull sena jiċċertifikaw</u>** li l-Kumpaniji qed josservaw l-obbligi u d-dmirijiet kollha tagħhom kif stipulat fil-Konċessjonijiet (il-

Paragrafi ta' Konformità). Barra minn hekk, il-Gvern għandu wkoll id-dritt li jitlob mill-Kumpaniji **darba kull sentejn** rapport tal-kundizzjoni tal-art (il-Paragrafi tar-Rapport tal-Kondizzjoni).

Matul l-investigazzjoni dan l-Uffiċċju ġie mgħarraf li r-reviżjoni tal-2019 saret minn entità tal-Gvern (Entità A). L-imsemmija Entità infurmat lil dan l-Uffiċċju li filwaqt li l-Konċessjonijiet jipprevedu li ssir ċertifikazzjoni ta' konformità annwali mill-Gvern jew id-delegat tiegħu, il-Konċessjonijiet infushom ma jispeċifikawx liema entità partikolari għandha tkun inkarigata bir-rwol li twettaq dik iċ-ċertifikazzjoni. L-Entità A ngħatat l-inkarigu 'ad hoc' mill-Ministeru responsabbli għall-Ekonomija (il-Gvern) biex twettaq l-aħħar reviżjoni (2020). Hija spjegat li ħafna mill-kwistjonijiet li għamlu referenza għalihom il-persuni li lmentaw kienu jaqgħu taħt ir-responsabbiltà diretta ta' diversi awtoritajiet regolatorji li għandhom il-funzjoni li jimmonitoraw il-konformità fi ħdan oqfsa legali speċifiċi. Meta tlestiet ir-reviżjoni, ir-riżultati tagħha ġew sottomessi lill-Ministeru. L-Entità A saħqet li, kull deċiżjoni dwar jekk l-eżitu tar-reviżjoni għandux isir pubbliku jew le ma jaqax fir-responsabbiltà tagħha imma għandu jiġi indirizzat mill-awtoritajiet tal-Gvern.
Dan l-Uffiċċju għalhekk bagħat it-talbiet tiegħu għall-informazzjoni lill-Ministeru inkwistjoni u b'mod partikolari talab li jikkonferma jekk kellux 'ownership' tal-Konċessjonijiet u, għaldaqstant, jekk kellux ir-responsabbiltà li jiżgura l-implimentazzjoni ta' dawn iż-żewġ paragrafi kemm tal-Konformità kif ukoll tar-Rapport tal-Kundizzjoni. Wara xhur ta' dewmien, dan l-Uffiċċju kien sempliċiment dirett għand l-Awtorità tal-Artijiet.

Dan l-Uffiċċju nnota li l-Artikolu 7 tal-Att dwar l-Awtorità tal-Artijiet jagħti l-kompitu dwar l-amministrazzjoni tal-art pubblika lill-Awtorità tal-Artijiet. Dan l-Uffiċċju kompla jistħarreġ l-ilment mal-imsemmija Awtorità u b'mod partikolari: a) talab dettalji dwar kif kien qed jiġi implimentat l-obbligu ta' ċertifikazzjoni annwali u jekk dak li jirriżulta kienx qed jiġi sottomess lil Ministeru partikolari/jew lil Parlament; u b) jekk qatt ġiex eżerċitat id-dritt li jintalab rapport ta' kundizzjoni, u jekk kienx hemm l-intenzjoni li dak id-dritt jiġi eżerċitat fil-futur qarib.

Wara aktar dewmien dan l-Uffiċċju reġa' ġie infurmat li l-Ftehim ta' Konċessjoni ma kien jaħtar lil ebda dipartiment jew entità speċifika bir-responsabbiltà li twettaq iċ-ċertifikazzjoni annwali. Saħaq ukoll li l-obbligi tal-Kumpaniji taħt l-imsemmija Konċessjonijiet kienu wiesgħa u mifruxa u kienu jinkludu (fost l-oħrajn) oqsma

speċjalizzati li kienu lill'hinn mill-kompetenza tal-Awtorità u kienu regolati minn regolaturi speċjalizzati separati mill-Awtorità. Għalhekk, ma setgħetx twettaq reviżjoni komprensiva ta' konformità kif deskritt fil-Ftehim ta' Konċessjoni. Dan l-Uffiċċju ġie infurmat ukoll li l-Awtorità tal-Artijiet setgħet tieħu azzjoni biss jekk tiġi nnotifikata formalment minn korpi regolatorji (inkarigati li jissorveljaw l-oqsma speċifiċi speċjalizzati tagħhom) dwar nuqqas ta' konformità/ksur mill-Kumpaniji. Dan l-Uffiċċju staqsa jekk kienx hemm xi mezzi/sistemi formali ta' komunikazzjoni stabbiliti bejn l-Awtorità tal-Artijiet u r-regolaturi l-oħra. L-Awtorità kkonfermat li sa Mejju 2023 ma kien hemm l-ebda mezzi/sistemi/modi formali ta' komunikazzjoni fis-seħħ bejn l-Awtorità u l-korpi regolatorji.

Dan l-Uffiċċju josserva li fir-reazzjoni mogħtija mill-Awtorità tal-Artijiet, ma saret l-ebda referenza għad-dritt mogħti lill-Gvern skont it-termini tal-Konċessjonijiet li dan jitlob li jingħata rapport dwar l-istat tal-fond inkwistjoni

**L-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA)**

Peress li t-tħassib ewlieni u possibbilment l-aktar urġenti tal-persuni li ressqu l-ilment kien dak dwar it-tniġġis ambjentali, dan l-Uffiċċju deherlu li għandu jitlob aktar tagħrif mill-Awtorità tal-Ambjent u r-Riżorsi (ERA). Ġie infurmat li l-Awtorità bħala regolatur kienet qed tissorvelja b'mod attiv (inkluż permezz ta' spezzjonijiet notifikati/mhux notifikati) l-attività operattiva tal-Kumpaniji. Għal dak li għandu x'jaqsam mar-regolamentazzjoni tal-emissjonijiet miċ-ċmieni tal-bastimenti, l-ERA infurmat lil dan l-Uffiċċju li dan jaqa' taħt il-mandat ta' Transport Malta. Barra minn hekk, it-tip u l-kwalità tal-fjuwils użati mill-bastimenti fl-ibħra territorjali Maltin li jinkludu l-portijiet kienu jaqgħu taħt il-mandat tar-Regolatur għall-Enerġija u s-Servizzi tal-Ilma. Dan l-Uffiċċju jinnota, li r-risposti pprovduti jindikaw li l-qafas regolatorju li jaffettwa l-istatus ambjentali taż-żoni tal-port huwa kumpless u maqsum f'biċċiet.

**Talbiet għall-Kunfidenzjalità u l-Libertà tal-Informazzjoni**

Għal dak li għandu x'jaqsam mal-leġiżlazzjoni li tittratta l-ksib tal-informazzjoni mill-awtoritajiet pubbliċi, dan l-Uffiċċju jagħmel referenza għall-Att dwar il-Libertà tal-Informazzjoni (Kapitolu 496 tal-Liġijiet ta' Malta) u r-Regolamenti dwar il-Libertà ta' Aċċess għal Informazzjoni dwar l-Ambjent L.S. 549.39). Filwaqt li din tal-aħħar tittratta speċifikament l-informazzjoni ambjentali u ssemmi lill-ERA bħala l-'awtorità kompetenti', l-Att dwar il-Ħelsien tal-Informazzjoni

għandu applikazzjoni ħafna aktar wiesa fejn ma tiġix identifikata ebda awtorità pubblika speċifika. Dan l-Uffiċċju jinnota li t-talba lill-FOI għandha tiġi diretta lill-awtorità pubblika li tħaddan din l-informazzjoni meħtieġa. Il-liġi tipprovdi wkoll il-possibbiltà li l-awtorità pubblika oriġinali tittrasferixxi t-talba lil awtorità oħra (li seta' ikollha l-informazzjoni mitluba). Dan l-Uffiċċju josserva li kollox huwa marbut mal-għarfien dwar liema awtorità pubblika (kemm mill-persuna li titlob l-informazzjoni kif ukoll mill-awtorità pubblika li setgħet irċeviet it-talba iżda li jista' ma jkollhiex l-informazzjoni) għandha fil-pussess l-informazzjoni meħtieġa.

**Kunsiderazzjonijiet**

L-ewwel punt li ġie meqjus fl-investigazzjoni kien dak tal-Ftehim ta' Konċessjoni u b'mod partikolari l-Paragrafi ta' Konformità. Dan l-Uffiċċju jinnota li dawn huma miktuba b'mod wiesa' ħafna bil-ħsieb li jiġi żgurat li l-Kumpaniji mhux biss jikkonformaw mal-obbligi u d-dmirijiet tagħhom kif mitlub fil-Konċessjonijiet infushom, iżda wkoll ma' kull obbligu ieħor li jirriżulta b'mod ġenerali b'konsegwenza tal-liġijiet li jirregolaw l-aspetti varji tal-operat tagħhom. Il-Paragrafi tar-Rapport dwar il-Kundizzjoni jieħu s-sorveljanza tal-art pass 'il quddiem billi jagħti d-dritt lill-Gvern li jitlob rapport dwar il-kundizzjoni kull sentejn.

Minħabba l-firxa vasta ta' obbligi kuntrattwali u regolatorji li bihom huma mgħobbija l-Kumpaniji, il-Gvern b'mod prudenti ħa f'idejh l-obbligu li kull sena jiċċertifika, li tali obbligi u doveri qed jiġu mwettqa u miżmuma kif suppost. Il-Konċessjonijiet jagħtu wkoll lill-Gvern il-fakultà li jiddelega dan l-obbligu taċ-ċertifikazzjoni lil kull entità jew persuna li jidhirlu xierqa. Filwaqt li l-paragrafu kif huwa abbozzat jippermetti lill-Gvern li jkollu flessibbiltà aħħarija, ħoloq ukoll sitwazzjoni fejn sakemm din id-delega ma ssirx bl-aktar mod ċar, it-twettiq ta' dan l-obbligu jirriskja, li jintilef u jisfuma ħelu ħelu – fis-sens li l-ebda ministeru/dipartiment jew entità msemmija m'għandu/m'għandha r-responsabbiltà li jwettaq/twettaq ir-reviżjoni ta' konformità obbligatorja jew jitlob/titlob għar-rapport tal-kundizzjoni.

Għaldaqstant, l-investigazzjoni, bilfors kellha tiġi estiża sabiex tiddetermina:

a) liema ministeru/dipartiment/entità kellu 'ownership' ta' dawn il-Konċessjonijiet;
b) liema entità ġiet fdata biċ-ċertifikazzjoni annwali; u
c) jekk qattx intalab Rapport tal-Kundizzjoni mill-Kumpaniji.

Fit-tweġibiet tagħha l-Entità A infurmat lil dan l-Uffiċċju li hi tirċievi l-istruzzjonijiet tagħha mingħand il-Ministeru għall-Ekonomija. Il-Ministeru min-naħa tiegħu irrefera lil dan l-Uffiċċju għand l-Awtorità tal-Artijiet. Din l-Awtorità tal-aħħar, minkejja li għandha r-rwol tagħha bħala l-amministratur tal-art pubblika rrifjutat li tieħu 'ownership' tal-konċessjonijiet billi semmiet il-kwistjoni tal-operat tal-kumpaniji li jaqgħu taħt il-kompetenza ta' diversi oqsma regolatorji speċjalizzati li min-naħa tagħhom huma regolati minn awtoritajiet speċifiċi.

Il-kliem użat fil-Paragrafi ta' Konformità jagħti x'jifhem li l-intenzjoni kienet li entità waħda jkollha sorveljanza aħħarija fuq l-obbligi ta' konformità tal-Kumpaniji. Ta' min jinnota li fiż-żmien tal-għoti tal-Konċessjonijiet kien hemm bla dubju diġà għarfien tal-aspett regolatorju kumpless li jirregola l-operat tal-Kumpaniji. Bħala tali, iċ-ċertifikazzjoni kif prevista fil-Paragrafi ta' Konformità bla dubju teħtieġ li wieħed jasal għaliha fuq żewġ livelli. L-ewwel waħda hija l-ħidma regolatorja mwettqa mir-regolaturi speċjalizzati individwali u t-tieni hija l-koordinazzjoni u l-amalgamazzjoni tax-xogħol regolatorju inizjali biex tinħoloq stampa olistika tal-istatus ta' konformità tal-Kumpaniji.

Waqt l-investigazzjoni ġie nnutat li, il-koordinazzjoni bejn id-diversi korpi regolatorji li 'jissorveljaw' aspett jew ieħor tal-operazzjonijiet tal-Kumpaniji kienet pjuttost limitata. Dan l-Uffiċċju sab ukoll li n-nuqqas ta' koordinazzjoni kienet trawwem tip ta' mentalità magħrufa bħala silo mentality, jiġifieri fejn l-id il-leminija ma kinitx taf x'qed tagħmel ix-xellugija, u dan jirriżulta f'nuqqas ta' sorveljanza xierqa fl-użu ta' art u faċilitajiet li għandhom valur kummerċjali elevat ħafna. Dan il-fatt mhux biss huwa għall- iżvantaġġ tal-Gvern, iżda wkoll, b'mod aktar ġenerali għal kull min iħallas it-taxxa. Dan l-Uffiċċju nnota wkoll li min-naħa tal-amministrazzjoni pubblika kien hemm reżistenza biex lill-persuni li ressqu l-ilment tingħatalhom konferma jew mod ieħor jekk hi stess tissodisfax l-obbligi tagħha skont it-termini tal-Konċessjonijiet – bla dubju minħabba l-imsemmija silo mentality u n-nuqqas ta' għarfien fi ħdan l-amministrazzjoni pubblika nnifisha dwar liema ministeru/dipartiment/entità kellu r-responsabbiltà aħħarija għall-Konċessjonijiet. Din il-qagħda fixklet mhux ftit kull sforz biex tinkiseb xi informazzjoni mill-pubbliku inklużi mill-persuni li ressqu l-ilment, dwar l-immaniġġjar tal-imsemmija Konċessjonijiet, li għalhekk ħolqot kwistjonijiet sinifikanti ta' kontabilità.

**Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet preliminari**

Il-prinċipji dwar amministrazzjoni pubblika tajba jiddettaw li l-assi pubbliċi għandhom jiġu mmaniġġjati b'mod ċar u trasparenti biex tiġi żgurata kontabilità xierqa. Filwaqt li dan l-Uffiċċju japprezza li l-immaniġġjar xieraq tal-assi pubbliċi bħat-tarzni fil-kwistjoni teħtieġ għarfien espert u ħidma loġistika sinifikanti, dan l-Uffiċċju ma jistax ma josservax li waqt l-investigazzjoni tiegħu kien hemm nuqqas ċar ta' inizjattiva mill-amministrazzjoni pubblika biex jintrefgħu r-responsabbiltajiet kif stabbilit mill-Konċessjonijiet.

Jidher li filwaqt li ġew stabbiliti salvagwardji fil-Konċessjonijiet infushom biex jiġi żgurat li l-Gvern ikollu l-għodda meħtieġa biex verament jimmonitorja l-operat tal-Kumpaniji – l-użu xieraq tal-imsemmija għodod baqa' ftit jew wisq mhux utilizzat u prattikat.

In-nuqqas ta' ċarezza dwar liema entità jew ministeru kellu r-responsabbiltà għall-Konċessjonijiet wassal biex anke l-kontabiltà tkun kemmxejn problematika. Li barra minn hekk ikkawżat ukoll kwistjonijiet għall-partijiet interessati sabiex jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom għall-aċċess għall-informazzjoni.

Dan l-Uffiċċju, għalhekk, irrakkomanda li:

a) l-amministrazzjoni pubblika ċentrali, tieħu f'idejha u tiddeċiedi liema ministeru/entità għandu/għandha r-responsabbiltà ġenerali għall-Konċessjonijiet u jagħmel/tagħmel dik l-informazzjoni pubblika;
b) l-amministrazzjoni pubblika ċentrali taħtar il-ministeru/dipartiment/entità responsabbli biex twettaq iċ-ċertifikazzjoni annwali u wkoll tara li dik l-informazzjoni tkun pubblika; u
ċ) l-amministrazzjoni pubblika ċentrali jew il-ministeru/entità li għandha r-responsabbiltà ġenerali għall-Konċessjonijiet tara li jiġu ippubblikati kull sena:
    i) jekk sarx l-eżerċizzju ta' ċertifikazzjoni annwali;
    ii) jekk kienx mitlub rapport tal-kundizzjoni u mgħoddi lill-Gvern; u
    iii) l-informazzjoni dwar kwalunkwe azzjoni oħra meħuda mill-Gvern skont xi dritt jew obbligu li joħroġ mill-Konċessjonijiet għall-finijiet li ssir sorveljanza xierqa fuq l-użu tal-art mill-Kumpaniji.

**Ir-Rapport Interim u l-eżitu**

Minħabba li l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet ta' dan l-Uffiċċju neċessarjament kienet teħtieġ il-koordinazzjoni ta' numru ta' regolaturi li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà ta' Ministeri differenti, dan l-Uffiċċju għażel li jinkludi

f'Rapport Interim dak li rriżulta mill-investigazzjoni tiegħu, (li kien jinkludi wkoll ir-rakkomandazzjonijiet preliminari kkwotati aktar 'l fuq). Ir-Rapport Interim intbagħat lill-amministrazzjoni pubblika ċentrali sabiex tagħti r-reazzjoni tagħha. Intbagħtet ukoll kopja tar-Rapport Interim lill-entitajiet/ministeri ewlenin. Sussegwentement dan l-Uffiċċju ġie infurmat li l-imsemmi rapport ġie diskuss fit-tul mal-partijiet interessati kollha involuti u ngħata l-kummenti li ġejjin:

a) L-Awtorità tal-Artijiet tqieset li għandha l-'ownership' u r-responsabbiltà ġenerali għall-Konċessjonijiet.
b) Fir-rigward taċ-ċertifikazzjoni annwali dan l-Uffiċċju ġie infurmat li, minkejja li ma kien hemm ebda delegazzjoni formali fit-twettiq taċ-ċertifikazzjoni annwali rispettiva, dan ir-rekwiżit tlesta.
ċ) Kwalunkwe talbiet għal informazzjoni se jiġu trattati u indirizzati skont l-Att dwar il-Libertà tal-Informazzjoni, Kapitolu 496 (Liġijiet ta' Malta).

It-tweġiba mogħtija indirizzat waħda mill-kwistjonijiet ewlenin li dwarhom inġibdet l-attenzjoni minn dan l-Uffiċċju, fis-sens li tidentifika b'mod ċar lill-Awtorità tal-Artijiet bħala l-entità li għandha r-responsabbiltà ġenerali għall-Konċessjonijiet. Kif diġà ġie innotat aktar 'l fuq, dan huwa ta' vantaġġ kemm għall-amministrazzjoni pubblika, li issa kellha punt ta' referenza ċar għal dawn il-Konċessjonijiet, kif ukoll għall-pubbliku ġenerali li l-mezz sabiex jippreżenta talbiet għall-FOI sar ħafna aktar faċli.

Madankollu, fit-tweġiba ipprovduta, jidher li l-piż tar-responsabbiltà li jiżgura t-trasparenza u r-responsabbiltà tal-immaniġġjar tal-amministrazzjoni pubblika tal-Konċessjonijiet fuq it-talbiet kien tal-FOI. Filwaqt li dawn it-talbiet huma utli, fis-sens li huma mezzi li permezz tagħhom tista' tinkiseb l-informazzjoni, dawn għandhom il-limitazzjonijiet. Dawn it-talbiet jeħtieġu azzjoni pożittiva minn parti interessata li tista' twassal jew ma twassalx li tingħata l-informazzjoni. Fi kliem ieħor, dawn huma mezzi u modi kif jillimitaw l-għoti ta' informazzjoni li l-effettività tagħhom tista' titnaqqas ħafna jekk ma jintużawx b'mod korrett.

**Il-Konklużjonijiet finali u r-rakkomandazzjonijiet**

It-trasparenza u l-kontabilità tal-azzjonijiet jew in-nuqqas ta' azzjonijiet tal-amministrazzjoni pubblika fl-immaniġġjar ta' dawn il-Konċessjonijiet, m'għandhomx ikunu sempliċement dipendenti fuq il-possibbiltà li jiġu ppreżentati talbiet lill-FOI. Il-vera trasparenza u kontabilità jeħtieġu li jiġu trattati minn żewġ

lati fejn fuq in-naħa l-waħda għandek it-talbiet lill-FOI filwaqt li fuq in-naħa l-oħra għandek l-informazzjoni li hija disponibbli għall-pubbliku.

1) Dan l-Uffiċċju, għalhekk, irrakkomanda li l-informazzjoni li għandha x'taqsam mal-ħidma tal-Gvern li jwettaq b'mod konformi u jissorvelja l-obbligi tiegħu għandha tiġi ppubblikata u tkun disponibbli b'mod faċli għall-pubbliku u mingħajr il-ħtieġa li dan tal-aħħar jieħu xi passi oħra, kif ukoll il-pubblikazzjoni kull sena ta' dan li ġej:
   a) jekk sarx kull sena l-eżerċizzju ta' ċertifikazzjoni;
   b) jekk kienx mitlub rapport tal-kundizzjoni u jekk dan ġiex mgħoddi lill-Gvern; u
   ċ) informazzjoni dwar kull azzjoni oħra meħuda mill-Gvern b'konsegwenza ta' dritt jew obbligu li joħroġ mill-Konċessjonijiet għall-finijiet li ssir sorveljanza xierqa fuq l-użu tal-art mill-Kumpaniji.
2) Barra minn hekk, jekk ir-responsabbiltà ġenerali tal-Konċessjonijiet tiġi mgħoddija lil xi ministeru/dipartiment/entità oħra, allura din ukoll għandha ssir pubblika mingħajr dewmien.

**L-eżitu**

Dan l-Uffiċċju ġie infurmat li l-Gvern iddelega formalment lill-Awtorità tal-Ambjent u r-Riżorsi, Transport Malta u lid-Dipartiment għar-Relazzjonijiet Industrijali u tax-Xogħol sabiex jassistu lill-Awtorità tal-Artijiet biex twettaq il-kompitu tal-konformità meħtieġa li joħroġ mill-imsemmija ftehim ta' konċessjoni. L-Awtorità tal-Artijiet, li hija s-sid u dik li għandha d-dmir li tissorvelja dawn il- konċessjonijiet, ġiet inkarigata li tibda l-koordinazzjoni f'dan ir-rigward.

# Prattiċi li jimponu tariffi skont il-lokazzjoni ġeografika jiġu meqjusa inġusti

**L-ilment**

L-individwu li ressaq l-ilment kien fil-proċess li jingħata self għal xiri ta' proprjetà (loan) minn istituzzjoni bankarja lokali. Bħala garanzija għal dan is-self, kien hemm bżonn li jiġi reġistrat ipoteka mar-Reġistru tal-Artijiet fuq żewġ proprjetajiet immobbli, waħda li tinsab f'Malta u l-oħra f'Għawdex. Meta n-Nutar ressaq it-talbiet għan-nom tal-klijent tiegħu, dan ġie informat li peress li waħda mill-proprjetajiet kienet tinsab fi gżira differenti, kellhom isiru żewġ reġistrazzjonijiet u għalhekk l-individwu li lmenta kien ser jeħel il-ħlas dovut għar-reġistrazzjoni darbtejn. Li kieku l-imsemmija proprjetajiet kienu jinsabu t-tnejn f'Malta jew it-tnejn f'Għawdex dan ma kienx ikun il-każ.

Min ilmenta ħass illi din il-prattika kienet waħda inġusta u diskriminatorja u għalhekk ressaq ilment ma' dan l-Uffiċċju. Fl-ilment tiegħu sostna li lokalment hemm Reġistru wieħed tal-Artijiet għaldaqstant m'għandu jkun hemm l-ebda distinzjoni bejn il-proprjetajiet li jinsabu f'Malta u dawk li jinsabu f'Għawdex. Għalhekk min-naħa tiegħu talab li l-ispejjeż imposti għar-reġistrazzjoni tal-ħlas ikunu l-istess bħal dawk mitluba li kieku ż-żewġ proprjetajiet kienu jinsabu fuq l-istess gżira.

**Il-fatti**

L-iskeda II tar-Regoli tar-Reġistrazzjoni tal-Artijiet (Leġiżlazzjoni Sussidjarja 296.01) tipprovdi lista ta' tariffi għar-reġistrazzjoni ta' diversi applikazzjonijiet ta' reġistrazzjoni.

It-Tariffa Nru 7 speċifikament telenka l-ħlas dovut f'applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' ipoteka fuq proprjetà immobbli u din qed tiġi riprodotta hawn taħt sabiex tiffaċilita li wieħed ikun jista' jagħmel referenza għaliha.

| | | |
|---|---|---|
| 7. | Applikazzjoni għall-ipoteka fuq titolu reġistrat, għal kull elf euro (€1,000) jew parti minnha<br><br>Fejn l-ipoteka tinkludi diversi proprjetajiet u applikazzjonijiet differenti, u l-valur tal-ipoteka ikun iddikjarat bħala wieħed sħiħ, għandha tiġi imposta t-tariffa sħiħa għall-ewwel applikazzjoni u għal kwalunkwe applikazzjoni addizzjonali, kemm jekk sottomessa fil-fergħa ta' Malta jew fil-fergħa ta' Għawdex, u irrispettivament fejn tkun ġiet sottomessa l-ewwel applikazzjoni, għandha tiġi imposta t-tariffa ta':<br><br>Tariffa minima | € 1.00<br><br><br>€20.00<br><br><br><br><br><br><br><br>€30.00 |

Kif inhi l-prattika, dan l-Uffiċċju talab lill-Aġenzija tar-Reġistru tal-Artijiet sabiex tagħti r-reazzjoni u l-kummenti tagħha dwar dan l-ilment u b'mod partikolari għaliex ir-reġistrazzjoni tal-istess ipoteka fuq żewġ proprjetajiet li jinsabu fuq żewġ gżejjer differenti tiswa kważi d-doppju ta' dak għal reġistrazzjoni ta' ipoteka fuq żewġ proprjetajiet li jinsabu fuq l-istess gżira.

Dan l-Uffiċċju ġie infurmat li skont l-Att dwar ir-Reġistru tal-Artijiet, ir-Reġistru tal-Artijiet jikkonsisti f'żewġ fergħat, waħda f'Malta fejn huma reġistrati titli fuq art li jinsabu f'dik il-gżira u waħda f'Għawdex fejn jiġu reġistrati titli fuq art f'Għawdex. L-Aġenzija kompliet telabora li sal-lum l-interpretazzjoni tal-Att dwar ir-Reġistrazzjoni tal-Artijiet (Kapitolu 296 tal-Liġijiet ta' Malta) kienet li l-ipoteka fuq proprjetà ta' Malta tiġi reġistrata f'Malta filwaqt li ipoteka fuq proprjetà f'Għawdex tkun reġistrata f'Għawdex, anke jekk din kienet l-istess ipoteka gravanti fuq żewġ propjetajiet separati. Għalhekk, dan ifisser li kellu jiġi impost ħlas ta' reġistrazzjoni sħiħ għaż-żewġ reġistrazzjonijiet. Fit-tweġibiet tagħha l-Aġenzija għamlet referenza wkoll għall-Att dwar ir-Reġistru Pubbliku li jippermetti reġistrazzjonijiet multipli (għall-istess proprjetà) skont ir-residenza tan-Nutar u l-post tal-imsemmija proprjetà. L-Aġenzija ddikjarat li għalhekk, wieħed seta' jqabbel il-mod kif jiffunzjona r-Reġistru tal-Artijiet mal-mod kif jiffunzjona r-Reġistru Pubbliku. Inġibdet l-attenzjoni wkoll għall-fatt li meta twaqqaf ir-Reġistru tal-Artijiet (il-liġi daħlet fis-seħħ fl-1981) kien dipendenti għal kollox fuq sistemi analogi li kellhom il-limitazzjonijiet tagħhom. Dan kien ifisser li fil-prattika,

ġew stabbiliti żewġ fergħat li kienu amministrattivament separati minn xulxin. Din is-separazzjoni amministrattiva għadha hekk sal-lum. Madankollu, l-Aġenzija infurmat lil dan l-Uffiċċju li kienet tinsab fil-proċess li twaqqaf pjattaforma online għar-reġistrazzjonijiet, biex b'hekk tiffaċilita l-ħolqien ta' reġistru amministrattiv wieħed għall-arċipelagu kollu. L-Aġenzija, madankollu, żiedet tgħid li dan ikun jeħtieġ ukoll li jsiru emendi fil-qafas leġislattiv li hemm bħalissa.

**Kunsiderazzjonijiet**
Dan l-Uffiċċju nnota li r-Reġistru Pubbliku u r-Reġistru tal-Artijiet huma żewġ reġistri distinti. Tal-ewwel irregolat mill-Att dwar ir-Reġistru Pubbliku (Kapitolu 56 tal-Liġijiet ta' Malta) u tal-aħħar mill-Att dwar ir-Reġistru tal-Artijiet (Kapitolu 296 tal-Liġijiet ta' Malta). Dan l-Uffiċċju, għalhekk, ma qabilx mal-pożizzjoni adottata mill-Aġenzija fejn deċiżjonijiet dwar kwistjonijiet dwar ir-Reġistru tal-Artijiet huma influwenzati minn liġi li tirregola reġistru kompletament separat. Madankollu, irrikonoxxiet li jekk il-liġi li tirregola r-Reġistru tal-Artijiet, għamlet referenza għall-Att dwar ir-Reġistru Pubbliku, allura huwa l-leġislatur li talab li ssir dik il-'konnessjoni'. Jekk ma ssir l-ebda referenza speċifika allura kwalunkwe tip ta' interpretazzjoni parallella ma tkunx ġustifikata.

Dan l-Uffiċċju nnota li l-Att dwar ir-Reġistrazzjoni tal-Artijiet jirreferi għar-Reġistru tal-Artijiet bħala uffiċċju wieħed, b'Reġistratur tal-Artijiet wieħed, li għandu żewġ fergħat. Ma ssir ebda referenza għal żewġ reġistri ta' titoli separati wieħed għal Malta u l-ieħor għal Għawdex minkejja li fil-prattika dawn bħalissa huma amministrativament separati. L-avviż legali li jistabbilixxi t-tariffi li għandhom jiġu imposti, jaħseb speċifikament għall-każ meta l-ipoteka trid tiġi reġistrata fuq aktar minn proprjetà immobbli waħda (li fiha nnifisha teħtieġ is-sottomissjoni ta' applikazzjonijiet multipli). F'każijiet bħal dawn il-miżata sħiħa trid titħallas darba biss u kwalunkwe applikazzjonijiet addizzjonali li jirreferu għal proprjetajiet immobbli oħra li fuqhom jeħtieġ li tiġi rreġistrata l-istess ipoteka jattiraw tariffa fissa ta' €20. Ma ssir l-ebda referenza għal reġistri differenti jew għall-fergħat tar-reġistru separati. L-enfasi għandha ssir fuq ir-reġistrazzjoni ta' ipoteka waħda. Kieku l-leġislatur kellu l-intenzjoni u l-ħsieb li jkun hemm żewġ tariffi sħaħ imposti f'każijiet bħal dak li qed jiġi eżaminat, allura dan kien ikun iddikjarat b'mod ċar fil-liġi.

**Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

Dan l-Uffiċċju kien tal-fehma li l-interpretazzjoni adottata mill-Aġenzija dwar kif għandhom jinġabru t-tariffi ma kinitx konformi ma' dak iddikjarat fit-Tariffa Nru 7. Hu saħaq li l-istruttura amministrattiva attwali m'għandhiex twassal biex it-tariffi kif stipulati bil-liġi jsiru b'mod li dawn jissarfu fi żvantaġġ għal kull min jagħmel użu mis-servizz. L-interpretazzjoni attwali ta' din it-tariffa kienet meqjusa bħala waħda inġusta.

Filwaqt li dan l-Uffiċċju faħħar l-inizjattiva li jsir reġistru onlajn, li bla dubju ser jiffaċilita l-affarijiet għal dawk kollha li jagħmlu użu mis-servizz, huwa konxju li bidla bħal din ma tistax isseħħ mil-lum għal għada. Sadanittant, dan l-Uffiċċju, għalhekk, irrakkomanda li t-Tariffa Nru 7 tiġi applikata skont kif inhi miktuba fil-liġi mingħajr ebda distinzjoni dwar jekk il-proprjetajiet li fuqhom jeħtieġ li jiġi reġistrat it-titolu, humiex f'gżira waħda jew kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex.

**L-eżitu**

Fit-tweġiba tagħha l-Aġenzija tar-Reġistru tal-Artijiet iddikjarat li fid-dawl tas-separazzjoni attwali tal-fergħat tar-Reġistru tal-Artijiet, il-qafas legali preżenti u l-istruttura amministrattiva tal-Aġenzija ma kinitx lesta li fi żmien qasir tibdel il-prattika stabbilita tagħha li jintalab il-ħlas tat-tieni miżata sħiħa meta l-ħlas ġie rreġistrat fuq it-tieni proprjetà misjuba fuq gżira differenti mill-ewwel proprjetà. Madankollu, tenniet l-impenn tagħha li qed tippjana li tistabbilixxi pjattaforma onlajn fejn is-sottomissjoni għat-talbiet kollha għar-reġistrazzjoni ssir permezz ta' online portal wieħed. L-introduzzjoni ta' din is-sistema l-ġdida tkun marbuta ma' bidliet fil-qafas leġislattiv attwali inkluż t-tibdil f'uħud mill-proċessi.

Ladarba r-rakkomandazzjoni ta' dan l-Uffiċċju ma ġietx implimentata, skont l-Artikolu 22 tal-Att dwar l-Ombudsman, l-Ombudsman bagħat l-Opinjoni Finali bir-rakkomandazzjoni tiegħu għall-attenzjoni tal-Prim Ministru. Dan qanqal aktar diskussjonijiet fi ħdan l-amministrazzjoni pubblika sakemm finalment ġie deċiż li tiġi ċċarata l-interpretazzjoni tat-Tariffa 7 u jiġu eliminati l-anomaliji attwali permezz ta' emenda fir-Regoli tar-Reġistrazzjoni tal-Artijiet. Għal dan il-għan, fit-12 ta' Lulju 2024 ġie ppubblikat l-Avviż Legali 156 tal-2024 li bih ġie ċċarat li meta jiġi reġistrat ħlas għal proprjetajiet multipli li jinsabu fi gżejjer differenti, titħallas tariffa darba biss fuq l-ewwel proprjetà u għal kull proprjetà addizzjonali tkun teħtieġ li titħallas it-tariffa nominali fissa.

**Ministeru għall-Intern, Is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza**

# Dmirijiet ta' riserva mhux rikonoxxuti għall-għoti tal-midalja

**L-ilment**
Uffiċjal tal-Pulizija rtirat ressaq ilment lill-Ombudsman dwar l-eliġibilità tiegħu għall-Midalja għal Servizz Twil u Effiċjenti wara li serva kemm bħala Uffiċjal tal-Pulizija Regolari kif ukoll bħala Riżerva fil-Korp tal-Pulizija ta' Malta. L-ilment tiegħu kien li minkejja li kellu servizz estensiv ta' kważi tlieta u tletin sena, inklużi sitt snin bħala Kuntistabbli tal-Pulizija ta' Riżerva, ġie miċħud b'mod inġust li jingħata l-Midalja għal Servizz Twil u Effiċjenti u l-clasps.

**L-investigazzjoni**
Ir-Regoli dwar Unuri, Għotjiet u Dekorazzjonijiet jistipulaw li l-midalja tingħata wara 18-il sena ta' servizz effiċjenti b'karattru u mġiba eżemplari, bi clasps addizzjonali mogħtija għal snin ta' aktar servizz.

Il-Ministeru għall-Intern, Is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza ċaħad l-għoti tal-midalja minħabba r-rekord dixxiplinarju tal-individwu li ressaq l-ilment. Min ilmenta kien tabilħaqq ġie dixxiplinat għal sitt reati, iżda l-aħħar wieħed kien seħħ aktar minn għaxar snin qabel. Skont policy approvata mill-Kummissarju tal-Pulizija kellhom jgħaddu għaxar snin mingħajr aktar reati biex l-Uffiċjal tal-Pulizija jkun eliġibbli għal premju. Peress li l-awtoritajiet ma ħadux konjizzjoni tas-servizz ta' riserva għall-għoti tal-midalja, skont il-kalkoli tagħhom l-għaxar snin stipulati kienu għadhom ma għaddewx. Dan il-fatt wassal biex ikun imċaħħad min-numru ta' snin fis-servizz meħtieġ biex jingħata l-medalja.

**Konklużjoni u rakkomandazzjoni**

L-Ombudsman sostna li mhux raġonevoli li d-dmirijiet ta' riżerva, li kienu simili għal dmirijiet regolari tal-pulizija, ma jkunux rikonoxxuti għall-għoti tal-midalja. Wara kollox, Uffiċjali tal-Pulizija regolari u ta' riserva iwettqu xogħol kumplimentari u kull wieħed iservi lill-pubbliku.

L-Ombudsman ikkonkluda li l-individwu li ressaq l-ilment sofra inġustizzja u rrakkomanda li s-servizz totali tiegħu jiġi rikonoxxut, u b'hekk ikun eliġibbli għall-midalja u l-clasps.

**L-eżitu**

Il-Ministeru u l-Prim Ministru ma implimentawx ir-rakkomandazzjoni tal-Ombudsman, għaldaqstant ir-rapport intbagħat lill-Kamra tad-Deputati fl-4 ta' Ġunju 2024.

# Għandha tingħata attenzjoni lill-kriterji tal-eliġibilità u tal-għażla

**L-ilment**
Il-persuna li ressqet l-ilment bagħtet applikazzjoni għall-post ta' Assistent Personali lid-Direttur Ġenerali fi ħdan Awtorità skont sejħa interna għall-applikazzjonijiet iżda ma ġietx aċċettata. Hija kienet tal-fehma li l-proċess kollu kien irregolari u inġust u għalhekk irrikorriet sabiex tressaq ilment ma' dan l-Uffiċċju.

L-ilment elenka diversi kwistjonijiet:

1) Is-sejħa naqset milli tidentifika b'mod ċar f'liema Direttorat se jwettaq il-ħidma tiegħu l-kandidat magħżul. Tabilħaqq, l-informazzjoni kienet konfliġġenti.
2) Il-persuna li ressqet l-ilment staqsiet jekk il-kandidati l-oħra kienux jissodisfaw il-kriterji tal-eliġibilità.
3) Min ilmenta ddikjara li l-kriterji tal-għażla użati ma kinux jirriflettu l-ħiliet u l-kompetenzi attwali meħtieġa għar-rwol kif stabbilit fis-sejħa.
4) Il-persuna li lmentat ikkontestat il-marki li ngħatat għal ċerti kriterji individwali peress li fil-fehma tagħha dawn ma kinux jirriflettu l-prestazzjoni tagħha matul il-proċess tal-intervista.

**Kunsiderazzjonijiet preliminari**
Dan l-Uffiċċju bħala regola ma jissostitwixxix valutazzjoni/deċiżjoni suġġettiva, meħuda minn Bord tal-Għażla, b'deċiżjoni tiegħu. Sakemm xi azzjoni/deċiżjoni tal-Bord tal-Għażla ma kinitx manifestament żbaljata fl-intervisti tal-kandidati, m'hemmx lok li tingħata opinjoni differenti minn dan l-Uffiċċju.

**Il-fatti**
Ħarsa lejn l-ewwel ilment imsemmi mill-persuna li lmentat juri li dan kien jiffoka fuq id-dokument tas-sejħa nnifsu; hawn taħt qed tiġi riprodotta silta mill-kontenut biex wieħed ikun jista' jirreferi għaliha b'mod aktar faċli:

Deskrizzjoni tal-Pożizzjoni

| | | | |
|---|---|---|---|
| ***Titlu:*** | Assistent Personali għad-DĠ | ***Grad:*** | 7 |
| ***Entità:*** | N/A | ***Responsabbli lejn:*** | Direttur Ġenerali |

**Awto-titjib**
- tattendi korsijiet tal-kompjuter għall-uffiċċju u l-kitba ta' rapporti.
- żżomm ruħek aġġornat mal-aħjar prattiċi fil-qasam ta' [Settur B] permezz ta' riċerka u taħriġ.

**Għarfien/Ħiliet/Kwalifiki**
- jkollok il-ħila li tikkomunika bil-lingwa Maltija u Ingliża.
- Minimu ta' 5 snin esperjenza ppruvata f' [Settur A] u bħala assistent personali.
- Minimu ta' 5 snin esperjenza ppruvata ta' xogħol bħala assistent personali.
- Esperjenza fl-immaniġġjar [Settur B].
- Esperjenza ppruvata fit-teħid ta' minuti.
- Esperjenza ppruvata fil-kitba tar-rapporti.

Dan l-Uffiċċju ġie infurmat li l-Awtorità kienet komposta minn diversi direttorati b'portafolli differenti taħt id-direzzjoni ta' Direttur Ġenerali. Is-Settur A kien jaqa' taħt ir-responsabbiltà ta' Direttur Ġenerali wieħed filwaqt li s-Settur B kien jaqa' taħt ir-responsabbiltà ta' Direttur Ġenerali separat.

L-Uffiċċju osserva li d-dokument tas-sejħa deher li kien jeħtieġ esperjenza kemm fis-Settur A kif ukoll fis-Settur B. Is-sejħa, għalhekk, ma kinitx ċara dwar jekk l-applikant kienx se jiġi assenjat lid-Direttur Ġenerali fis-Settur A jew fis-Settur B.

Waqt l-investigazzjoni dan l-Uffiċċju talab spjegazzjoni dwar dan il-punt partikolari, l-Awtorità kkonfermat li l-post battal kien għall-post ta' Assistent Personali tad-Direttur Ġenerali fis-Settur A. L-Awtorità qalet li r-referenza għas-Settur B fis-sejħa kienet riżultat ta' żball fil-kitba. Żiedet tgħid li d-Direttur Ġenerali Settur A kien l-uniku DĠ li ma kellu l-ebda assistent personali u l-istaff tal-entità kien konxju minn dan. Barra minn hekk spjegat ukoll li l-applikanti setgħu jikkuntattjaw lill-HR tal-Awtorità għal kwalunkwe kjarifika dwar il-kliem fis-sejħa għall-applikazzjonijiet.

It-tieni lment tal-persuna li lmentat kien jiffoka fuq l-eliġibilità ta' kandidati oħra. Dan l-Uffiċċju nnota li l-kriterji ta' eliġibilità ma kinux imsemmija speċifikament

bħala tali iżda dehru li kienu dawk elenkati taħt it-taqsima ‘Għarfien/Ħiliet/Kwalifiki’ tas-sejħa. Il-persuna li lmentat sostniet li filwaqt li hi ssodisfat għal kollox il-kriterji kollha, esprimiet dubji kbar dwar l-eliġibilità ta’ kandidati oħra. Dan l-Uffiċċju nnota li filwaqt li ma kien hemm l-ebda rekwiżit ta’ kwalifiki, il-kriterji ta’ eliġibilità kienu jirrikjedu speċifikament prova tal-esperjenza rikjesta fit-teħid tal-minuti u l-kitba tar-rapporti u minimu ta’ 5 snin esperjenza ppruvata f’[Settur A] u bħala assistent personali mingħajr ma ġie speċifikat x’kien qed jiġi aċċettat bħala ‘esperjenza ppruvata’. Peress li s-sejħa ma semmiet xejn dwar din il-kwistjoni, dan l-Uffiċċju staqsa kif din l-esperjenza ‘ppruvata’ (b’referenza partikolari għas-Settur A) ġiet evalwata mill-Bord tal-Għażla għall-finijiet tal-eliġibilità. Dan l-Uffiċċju ġie infurmat li fl-istadju tal-applikazzjoni l-kandidati naqsu milli jipprovdu evidenza aċċettabbli tal-imsemmija esperjenza ppruvata. Dan l-Uffiċċju osserva li jista’ ikun li l-kandidati, li kienu impjegati tal-Awtorità, serrħu fuq l-informazzjoni li kienet diġà disponibbli għand l-Awtorità fil-files tal-istaff tagħha. Dan l-Uffiċċju sab ukoll li d-Direttur HR kien membru tal-Bord tal-Għażla.

Fl-ilment tagħha, il-persuna li ressqet l-ilment oġġezzjonat għall-kriterji ta’ valutazzjoni użati biex jiġu evalwati l-kandidati matul il-proċess tal-għażla. Sostniet li l-imsemmija kriterji ma qablux mal-ħiliet stabbiliti kif imniżżla fil-kriterji ta’ eliġibbiltà elenkati fis-sejħa. Bħala tali, il-kandidati ma ġewx evalwati kif suppost. L-Awtorità infurmat lil dan l-Uffiċċju li ntużaw kriterji ta’ valutazzjoni standard biex jiġu evalwati l-kandidati. L-Awtorità kompliet telabora li dan il-mudell standard jintuża b’mod ġenerali fil-proċessi kollha ta’ reklutaġġ li jvarjaw minn professjonisti sa segretarji, staff klerikali u gradi oħra. Dan l-Uffiċċju osserva li l-biċċa l-kbira tal-kriterji msemmija kienu ta’ natura suġġettiva jiġifieri li l-marki ngħataw abbażi tal-prestazzjoni tal-kandidat individwali u kif dik il-prestazzjoni ġiet evalwata mill-Bord.

Il-lista ta’ kriterji ta’ valutazzjoni standard kienet tinkludi wkoll sottokriterji ‘Kwalifiki rilevanti’ u ‘Grad addizzjonali (Baċellerat/Masters/MBA/PhD)’ taħt il-kriterju ta’ ‘Kwalifiki u Kwalitajiet Personali’. Dan l-Uffiċċju, iżda, sab li l-Bord għażel li jagħti marki lill-kandidati taħt is-sottokriterju ‘Grad Addizzjonali’ abbażi ta’ kwalifiki marbuta mal-MQF 5 meta l-*first cycle degrees* ikunu marbuta mal-MQF 6. Dan l-Uffiċċju nnota, li l-Bord għażel li jadatta dan il-kriterju ta’ valutazzjoni standard għaċ-ċirkostanzi tal-proċess ta’ għażla partikolari.

**Kunsiderazzjonijiet**

Fl-ewwel ilment tal-persuna li lmentat li kien dwar l-informazzjoni konfliġġenti li nstabet fid-dokument tas-sejħa, l-Awtorità ammettiet li dan kien riżultat ta' żbalji fil-kitba. Minħabba li din kienet sejħa interna l-Awtorità qieset dan l-iżball bħala ovvju. Barra minn hekk, kif indikat b'mod korrett l-Awtorità, ma kien hemm xejn li jwaqqaf lill-applikanti milli jikkuntattjaw lill-HR biex jiċċaraw kwalunkwe kwistjonijiet li setgħu kellhom b'rabta mat-termini tas-sejħa. Madankollu, dawn l-iżbalji setgħu faċilment jiġu evitati bi ftit aktar attenzjoni. L-applikanti setgħu jifhmu l-imsemmija sejħa grazzi għall-għarfien li kellhom bħala impjegati stess. B'xorti tajba f'dan il-każ, l-applikanti ma ġewx affettwati ħażin.

Fil-fehma ta' dan l-Uffiċċju l-kwistjoni l-aktar sinifikanti kienet tikkonċerna l-kriterji ta' eliġibbiltà li kienu jeħtieġu li l-applikanti jkollhom 'esperjenza ppruvata' u minimu ta' 5 snin esperjenza ppruvata f'[Settur A] u bħala assistent personali. L-għan tal-kriterji ta' eliġibilità huwa li jsir screening preliminari li jiżgura li l-kandidati li għandhom ir-rekwiżiti minimi biss jipproċedu għall-istadju tal-proċess li jmiss. Għal dak li għandu x'jaqsam ma' dawn il-kriterji ta' eliġibilità partikolari, ma ġew ipprovduti l-ebda parametri jew dettalji dwar x'kienet tkun aċċettabbli bħala 'esperjenza ppruvata'. Din il-lakuna wasslet biex dawn il-kriterji jkunu prattikament impossibbli li jitħaddmu. Il-Bord, għalhekk, għażel li jimplimenta miżuri ta' rimedju u fil-fatt evalwa dawn il-kriterji ta' eliġibilità fi ħdan il-kriterji ta' valutazzjoni. Fil-fatt iż-żewġ proċessi ta' valutazzjoni ġew magħquda fi proċess wieħed. Dan l-Uffiċċju nnota, li ladarba d-Direttur tal-HR kien fuq il-Bord tal-Għażla, wieħed jassumi li l-Bord kellu wkoll aċċess għal informazzjoni misjuba fil-files tal-istaff dwar l-esperjenza ta' xogħol preċedenti tal-kandidati li setgħet twassal għal konferma ta' dikjarazzjonijet li saru fis-CVs tal-applikanti.

Fl-ilment tagħha, il-persuna li lmentat ikkontestat il-kriterji ta' valutazzjoni użati fil-proċess tal-għażla. Hi sostniet li ftit li xejn kienu rilevanti fil-qadi tad-dmirijiet tal-kariga fil-kwistjoni. L-Awtorità użat kriterji ta' valutazzjoni standard, li minħabba n-natura wiesgħa tagħhom madankollu, ippermettew lill-Bord iwettaq l-evalwazzjoni tiegħu tal-kandidati filwaqt li f'moħħu jżomm il-ħiliet u l-kompetenzi tal-pożizzjoni.

Filwaqt li dan l-Uffiċċju normalment ma jikkummentax dwar l-għażla tal-kriterji ta' valutazzjoni, f'dan il-każ, iħoss li għandu jikkummenta minħabba s-sitwazzjoni

potenzjalment inġusta maħluqa mill-imsemmija kriterji. Kif diġà ssemma hawn fuq, l-Awtorità użat kriterji ta' valutazzjoni standard li ntużaw b'mod ġenerali għall-proċessi kollha tal-għażla li jvarjaw minn staff fi gradi baxxi sa professjonisti. Dan l-argument li jintużaw kriterji standard, jenfasizza l-fatt li l-kriterji ma jiffavorixxu l-ebda kandidat partikolari u jiżgura livell ekwu għal kulħadd. Dan tal-aħħar huwa mixtieq iżda biss sa ċertu punt. Dan l-Uffiċċju osserva li l-ħiliet/kompetenzi meħtieġa mill-istaff amministrattiv huma ferm differenti minn dawk meħtieġa mill-professjonisti u l-maniġment superjuri. Dan huwa evidenti partikolarment meta l-kwalifiki jiġu vvalutati fil-livell tal-intervista. Dan l-Uffiċċju jiġbed l-attenzjoni għas-sottokriterju ta' 'Grad Addizzjonali (Baċellerat/Masters/MBA/PhD)'. Filwaqt li l-kandidati għal karigi tekniċi ħafna jew f'kariġi maniġerjali għolja huma kważi mistennija li jkollhom kwalifiki addizzjonali (mhux meħtieġa fl-istadju ta' eliġibbiltà) (abbinati ma' livell MQF 6 jew ogħla) l-istess ma jistax jingħad għall-istaff klerikali/amministrattiv bħall-post battal inkwistjoni. Kwalifiki mmirati lejn ħiliet partikolari meħtieġa għal dawn l-impjiegi u li jkunu ferm aktar mixtieqa għal min iħaddem huma ġeneralment marbuta f'livelli aktar baxxi tal-iskala MQF. Kieku wieħed ikollu jimxi b'mod strett mat-termini ta' dan is-sottokriterju, kandidati f'livell amministrattiv, klerikali jew aktar baxxi qatt ma jingħataw marki għal kwalifiki addizzjonali li għalkemm rilevanti mhumiex abbinati ma' livell għoli biżżejjed. Dan ikun serjament inġust għall-kandidati li għandhom dawn il-kwalifiki. F'dan il-każ il-Bord tal-Għażla, għażel li jadatta dan il-kriterju ta' valutazzjoni għall-proċess tal-għażla partikolari, billi jagħti marki lill-kandidati li kellhom diploma. Meta għamel hekk il-Bord tal-Għażla fittex li jikkoreġi sitwazzjoni inġusta għall-vantaġġ tal-kandidati kollha. Dan l-Uffiċċju huwa tal-fehma li l-użu ta' qies wieħed għal kulħadd fil-kriterji ta' valutazzjoni kien qed ipoġġi lill-kandidati li japplikaw għal impjiegi fil-livelli li mhumiex fil-klassijiet tekniċi jew ta' maniġment ogħla fi żvantaġġ, filwaqt li jqiegħed lill-Bordijiet tal-Għażla f'pożizzjoni ta' sfida.

Fl-ilment tagħha, l-persuna li ressqet l-ilment iddikjarat li l-marki li ngħatat għall-kriterji, li minħabba n-natura tagħhom ġew evalwati b'mod suġġettiv, ma kinux jirriflettu l-prestazzjoni tagħha waqt l-intervista. Dan l-Uffiċċju jixtieq jirrimarka li ħafna drabi jkun hemm nuqqas ta' qbil bejn il-prestazzjoni tal-kandidat waqt l-intervista u kif dak il-kandidat jipperċepixxi din il-prestazzjoni. Dan in-nuqqas ta' qbil, madankollu, mhux bilfors ifisser li r-riżultati jkunu inġusti jew inġusti jekk l-imsemmija kriterji ma kinux evalwati b'mod uniformi. Dan l-Uffiċċju ma sab

l-ebda prova li tissuġġerixxi li dan kien il-każ jew li kien hemm xi kandidat li kien ġie preferut fuq ieħor.

**Konklużjonijiet**

Dan l-Uffiċċju sab li d-dokument tas-sejħa kien mifni bi żbalji li setgħu jiġu evitati. Barra minn hekk, din is-sejħa naqset milli tipprovdi informazzjoni siewja u li wasslet għal diffikultà fl-evalwazzjoni tal-kriterji ta' eliġibilità. L-azzjoni rimedjali meħuda mill-Bord tal-Għażla, għalkemm mhux normali, salvat is-sitwazzjoni billi l-valutazzjoni tal-eliġibilità tmexxiet għall-istadju tal-intervista tal-proċess tal-għażla. Mill-istħarriġ tad-dokumentazzjoni pprovduta, dan l-Uffiċċju ma sabx prova ċara u oġġettiva li turi li l-proċess tal-għażla kien diskriminatorju, u lanqas ma seta' jikkonkludi li l-proċess kollu kemm hu kien manifestament inġust. Għalhekk dan l-Uffiċċju ma biddilx ir-riżultat tal-imsemmi proċess. Dan minkejja li dan l-Uffiċċju sab oqsma li jistgħu jittejbu u għal dan il-għan għamel ir-rakkomandazzjonijiet li ġejjin:

1. Għandha tingħata attenzjoni akbar meta jkunu qed jiġu abbozzati d-dokumenti tas-sejħa mhux biss fir-rigward ta' żbalji tal-kitba iżda wkoll fir-rigward tal-kontenut stess. Għandha tiġi pprovduta informazzjoni adegwata lill-kandidati sabiex kwalunkwe rekwiżit fl-istadju tal-applikazzjoni jkun jista' jiġi rrispettat mingħajr, sa fejn hu possibbli, intervent estern mit-tim tal-HR jew tal-Bord tal-Għażla.

2. L-MCCAA għandha tikkunsidra li taddotta sett ieħor ta' kriterji standard ta' valutazzjoni biex tkopri għall-karigi minbarra l-maniġment tekniku ħafna/superjuri li huma ffukati aktar fuq id-degrees (il-lawrija).

**L-eżitu**

L-Awtorità infurmat lil dan l-Uffiċċju li s-sejħiet futuri se jiġu abbozzati b'attenzjoni akbar u se tiżgura li fl-istadju tal-applikazzjoni tingħata informazzjoni adegwata lill-kandidati. Barra minn hekk, meta s-sejħa teħtieġ li l-kandidati juru 'esperjenza ppruvata', il-kandidati se jingħataw parametri speċifiċi li fihom juru l-imsemmija esperjenza.

L-Awtorità implimentat żewġ settijiet ta' kriterji ta' valutazzjoni standard waħda maħsuba għall-gradi maniġerjali/professjonali u oħra għall-gradi tekniċi/amministrattivi.

**Identità**

# L-ebda ksur tad-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja

**L-ilment**
Ċittadin Malti ressaq ilment lill-Ombudsman dwar aġir allegatament inġust minn Identità li meta din skadiet rrifjutat li ġġedded il-karta tal-identità ta' martu, li hija ċittadina Etjopjana.

Iż-żwieġ tagħhom kien ġie ċċelebrat fl-Etjopja u rreġistrat fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta. Il-mara tal-individwu li ressaq l-ilment kellha d-dritt li toqgħod u taħdem f'Malta bis-setgħa mogħtija mill-fatt li kienet miżżewġa ċittadin Malti u għandha karta tal-identità. Qabel l-iskadenza tagħha, l-uffiċjali ta' Identità nnotifikaw lill-koppja li riedet tiltaqa' magħhom separatament biex jaċċertaw li kienu għadhom jgħixu flimkien bħala koppja miżżewġa skont l-Artikolu 4(1)(g) tal-Att dwar l-Immigrazzjoni. Wara din il-verifika l-karta tal-identità tagħha setgħet tiġi mġedda.

L-individwu li lmenta irrifjuta li jiltaqa' ma' kwalunkwe uffiċjal tal-Aġenzija u insista li t-talba għal-laqgħa u l-laqgħa nnifisha kienu qed jiksru d-drittijiet tal-bniedem tagħhom, speċifikament għamel referenza għall-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem – id-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja.

**L-investigazzjoni**
L-Aġenzija spjegat lill-Ombudsman li kellha taċċerta li l-koppja miżżewġa ma kinux *de jure* jew *de facto* separati bil-liġi. Kienet il-liġi stess li imponiet dan l-obbligu. Għalhekk, kien hemm il-ħtieġa li ssir il-laqgħa.

Fid-deliberazzjonijiet tiegħu, l-Ombudsman ikkunsidra li l-mara tal-individwu li ressaq l-ilment hija ċittadina Etjopjana u, bħala tali, ma kellha ebda dritt legali li toqgħod u taħdem f'Malta li kieku ma kienx għaż-żwieġ tagħha ma' ċittadin Malti. Ċittadini mhux tal-UE jew Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi jistgħu biss jitħallew joqogħdu u jaħdmu fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jekk ikollhom permess speċifiku. Madankollu, is-sempliċi fatt li tkun miżżewweġ ma' ċittadin tal-UE mhuwiex biżżejjed biex tibqa' fil-pajjiż u tirċievi l-benefiċċji kif jirċievu ċ-ċittadini tal-UE. Identità kellha d-dritt li tiċċekkja jekk iż-żwieġ kienx għadu eżistenti u jekk il-miżżewġin kinux qed jgħixu flimkien. Biex isiru dawn il-verifiki kien meħtieġ li jiltaqgħu mal-koppja.

**Konklużjoni**

L-Ombudsman sab li Identità ma kisritx id-drittijiet tal-individwu li ressaq l-ilment u, b'mod partikolari, lanqas l-insistenza tagħha għal laqgħa biex jiġu stabbiliti l-kriterji oġġettivi tal-Artikolu 4(1)(g) tal-Att dwar l-Immigrazzjoni ma kienu kisru d-dritt tiegħu għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja skont l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

Għaldaqstant dan l-ilment ma ġiex milqugħ għaliex l-aġir ta' Identità kien korrett.

**Amministrazzjoni tat-Taxxa u d-Dwana ta' Malta**

# Id-Due diligence mill-awtoritajiet tat-taxxa kienet ġusta u korretta

**L-ilment**
Il-persuna li ressqet l-ilment allegat li l-Amministrazzjoni tat-Taxxa u d-Dwana ta' Malta kienet ħadet deċiżjoni żbaljata u inġusta meta ċaħdet l-applikazzjoni tagħha skont ir-Regoli dwar il-Programm ta' Residenza Globali, 2013.

L-applikazzjoni tagħha, bl-informazzjoni u d-dokumenti meħtieġa ġiet ipproċessata mill-awtoritajiet tat-taxxa. Eventwalment, il-Kummissarju tat-Taxxi Interni informa lill-persuna li lmentat li d-dipartiment ma setax jipproċedi bil-proċess tal-applikazzjoni peress li din ma kellhiex biżżejjed fondi biex iżomm lilha nfisha u lill-familja tagħha mingħajr r-riskju li tgħabbi s-sistema tal-assistenza soċjali f'Malta. Minkejja l-oġġezzjonijiet tagħha, id-deċiżjoni ma ġietx revokata.

**L-investigazzjoni**
Wara li sar l-istħarriġ meħtieġ, l-Ombudsman irċieva t-tweġiba tal-awtoritajiet tat-taxxa fejn spjegaw li din il-persuna ma kinitx għaddiet mit-test li jistabbilixxi li din il-persuna tirċievi biżżejjed riżorsi b'mod stabbli u regolari li huwa rekwiżit tar-Regoli dwar Programm ta' Residenza Globali. L-awtoritajiet ma kinux konvinti li l-livell ta' dħul li kien iddikjarat mill-persuna li ressqet l-ilment seta' fil-fatt ikun biżżejjed biex tiġi eleminata l-probabbiltà li din tista' tkun ta' piż fuq l-Istat, jiġifieri li jista' jkun hemm il-possibbiltà, anki jekk mhux il-probabbiltà, li hi tirrikorri għall-assistenza tas-servizzi soċjali.

L-għan tal-Programm dwar Residenza Globali kien li jattira lejn Malta individwi b'valur nett għoli li ġejjin minn barra l-UE, iż-ŻEE (Żona Ekonomika Ewropea) jew l-Isvizzera. Huma setgħu jaħdmu f'Malta jekk ikunu eliġibbli u, setgħu għalhekk

jibbenefikaw minn reġim ta' taxxa speċjali. Madankollu, kellhom jiksbu prova ta' stabbiltà finanzjarja u sigurtà u li ma jkunx il-każ li x''aktarx ikun jeħtieġ l-assistenza soċjali. Il-persuna li ressqet l-ilment ma setgħatx tagħti din l-assigurazzjoni.

Il-Programm dwar Residenza Globali jagħti vantaġġi ta' benefiċċju għat-taxxa lil dawk li jikkwalifikaw. Huwa benefiċċju li mhuwiex disponibbli għaċ-ċittadini Maltin jew tal-UE, u wieħed jifhem, illi l-awtoritajiet tat-taxxa jridu joqogħdu attenti li r-regoli jiġu applikati b'mod strett. L-awtoritajiet tat-taxxa jridu jkunu kapaċi jivvalutaw l-aħjar applikazzjonijiet li jirċievu, jew għall-inqas, dawk li jistgħu jkunu l-aktar vantaġġużi għall-ekonomija Maltija. Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni għandu d-diskrezzjoni li jirrifjuta jew jaċċetta l-applikazzjonijiet miġjuba quddiemu wara li jitlesta l-proċess ta' diliġenza.

**Konklużjoni**

L-Ombudsman sab li l-awtoritajiet tat-taxxa aġixxew b'mod ġust u korrett. Għaldaqstant l-ilment ma setax jiġi sostnut.

**Gozo Channel Ltd**

# Rakkomandazzjonijiet mhux implimentati: Opinjoni finali dwar il-policy marbuta mal-ħlas tan-noll tal-vapuri għal persuni ta' 60+ li mhumiex Maltin

Mill-investigazzjoni ta' dan il-każ, l-Ombudsman sab li ċittadin minn pajjiż tal-UE li għandu aktar minn sittin sena kien qed jiġi trattat b'mod inġust meta jiġi mitlub iħallas noll ogħla minn dak mitlub liċ-ċittadini Maltin tal-istess età.

**L-ilment**

L-individwu li ressaq l-ilment huwa ta' nazzjonalità Portugiża u għandu aktar minn 60 sena, kien jinsab Malta fuq btala u vvjaġġa fuq vapur tal-Gozo Channel miċ-Ċirkewwa għall-Imġarr f'Għawdex. Minkejja li informa lill-uffiċjal tal-biljetti li kellu aktar minn 60 sena u kien ġej minn pajjiż Stat Membru tal-UE, ġie mitlub iħallas in-noll sħiħ tal-passiġġieri. Il-kaxxier fl-ebda waqt ma talbu sabiex jipprovdi dokumentazzjoni biex jivverifika l-età u n-nazzjonalità tiegħu, u sostna li n-noll imraħħas kien applikabbli biss għal ċittadini Maltin li għandhom minn 60 sena 'l fuq. Ċittadin Malti li kien xhud ta' dan l-episodju, ressaq ilment lill-Ombudsman għan-nom taċ-ċittadin Portugiż, fejn talab li l-kumpanija tal-Gozo Channel tbiddel din il-policy diskriminatorja.

**Il-fatti**

Il-Gozo Channel Ltd ma kkostestatx il-fatti tal-każ. Minflok, il-kumpanija ddefendiet il-pożizzjoni tagħha billi rreferiet għal Gozo Passenger and Goods Service (Fares)

Regulations (S.L. 499.31), fejn saħqet li n-noll imraħħas kien japplika esklussivament għall-persuni li għandhom il-Karta Anzjan, li tinħareġ biss liċ-ċittadini Maltin.

Mill-investigazzjoni l-Ombudsman sab li l-interpretazzjoni tar-regolamenti mill-kumpanija Gozo Channel Limited kienet waħda restrittiva u żbaljata. Huwa nnota li Malta saret Stat Membru tal-UE fl-1 ta' Mejju 2004 u li r-Regolamenti li tirreferi għalihom il-Kumpanija daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2004 u sussegwentement ġew emendati diversi drabi.

Sabiex tissostanzja l-pożizzjoni tagħha, il-Kumpanija kienet irreferiet għar-Regolament 4, li jgħid li min qed jivvjaġġa jista' jipprovdi d-dokument legalment validu ta' identifikazzjoni jew il-Karta Anzjan meta jkun qed jinxtara l-biljett, jew fi kwalunkwe ħin ieħor meta jitla' fuq il-vapur, jew waqt il-vjaġġ, sabiex tiġi stabbilita l-identità tiegħu bħala persuna residenti Għawdex jew bħala anzjan rispettivament.

Il-Kumpanija rreferiet ukoll għad-dispożizzjoni Nru. 4 tal-Ewwel Skeda ta' L.S. 499.31 li tipprovdi li n-Noll Sussidjat ta' Ċittadin Anzjan huwa applikabbli għal dawk kollha li għandhom il-Karta Anzjan.

Il-kumpanija sostniet li peress li huma biss ir-residenti f'Malta li għandhom il-Karta Anzjan, in-noll issussidjat huwa applikabbli biss għar-residenti f'Malta. Barra minn hekk, sostniet ukoll li għandha tiġi adottata interpretazzjoni restrittiva tad-dispożizzjonijiet imsemmija peress li applikazzjoni differenti jista' ikollha implikazzjonijiet finanzjarji fuq il-kumpanija.

L-Ombudsman sostna li r-raġuni mogħtija mill-kumpanija ma ġietx ippruvata lanqas fuq livell *prima facie* u ma treġġix. Huwa rrefera għal każ preċedenti li *mutatis mutandis* ma jaqbilx mal-pożizzjoni li ħadet il-Kumpanija – Petizzjoni Nru. 1317/2012.

F'dan il-każ, Oisin Jones-Dillon, ċittadin tar-Repubblika tal-Irlanda (Stat Membru tal-UE) kien ippreżenta lment lill-Parlament Ewropew dwar allegat ksur ta' Malta għar-regoli tas-Suq Intern fis-sistema tat-trasport pubbliku, fejn allega li saret diskriminazzjoni fuq bażi ta' nazzjonalità meta ġie ċċarġjat tariffa differenti tat-trasport bil-karozza tal-linja. Il-kwistjoni ġiet riferuta lill-Kummissjoni.

Il-Kummissjoni kienet għamlet inkjesta biex tistabilixxi jekk possibbilment saritx diskriminazzjoni għal raġunijiet varji: a) minħabba n-nazzjonalità u/jew residenza; u b) minħabba d-dehra u lingwa.

Matul din l-inkjesta, l-awtoritajiet Maltin kienu spjegaw ir-raġunijiet għal tariffi differenti għal residenti u għal dawk mhux residenti f'Malta u sostnew li n-noll imnaqqas kien marbut mal-preżentazzjoni ta' prova ta' residenza, iżda bl-ebda mod ma jista' jiġi bbażat fuq id-dehra fiżika u l-lingwa.

Billi l-Kummissjoni ma kinitx sodisfatta bir-raġunijiet mogħtija għat-trattament differenti ta' dawk li huma residenti u dawk li mhumiex residenti, f'Jannar 2013 tressqu proċeduri kontra Malta dwar ksur ta' diskriminazzjoni indiretta bbażata fuq in-nazzjonalità. Fil-15 ta' Marzu 2013 Malta wieġbet għall-ittra ta' notifika u l-Kummissjoni evalwat din it-tweġiba.

Fil-15 ta' Frar 2013, il-Kummissjoni bagħtet lil min ressaq il-petizzjoni, ittra ta' għeluq fir-rigward tal-ilment formali tiegħu, fejn infurmat lil Malta bil-proċeduri ta' ksur li kienu għaddejjin, u spjegat li wara l-passi konkreti meħuda mill-Gvern Malti biex jindirizza u jipprevjeni kwalunkwe każ ta' diskriminazzjoni ibbażata fuq id-dehra fiżika u l-lingwa, il-proċedura kienet ingħalqet safejn kienu kkonċernati d-dehra fiżika u l-lingwa.

Il-Kummissjoni mbagħad avżat lil Malta b'mod formali li l-inkjesta tagħha se tipproċedi dwar il-kwistjoni ta' diskriminazzjoni abbażi ta' nazzjonalità. L-awtoritajiet ta' Malta kienu sadanittant emendaw ir-Regolamenti fis-seħħ sa dak iż-żmien, billi neħħew l-element diskriminatorju permezz tal-Avviż Legali 94 tal-2014, ir-Regolamenti (Emendati) dwar is-Servizzi tat-Trasport tal-Passiġġieri. Għalhekk il-Kummissjoni għalqet il-każ ta' ksur.

L-Ombudsman kien tal-fehma illi l-interpretazzjoni restrittiva tad-dispożizzjonijiet ta' L.S. 499/31, li ġiet applikata mill-kumpanija sempliċiment u allegatament biex tkopri l-bilanċ finanzjarju tagħha, hija żbaljata peress li m'għandha l-ebda dritt li tapplika interpretazzjoni restrittiva tal-leġiżlazzjoni attwali biex tiffavorixxi l-pożizzjoni tagħha għad-detriment taċ-ċittadini kollha ta' 60+ tal-Istati Membri tal-UE. Hu saħaq li l-kumpanija mhix biss *limited liability company*, iżda entità li,

bis-saħħa tal-Artikolu 12(1)(b) tal-Kapitolu 385 taqa' taħt il-mandat tal-Uffiċċju tal-Ombudsman, u għandha għanijiet b'funzjonijiet soċjali u pubbliċi importanti.

L-Ombudsman sostna li l-prassi li jintuża d-dokument tal-Karta Anzjan hija waħda żbaljata u li l-websajt tal-Kumpanija stess ma taħsibx għal dan il-fatt. Il-Karta Anzjan setgħet kienet rilevanti fi żminijiet preċedenti iżda mhux il-każ kemm ilha li saret ir-riforma tal-Karta tal-Identità Maltija. Fil-fatt, fil-Karti tal-Identità l-ġodda hemm stampata fuq quddiem tal-karta l-marka 60+ u b'hekk tiġi eliminata kompletament il-ħtieġa li wieħed jipproduċi kwalunkwe Karta Anzjan meta hemm il-Karta tal-Identità bħala prova. Barra minn hekk, kull min għandu l-Karta tal-Identità Maltija li għadha mhix imġedda u li m'għandhiex il-marka 60+ stampata fuq il-wiċċ tal-karta, jistgħu jagħtu prova ċara tal-età tagħhom permezz ta' kalkolu rapidu tal-età tal-persuna ibbażat fuq l-aħħar żewġ ċifri tan-numru li jidher fuq il-Karta tal-Identità. Huwa fatt mhux ikkontestat li llum il-Maltin kollha li għandhom il-Karti tal-Identità li jixtiequ jibbenefikaw min-noll tal-passiġġieri b'xejn minħabba li għandhom 60+ fil-prattika jeħtieġu biss li juru l-Karta tal-Identità tagħhom lill-kaxxier.

Dak li l-L.S. 499.31 jiddeskrivi bħala dokument ta' identifikazzjoni legalment validu jinkludi Karti tal-Identità jew Passaporti maħruġa mill-Istati Membri tal-UE, li għal skopijiet ta' vjaġġar huma validi fl-UE kollha. Għalhekk il-L.S. 499.31 tapplika għaċ-ċittadini tal-Istati Membri tal-UE <u>ukoll</u>. Kwalunkwe trattament mill-Kumpanija ta' dawn il-persuni li jkun differenti minn dawk applikabbli għaċ-ċittadini Maltin huwa illegali, irregolari u inaċċettabbli.

L-Ombudsman sostna li meta ċittadin anzjan ta' Stat Membru tal-UE qed juża s-servizzi tal-Kumpanija u jintalab jipproduċi dokument ta' identifikazzjoni legalment validu għandu d-dritt li jiġi ttrattat bl-istess mod bħal kull min għandu Karta tal-Identità Maltija li huwa fl-età ta' 60+, jekk minn dak id-dokument jirriżulta li l-persuna kkonċernata hija fil-fatt anzjana jiġifieri li għandha aktar minn 60 sena.

**Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

L-Ombudsman ikkonkluda li l-ilment li kien imressaq kien ġustifikat. Il-policy tal-Kumpanija li titlob tariffi differenti lil ċittadini anzjani tal-UE abbażi tan-nazzjonalità nstabet li hija kontra l-liġi, mhix ekwa, u diskriminatorja b'mod mhux xieraq. L-argument tal-kumpanija li jekk in-noll sussidjat jiġi estiż għaċ-ċittadini

kollha tal-UE ta' aktar minn 60 sena jkollu implikazzjonijiet finanzjarji tqies bħala wieħed irrilevanti u mhux sostanzjat.

L-Ombudsman irrakkomanda li l-Gozo Channel Company Limited tirrevedi l-*policy* tagħha biex tiżgura li ċ-ċittadini kollha tal-UE li għandhom 60 sena 'l fuq ikunu intitolati għall-istess tariffa mraħħsa bħaċ-ċittadini Maltin tal-istess età. Il-kumpanija ngħatat xahar ċans sabiex timplimenta din r-rakkomandazzjoni.

**L-eżitu**

Peress li ma kien hemm ebda tweġiba jew reazzjoni min-naħa tal-Gozo Channel Limited, l-Ombudsman ressaq il-kwistjoni għall-attenzjoni tal-Prim Ministru bit-tama li tista' tiġi riżolta permezz tal-uffiċċji tiegħu, u b'hekk jevita l-ħtieġa li jittieħdu aktar passi skont l-Artikolu 22(4) tal-Att dwar l-Ombudsman. Madankollu, peress li l-Prim Ministru ma rrimedjax din l-inġustizzja, l-Ombudsman bagħat ir-rapport tiegħu lill-Kamra tad-Deputati.

# Kummissarju għall-Edukazzjoni

KAŻIJIET FIL-QOSOR



**Università ta' Malta**

# Promozzjoni mogħtija wara li l-Qorti kkonfermat is-sejbiet tal-Ombudsman

**L-ilment**

Fl-24 ta' Ottubru 2022, l-individwu li ressaq l-ilment, li huwa professur assoċjat fl-Università ta' Malta, applika għall-kariga ta' professur. Il-Bord tal-Promozzjonijiet ikkunsidra l-applikazzjoni tiegħu bħala 'prematura', u ddeċieda li ma kienx eliġibbli għall-promozzjoni peress li kien għad ma kellux tmien snin ta' servizz fil-livell ta' Lettur Anzjan u ta' Professur Assoċjat. Il-Bord, kemm fid-deċiżjoni inizjali tiegħu kif ukoll fit-talba għal rikonsiderazzjoni, irrifjuta li jikkunsidra dik il-parti tal-Ftehim Kollettiv li tgħid li "*the applicant's direct contribution to the University, society, culture and the economy at large and the international community, will also be taken into consideration, and where extensive evidence may be seen, at the discretion of the promotions Board, to partially compensate for other criteria...*" Skont min ilmenta, l-Università kienet fil-fatt iddeċidiet li l-uniku kriterju sabiex applikazzjoni għall-promozzjoni setgħet timxi 'l quddiem kien dak marbut ma kemm l-applikant ikun ilu żmien fil-kariga jew karigi preċedenti.

**L-investigazzjoni u l-fatti**

Il-Kummissarju eżamina bir-reqqa l-minuti tal-laqgħat tal-Bord tal-Promozzjonijiet tal-11 ta' Jannar 2023 u tal-21 ta' Ġunju 2023, u tkellem ukoll ma' membru tal-Bord tal-Promozzjonijiet. Mill-evidenza kollha disponibbli, kien pjuttost ċar li l-prattika – probabbilment waħda ta' konvenjenza – adottata mill-imsemmi Bord kienet dik marbuta mal-kriterju ta' kemm ikun ilu snin fil-kariga preċedenti l-applikant (8 snin għall-promozzjoni ta' Professur, 6 snin għall-promozzjoni ta' Professur Assoċjat). Dan jidher li kien il-kriterju kruċjali u l-uniku kriterju determinanti dwar jekk persuna kinitx eliġibbli għall-promozzjoni (xi ħaġa li kienet differenti minn jekk persuna eventwalment kinitx tiġi promossa). Madankollu, qari bir-reqqa u

eseġetiku tal-paragrafu (d) tal-Artikolu 26.8 tal-Ftehim Kollettiv kien juri b'mod ċar li l-'kriterji l-oħra', li għalihom seta' jinstab kumpens parzjali in vista tal-kontribut tal-applikant għall-Università, is-soċjetà, il-kultura u l-ekonomija in ġenerali u l-komunità internazzjonali, kienu jinkludu l-kriterju tan-numru ta' snin fil-kariga jew il-grad attwali tal-applikant. Kwalunkwe interpretazzjoni oħra sempliċiment ma kinitx tagħmel sens. Il-kriterji għall-promozzjoni kienu dawk kollha msemmija fil-paragrafu (d) (u, fil-każ ta' promozzjoni minn Lettur Anzjan għal Professur Assoċjat, fil-paragrafu (c)), u ma kien hemm assolutament xejn fil-kliem tal-Ftehim Kollettiv li jissuġġerixxi distinzjoni bejn il-kriterju dwar in-numru ta' snin fil-kariga attwali tal-applikant u l-kriterji l-oħra. Il-Ftehim Kollettiv jitqies li huwa liġi bejn il-partijiet u *ubi lex voluit, dixit*. Huwa minnu li kollox kien fid-diskrezzjoni tal-Bord tal-Promozzjonijiet, fis-sens li l-Bord kellu jieħu konjizzjoni tal-fatti kif miġjuba għall-attenzjoni tiegħu mill-applikant, u jasal għal deċiżjoni xierqa iżda l-Bord tal-Promozzjonijiet ma setax jeskludi aprioristikament l-applikazzjoni u jistrieħ biss fuq il-kriterju dwar in-numru ta' snin fil-kariga preċedenti u jiddikjara li l-applikazzjoni għall-promozzjoni kienet inammissibbli.

F'dan il-każ, il-'kriterji kompensatorji' kienu ġew speċifikament miġjuba għall-attenzjoni tal-Bord tal-Promozzjonijiet, jekk mhux fl-applikazzjoni oriġinali ċertament fit-talba għar-rikonsiderazzjoni; madanakollu dawn reġgħu ġew injorati, u ma kien hemm xejn li b'xi mod juri li kienu mqar ġew ikkunsidrati, la fil-minuti tal-Bord u lanqas fl-ittri tar-Rettur lill-applikant. Dan l-aġir arbitrarju wassal għal irraġonevolezza kif previst fil-paragrafu (*b*) tal-Artikolu 22(1) tal-Att dwar l-Ombudsman, arbitrarjetà aggravata bin-nuqqas ta' raġunijiet xierqa fid-deċiżjonijiet tal-Bord tal-Promozzjonijiet (Art. 22(2) *in fine* tal-Att dwar l-Ombudsman).

**Konklużjoni u rakkomandazzjoni**

Għar-raġunijiet imsemmija hawn fuq, l-ilment ġie aċċettat mill-Kummissarjugħall-Edukazzjoni peress li d-deċiżjonijiet tal-Bord tal-Promozzjonijiet meħuda fil-laqgħat tiegħu tal-11 ta' Jannar 2023 u l-21 ta' Ġunju 2023 kienu bi ksur tal-Artikolu 22(1) u (2) tal-Att dwar l-Ombudsman.

Il-Kummissarju rrakkomanda li l-applikazzjoni tal-individwu li ressaq l-ilment terġa' tiġi eżaminata mill-ġdid mill-Bord tal-Promozzjonijiet (li ma kellux jinkludi l-istess persuni li kienu ddeliberaw fil-11 ta' Jannar u l-21 ta' Ġunju msemmija hawn

fuq) u li kellha tingħata kunsiderazzjoni speċifika u xierqa lill-kriterji kompensatorji msemmija mill-applikant (l-individwu li ressaq l-ilment).

**L-eżitu**

L-Università ta' Malta rrifjutat li taċċetta r-rakkomandazzjoni tal-Kummissarju, u sostniet li kienet aġixxiet b'mod korrett. Għaldaqstant, skont l-Artikolu 22(4) tal-Att dwar l-Ombudsman, ir-rapport finali tal-Kummissarju fl-aħħar tressaq għall-attenzjoni tal-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati u tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra.

Sadanittant, il-professur assoċjat fetaħ kawża ta' stħarriġ ġudizzjarja quddiem il-qrati tal-ġustizzja. Permezz ta' sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili mogħtija fil-25 ta' Marzu 2024, ġie deċiż li l-Università ta' Malta kienet aġġixxiet *ultra vires* billi naqset milli tqis il-kriterji kollha applikabbli għall-promozzjoni, u l-qorti ddikjarat nulla u bla effett id-deċiżjoni tal-Università li tirrifjuta li tikkunsidra l-applikazzjoni għall-promozzjoni.

L-Università ta' Malta appellat dik id-deċiżjoni. Madankollu sussegwentement l-appell ġie dikjarat deżert.

L-applikazzjoni tiegħu mbagħad ġiet ikkunsidrata minn Bord tal-Promozzjonijiet li kien ikkostitwit b'mod differenti, ġiet ipproċessata kif suppost, u dwarha ntalbet ukoll l-opinjoni ta' żewġ peer reviewers maħtura mill-Assoċjazzjoni tal-Universitajiet tal-Commonwealth, kif inhi l-prattika stabbilita.

Fit-22 ta' Novembru 2024, l-individwu li ressaq l-ilment ġie infurmat li l-Kunsill tal-Università kien irratifika r-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Promozzjonijiet u li kien qed jiġi promoss għall-grad ta' professur b'effett mid-data tal-applikazzjoni oriġinali tiegħu, jiġifieri dik tal-24 ta' Ottubru 2022.

**Università ta' Malta**

# Jiġu allegati prattiċi mhux ekwi fil-valutazzjoni ta' *practicums*

**L-ilment**

Il-persuna li ressqet l-ilment kienet qed tistudja għal Masters fit-Teaching and Learning fil-Fakultà tal-Edukazzjoni tal-Università ta' Malta. Hi m'għaddietx minn żewġ *practicums*, ġiet irtirata mill-kors u fl-aħħar ingħatat il-'PGCE exit certification'. Hija allegat diversi irregolaritajiet fil-proċess ta' evalwazzjoni matul il-prattika tat-tagħlim tagħha, inkluż preġudizzju min-naħa ta' wieħed mill-eżaminaturi. Hija allegat ukoll irregolarità min-naħa tal-Università fil-ħatra ta' 'external examiner' li hija sostniet kien bi ksur tar-Regolamenti tal-Università, u b'hekk tat x'jimplika li l-proċess kollu tal-eżami kien wieħed null u bla effett.

**L-investigazzjoni u l-fatti**

Fir-rapport tiegħu, il-Kummissarju għall-Edukazzjoni beda billi ġibet l-attenzjoni dwar il-limitazzjonijiet imposti fuqu mil-liġi bir-Regola 18 tar-Regoli tal-Kummissarji għall-Investigazzjonijiet Amministrattivi (Funzjonijiet) tal-2012 (kif emendati – illum S.L.385.01). Huwa spjega li ma setax jeżerċita 'ġurisdizzjoni akkademika' jew jinvestiga kwistjonijiet li jikkonċernaw, fost l-oħrajn, ir-riżultati tal-eżamijiet, il-gradi u r-reviżjoni tal-gradi u s-superviżjoni akkademika tal-istudenti, sakemm ma jkunx hemm prova, mhux sempliċiment suspett, ta' amministrazzjoni ħażina. L-'amministrazzjoni ħażina' kienet deskritta b'mod dettaljat fl-Artikolu 22(1)(2) tal-Att dwar l-Ombudsman. F'termini konkreti, prattiċi u sempliċi, u b'mod partikolari b'referenza għall-każ tal-persuna li ressqet l-ilment, il-Kummissarju kien prekluż milli jidħol fil-kwistjoni tal-marki jew grad mogħtija mill-eżaminaturi fl-eżami tal-prattika tat-tagħlim ta' min ilmenta sakemm dak il-proċess ta' evalwazzjoni ma kienx wieħed kontaminat b'xi illegalità jew manifestament ħażin. Ir-raġuni għal din il-limitazzjoni fuq il-ġurisdizzjoni tiegħu toħroġ mis-sens komun: la l-Ombudsman u lanqas il-Kummissarju għall-Edukazzjoni ma kienu esperti fis-suġġett li kien qed jiġi eżaminat – dak li l-Ombudsman jew il-Kummissarju seta' u kien obbligat

li jagħmel kien illi jinvestiga jekk ġietx segwita l-proċedura stabbilita tal-eżami (inklużi, fejn disponibbli, l-eżamijiet tar-reparatorju fil-każ tal-prattika) biex jiġi żgurat li ma sar xejn li seta' jnaqqas milli l-proċess ikun wieħed ekwu.

Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, waħda mill-kwistjonijiet li ngħatat attenzjoni speċjali fl-investigazzjoni kienet jekk is-Sinjura A.B. setgħetx tinħatar bħala 'external examiner'. Il-Kummissarju eżamina bir-reqqa d-dokumenti kollha ppreżentati kemm mill-persuna li ilmentat, kif ukoll mill-Fakultà tal-Edukazzjoni konċernata. Huwa eżamina wkoll ir-rapporti tal-eżaminaturi b'konnessjoni mal-prattika tat-tagħlim ta' min ilmenta, kif ukoll it-talba tad-Dipartiment relattiv għal Eżaminaturi Addizzjonali kif eventwalment ġiet approvata mis-Senat.

Il-konklużjoni tal-Kummissarju kienet li kollox kien sar *rite et recte* b'konnessjoni mal-eżami tal-prattika tat-tagħlim tal-persuna li ressqet l-ilment. Kien minnu li, sfortunatament, xi kultant is-Sinjura A.B. kienet tissejjaħ 'eternal examiner' jew 'external assessor'. Madankollu, kien ċar li s-Sinjura A.B. qatt ma kienet inħatret bħala 'external examiner' mis-Senat iżda biss bħala 'auxiliary examiner' skont ir-Regolament 17 tar-Regolamenti tal-Valutazzjoni tal-Università (S.L.327.88) kif emendati minn A.L. 150/2022. Din l-emenda kienet daħlet fis-seħħ mill-1 ta' April 2022 u fil-fatt eliminat ir-referenza għal 'external examiner' fis-subparagrafu (e) tal-paragrafu (1) tar-Regolament 17. Fir-realtà, anke din l-emenda ma kinitx rilevanti għall-ilment rigward il-proċedura adottata mill-Università, peress li fil-fatt il-ħatra tas-Sinjura A.B. dejjem kienet bħala 'auxiliary examiner'. Fil-fatt, kienet il-prassi li 'external examiners' ġeneralment kienu jinħatru biex jeżaminaw teżijiet fil-livell tal-Masters jew ogħla, iżda mhux għall-evalwazzjoni tal-practicums (il-proċedura hija kemxejn differenti fil-Fakultà tal-Mediċina u l-Kirurġija).

Fil-qosor, ma nstab li kien hemm ebda irregolarità fil-proċess tal-eżami li bih il-persuna li ressqet l-ilment ġiet eżaminata u klassifikata. L-investigazzjoni lanqas ma sabet xi indikazzjoni, wisq inqas evidenza (diretta jew indizzjarja) ta' xi konflitt ta' interess jew ta' fastidju verbali kif issemma fl-ilment.

Għalhekk, l-ilment ġie miċħud.

# Il-Parċmini Formali tal-Gradwazzjoni - rifjut li jinħarġu skont il-kunjom attwali (ta' xebba)

**L-ilment**

Il-persuna li ressqet l-ilment hija membru ta' waħda mit-tliet fergħat tal-professjoni legali f'Malta u kisbet diversi lawrji mill-Università ta' Malta. Tlieta minn dawn il-lawrji kienet kisbithom qabel l-2012 u kienu nħarġu bil-kunjom tagħha bħala persuna miżżewġa (dak iż-żmien kienet tuża l-kunjom ta' żewġha).

Xi żmien wara l-2012, permezz ta' att ta' separazzjoni awtorizzat mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Diviżjoni tal-Familja), il-persuna li ressqet l-ilment kienet, għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi, reġgħet ħadet lura l-kunjom li kellha bħala xebba, u fil-fatt il-parċmini tal-gradwazzjoni taż-żewġ lawrji l-oħra sussegwenti li kisbet wara dik id-data nħarġu mill-Università bil-kunjom tagħha ta' xebba.

Meta hija talbet sabiex il-parċmini tal-gradwazzjoni tal-ewwel tliet lawrji jerġgħu jinħarġu bil-kunjom tagħha ta' xebba, għall-ewwel din it-talba ġiet miċħuda minħabba li l-persuni li oriġinarjament kienu iffirmaw dawk il-parċmini ma kinux għadhom jaħdmu l-Università u għaldaqstant ma kinux disponibbli.

Wara diskussjonijiet informali bejn il-Kummissarju għall-Edukazzjoni u r-Reġistratur Akkademiku tal-Università, l-Università qablet li terġa' toħroġ dawk it-tliet parċmini tal-gradwazzjoni tal-persuna li ilmentat bil-kunjom tagħha ta' xebba bil-firma tar-Reġistratur Akkademiku attwali. B'dan il-mod il-kwistjoni ġiet solvuta mingħajr il-ħtieġa li ssir investigazzjoni formali mill-Uffiċċju tal-Ombudsman.

**MCAST**

# Tkeċċija travisata tal-Prinċipal u s-CEO tal-Kulleġġ Malti għall-Arti, Xjenza u t-Teknoloġija

**L-ilment**

Fis-16 ta' Lulju 2024, l-individwu li kien jokkupa l-kariga ta' Prinċipal u s-CEO tal-MCAST, ressaq ilment fl-Uffiċċju tal-Ombudsman. Huwa allega li t-tkeċċija imminenti tiegħu, li kienet se tiġi effettiva fit-tmiem t'Awwissu 2024, kienet waħda li kellha titqies kemm illegali kif ukoll motivata politikament. Il-kuntratt ta' min ilmenta kien ġie estiż minn Marzu 2021 sal-31 ta' Mejju 2026, u huwa sostna li t-tkeċċija tiegħu qabel din id-data kienet tikser it-termini tal-kuntratt tiegħu.

**L-investigazzjoni u l-fatti**

Mill-investigazzjoni tal-Kummissarju għall-Edukazzjoni rriżulta li t-tkeċċija imminenti tal-individwu li ilmenta kienet bi ksur tad-dispożizzjonijiet tas-sub-artikli (1) u (2) tal-Artiklu 22 tal-Att dwar l-Ombudsman peress illi din kienet timmina l-kunċett ta' kuntratt ta' servizz definit skont l-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali. Kif ukoll, minħabba li l-individwu li kien se jitkeċċa ma ngħata ebda raġunijiet għat-tmiem tal-kuntratt qabel id-data stipulata. Il-fatti ewlenin kienu:

- Il-Bord tal-Gvernaturi aġixxa skont il-mandat legali tiegħu meta ġedded il-kuntratt sal-2026.
- Min-naħa tal-Ministeru tal-Edukazzjoni jew tar-rappreżentanti tiegħu ma ngħatat l-ebda raġuni valida biex tiġġustifika li jiġi fi tmiemu l-kuntratt tal-individwu li ressaq l-ilment qabel id-data miftiehma.
- L-istqarrija tal-Ministeru li wara ċerta età l-uffiċjali pubbliċi kienu jeħtieġu l-approvazzjoni annwali tal-Ministeru biex jibqgħu fil-kariga tmur kontra l-liġi ewlenija li tirregola l-impjiegi.

- L-awtoritajiet edukattivi naqsu milli jipprovdu raġunijiet konvinċenti għat-tkeċċija ta' min ressaq l-ilment, billi mxew fuq kunsiderazzjonijiet vagi u irrilevanti, u dan bi ksur tal-Artiklu 22(2) tal-Att dwar l-Ombudsman.

**Konklużjoni u rakkomandazzjoni**
Il-Kummissarju kkonkluda li din it-tkeċċija li kienet ser isseħħ tal-individwu li ressaq l-ilment kienet tammonta għall att ta' amministrazzjoni ħażina. In-nuqqas tal-awtoritajiet edukattivi li jirrispettaw id-deċiżjoni tal-Bord tal-Gvernaturi tal-MCAST u li jpoġġu dan il-kuntratt ta' impjieg ta' min ilmenta li jkun soġġett għal kundizzjoni arbitrarja ta' tiġdid annwali, kienet tikser id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 22 tal-Att dwar l-Ombudsman. Għalhekk, il-Kummissarju rrakkomanda li l-awtoritajiet edukattivi kellhom jieqfu u ma jibqgħux għaddejjin li bit-tkeċċija prospettata fil-31 ta' Awwissu 2024.

**L-eżitu**
Fit-2 ta' Settembru, is-Segretarju Permanenti tal-Ministeru għall-Edukazzjoni, Sport, Żgħażagħ, Riċerka u Innovazzjoni informa lill-Kummissarju għall-Edukazzjoni li ma jaqblux mal-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjoni tiegħu u, għalhekk, kienu se jipproċedu ħalli jitterminaw l-impjieg tal-individwu li ressaq l-ilment. Fid-9 ta' Settembru 2024, l-Ombudsman u l-Kummissarju ressqu dan il-każ għall-attenzjoni tal-Prim Ministru u sussegwentement bagħtu r-rapport lill-Kamra tad-Deputati għall-konsiderazzjoni tagħha.

**Aġġornament (23 ta' Jannar 2025)**
Fit-23 ta' Jannar 2025, il-Kummissarju għall-Edukazzjoni aġġorna lill-Kamra tad-Deputati b'aktar skambju ta' korrispondenza bejnu u s-Segretarju Permanenti Ewlieni (PPS). Fit-tweġiba tiegħu għall-ittra tal-PPS tas-7 ta' Jannar, il-Kummissarju sostna li l-ġustifikazzjoni mogħtija mil-gvern kienet sempliċement ikkonfermat li t-tkeċċija tal-individwu li ressaq l-ilment saret taħt il-libsa jew pretest illi ma tiġġeddidx il-ħatra tiegħu. Huwa nnota li kwalunkwe liġi tista' fiha nnifisha ma tkunx oppressiva, inġusta, jew diskriminatorja b'mod mhux xieraq, iżda tkun hekk fil-mod kif tiġi applikata f'każ konkret. Il-Kummissarju saħaq ukoll li l-MCAST kien ammetta quddiem it-Tribunal Industrijali u rrikonoxxa li l-kuntratt tal-individwu li ressaq l-ilment kien ġie terminat qabel iż-żmien. Kemm l-ittra tal-PPS kif ukoll dik bit-tweġiba tal-Kummissarju ntbagħtu lill-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati sabiex jgħaddi din l-informazzjoni lill-Membri tal-Kamra.

**MCAST**

# Nuqqas ta’ ġustizzja fil-proċess ta’ reklutaġġ fl-MCAST

**L-ilment**

L-ilment tressaq fit-28 ta’ Novembru 2023 minn membru tal-istaff mhux akkademiku fl-MCAST. L-individwu li ilmenta esprima tħassib dwar ir-riżultat ta’ intervista li saritlu fit-13 ta’ Settembru 2023 għall-kariga ta’ Direttur tar-Riżorsi Umani. Huwa allega li ġie evalwat b’mod inġust, u dan wassal biex jingħata marki baxxi tant illi naqas milli jikseb pass mark. Huwa qies li dan it-trattament kien marbut mal-fatt li tul iż-żmien hu dejjem qajjem tħassib dwar l-irregolaritajiet fil-proċeduri tal-MCAST.

L-individwu li ressaq l-ilment sostna ukoll li kellu tħassib dwar xi preġudizzju li seta’ kien hemm minħabba li tnejn mill-membri tal-bord tal-intervisti – il-Prinċipal tal-Kulleġġ u d-Deputat Prinċipal tal-Amministrazzjoni – kellhom relazzjonijiet professjonali mill-qrib miegħu, u dan seta’ kellu effett fuq l-imparzjalità tagħhom. Barra minn hekk, meta appella r-riżultat tal-intervista, sab li żewġ membri tal-Bord tal-Appelli kienu wkoll membri anzjani tal-maniġment tal-MCAST li r-relazzjoni diretta tagħhom kienet mal-Prinċipal tal-Kulleġġ, u dan fil-fehma tiegħu ħoloq dak li hu pperċepixxa bħala konflitt ta’ interess u nuqqas ta’ ġustizzja fil-proċedura addottata.

**L-investigazzjoni u l-fatti**

Il-Kummissarju għall-Edukazzjoni wettaq investigazzjoni bir-reqqa, u kiseb id-dokumentazzjoni u l-assistenza kollha meħtieġa mill-MCAST. L-informazzjoni kienet tinkludi l-marki dettaljati minn kull membru tal-bord fir-rigward tas-seba’ applikanti għall-pożizzjoni li għaliha kien applika l-individwu li ressaq l-ilment. Wara li eżamina kollox, il-Kummissarju ma sab l-ebda evidenza oġġettiva ta’ inġustizzja jew ta’ xi mġieba ħażina fl-għoti tal-marki. Mis-seba’ applikanti, tlieta

biss kisbu pass mark, filwaqt li l-individwu li ressaq l-ilment ġie l-ewwel minn fost it-tliet kandidati l-oħra li ma ġabux pass mark.

Madankollu, fin-nuqqas ta' reġistrazzjonijiet bil-vidjo ta' dawn l-intervisti kien impossibbli li jiġi determinat jekk il-kandidati kollha ġewx trattati b'mod ġust u ekwu.

Dwar kif kien kompost il-bord tal-intervisti, il-Kummissarju osserva li hija prattika standard li fost l-ogħla karigi tal-istaff amministrattiv, bħalma huma l-Prinċipal tal-Kulleġġ u d-Deputat Prinċipal tal-Amministrazzjoni, jipparteċipaw f'bordijiet għal pożizzjonijiet illi jeħtieġu kollaborazzjoni mill-qrib magħhom. Għalhekk, il-preżenza tagħhom fuq il-bord tal-intervisti tqieset ġustifikata.

Madankollu, il-mod kif kien kompost il-Bord tal-Appelli qajjem tħassib serju. Il-Kummissarju nnota li huwa prinċipju fundamentali tal-ġustizzja naturali li kwalunkwe dritt ta' appell irid ikun prattiku u effettiv u mhux sempliċiment wieħed teoretiku jew illużorju. Konsegwentement, il-membri tal-Bord tal-Appelli jridu jkunu indipendenti mill-partijiet involuti. F'dan il-każ, żewġ membri tal-Bord tal-Appelli kellhom relazzjoni diretta mal-Prinċipal tal-Kulleġġ, u l-karigi tagħhom kienu jiddependu minnu, u dan ħoloq konflitt ta' interess ċar. Għalkemm ma kien hemm l-ebda evidenza ta' preġudizzju deliberat jew parzjalità suġġettiva, in-nuqqas ta' indipendenza oġġettiva fil-mod kif kien kompost il-Bord tal-Appell għamel il-proċess ta' appell wieħed illi kien inġust proċeduralment.

**Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

Mill-investigazzjoni rriżulta illi l-prattiċi ta' reklutaġġ tal-MCAST kienu nieqsa minn trasparenza suffiċjenti u salvagwardji kontra l-inġustizzja fil-proċedura adottata. Il-Kummissarju kkonkluda li, filwaqt li ma kien hemm l-ebda evidenza konkreta ta' preġudizzju waqt l-intervista tal-applikant, il-mod kif kien kompost il-Bord tal-Appelli u n-nuqqas ta' indipendenza oġġettiva tiegħu kkompromettew il-ġustizzja tal-proċess kollu ta' reklutaġġ, u dan wassal għal inġustizzja proċedurali.

Biex dawn il-kwistjonijiet jiġu indirizzati, il-Kummissarju rrakkomanda li l-MCAST jimplimenta l-miżuri li ġejjin biex jiżgura aktar trasparenza u kontabilità fil-proċessi ta' reklutaġġ fil-futur:

- li fir-reklutaġġ għal karigi amministrattivi għolja fi ħdan l-MCAST, il-kompożizzjoni tal-bord tal-intervisti għandha tiġi komunikata minn qabel lill-applikanti kollha biex ikunu jistgħu jirrikużaw, għal xi raġuni jew oħra valida, membru tal-bord (bid-deċiżjoni finali dwar l-astensjoni jew le tkun tal-bord kollettivament);
- li dawn l-intervisti kollha kif ukoll l-intervisti għal postijiet ta' għalliema għandhom jiġu rreġistrati bil-vidjo fl-intier tagħhom; u
- li kull wieħed mill-Bord ta' Appell imwaqqaf mill-Kulleġġ biex jisma' l-appelli minn kwalunkwe deċiżjoni amministrattiva, inkluż ir-reklutaġġ għal postijiet amministrattivi għolja, għandu jkun effettivament u fil-prattika indipendenti mill-partijiet.

**L-eżitu**

L-MCAST informa lill-Kummissarju għall-Edukazzjoni bid-deċiżjonijiet tiegħu dwar ir-rakkomandazzjonijiet. Fir-rigward tan-notifika minn qabel ta' kif ser ikun kompost il-bord tal-intervisti, l-MCAST iddikjara li ma jaqbilx mar-rakkomandazzjoni u mhux se jiżvela minn qabel l-identitajiet tal-membri tal-Bord tal-Intervisti lill-kandidati. Fir-rigward tat-tieni rakkomandazzjoni dwar ir-reġistrazzjoni bil-vidjo tal-intervisti, l-MCAST wieġeb li taħt ebda ċirkostanza ma kien se jippermetti li jsiru xi reġistrazzjonijiet. Madankollu, fir-rigward tar-rakkomandazzjoni dwar il-Bord tal-Appelli, l-MCAST indika li kien se jemenda l-proċedura ta' kif ikun kompost il-Bord tal-Appelli tiegħu biex jiżgura l-indipendenza u l-imparzjalità.

Il-Kummissarju għall-Edukazzjoni wieġeb lill-MCAST u saħaq li t-tliet rakkomandazzjonijiet kellhom l-għan li jtejbu t-trasparenza u l-kontabiltà fil-proċess ta' reklutaġġ tal-MCAST. Huwa nnota wkoll li l-fatt li wieħed jibqa' jimxi ma' prattika stabbilita, anke jekk prattika segwita mill-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, m'hijiex raġuni valida biex jiġi miċħud titjib li huwa mmirat sabiex tiżdied it-trasparenza u l-kontabilità. Peress li tnejn mir-rakkomandazzjonijiet ma kinux qed jiġu aċċettati, l-Ombudsman Parlamentari u l-Kummissarju għall-Edukazzjoni ressqu dan il-każ lill-Prim Ministru. Meta ma ttieħdet l-ebda azzjoni, l-Ombudsman u l-Kummissarju bagħtu l-Opinjoni Finali u l-korrispondenza relatata lill-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati għal aktar konsiderazzjoni mill-Membri tal-Kamra.

**Ministeru għall-Edukazzjoni, l-iSport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni**

# Prattika diskriminatorja kontra membri ta' union fis-settur tal-edukazzjoni

**L-ilment**

Il-Union of Professional Educators (il-UPE), f'isimha proprju u f'isem il-membri tagħha, ressqet ilment kontra l-Ministeru responsabbli għall-edukazzjoni fit-23 ta' Frar 2024. Il-union allegat li l-membri tagħha meta segwew direttivi maħruġa minnha (mill-UPE) iffaċċjaw trattament diskriminatorju. Speċifikament, xi kapijiet tal-iskola kienu qed jitolbu prova bil-miktub tas-sħubija fil-UPE qabel mal-membri jitħallew isegwu d-direttivi. Dan ġara b'mod partikolari fl-iskejjel primarji ta' San Ġwann, Ħad-Dingli, Ħal Għaxaq u taż-Żejtun A.

Il-union sostniet ukoll li l-ebda rekwiżit bħal dan ma ġie impost fuq membri tal-Malta Union of Teachers (MUT) jew kwalunkwe union oħra. Barra minn hekk, kien hemm inċident fi skola partikolari fejn il-membri tal-UPE ħassewhom iffastidjati bl-aġir tal-kap tal-iskola, aġir li l-union qieset li kien diskriminatorju u bi ksur tad-dritt għal-libertà ta' assoċjazzjoni fi trade union .

**L-investigazzjoni u l-fatti**

Il-Kummissarju għall-Edukazzjoni beda billi nnota li l-Uffiċċju tal-Ombudsman ma jħarisx lejn direttivi ta' union – ta' kwalunkwe union – b'mod pożittiv meta dawn, għalkemm apparentement maħsuba biex jippromwovu, jiżguraw u jtejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-membri tagħha, jispiċċaw biex joħolqu ħsara sproporzjonata partikolarment lil dawk l-aktar vulnerabbli fis-soċjetà. Jekk xi direttiva jew direttivi maħruġa minn union ikunu illegali, allura l-awtoritajiet għandhom il-mezzi legali biex iżommu responsabbli lill-union fil-kwistjoni. Iżda sakemm tali direttiva jew direttivi ma jkunux meqjusa illegali mill-qrati kompetenti, allura għandhom jitqiesu bħala legali minn dawk kollha kkonċernati, inkluż 'min

iħaddem'. Fil-każ preżenti, l-Awtoritajiet tal-Edukazzjoni ppruvaw jiksbu mandat ta' inibizzjoni kontra l-union li għamlet l-ilment, iżda t-talba ġiet miċħuda mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Mizzi, J.) fil-11 ta' Marzu 2024, u l-kwistjoni ma ġietx segwita aktar fil-qrati.

Mill-provi kollha – dikjarazzjonijiet tax-xhieda u dokumenti – eżaminati mill-Kummissarju għall-Edukazzjoni, irriżulta li tabilħaqq, fi skola partikolari waqt laqgħa tal-istaff, kien hemm skambju jaħraq ta' kummenti bejn il-Kap tal-Iskola u membru partikolari tal-UPE, u ntuża kliem li jistgħu jiġu kwalifikati bħala rimarki sarkastiċi. Madankollu, dan l-inċident ġie mkabbar b'mod esaġerat mill-union li ressqet l-ilment. Xejn minn dak li ġara jew minn dak li ntqal mill-Kap tal-Iskola f'dan l-iskambju qasir ma seta' jitqies li laħaq il-limitu sabiex jiskatta l-Artikolu 22(1)(b) tal-Att dwar l-Ombudsman. Naturalment, ma kienx għaqli li Kap tal-Iskola jitlef il-paċenzja, iżda dak il-fatt fih innifsu, u anke fil-kuntest speċifiku tal-inċident inkwistjoni, ma kienx jammonta għal xi forma ta' fastidju jew amministrazzjoni ħażina. Għalhekk din il-parti tal-ilment ma baqgħetx tiġi investigata aktar.

Madankollu, baqgħet il-kwistjoni dwar dak li l-Awtoritajiet tal-Edukazzjoni qed isejħulha 'a personalised union directive'. Mill-provi akkwiżiti jirriżulta li meta membru tal-UPE jiddeċiedi li ser isegwi direttiva maħruġa minn din il-union , hu jew hi kienu qed jintalbu mill-Kap tal-Iskola biex jipproduċu nota jew ittra mingħand l-imsemmija union li tiddikjara li hu jew hi kienu membru tal-UPE u kienu qed isegwu d-direttiva tagħha. Mill-evidenza provduta ma jidher illi qatt ma kienet intalbet tali 'direttiva personalizzata tal-union ' meta xi għalliem – kemm jekk membru tal-MUT jew ta' xi union oħra, jew tabilħaqq mhux affiljat ma' xi union – segwa xi direttiva maħruġa mill-MUT.

L-Awtoritajiet tal-Edukazzjoni jidher li qed jibbażaw il-pożizzjoni tagħhom fuq dak li huma jipperċepixxu bħala 'direttivi kollettivi', terminu li ma jinsab imkien fl-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Kap. 452). Dik il-liġi tirreferi għal u ssemmi 'ftehim kollettiv', 'negozjar kollettiv' u anke 'redundancy kollettiva', iżda mkien ma hemm referenza għal 'direttivi kollettivi'. Il-Kummissarju għall-Edukazzjoni nnota li ħassu mbarazzat jaqra, fl-ittra tas-Segretarju Permanenti tat-2 ta' Mejju 2024 indirizzata lill-Uffiċċju tal-Ombudsman, li "*It is established practice in industrial relations that collective directives are issued only by the union which*

*enjoys bargaining recognition. Other unions can issue directives but on individual issues and not on collective issues".*

Kif osserva l-Kummissarju, wieħed jistenta jifhem ir-razjocinju ta' tali dikjarazzjoni. Fil-fatt, il-prattika dejjem kienet bil-kontra: anke union li ma tgawdix ir-rikonoxximent setgħet toħroġ direttivi lill-membri tagħha u dawn setgħu jiġu segwiti wkoll minn impjegati li ma kinux membri ta' dik il-union li ma tgawdix ir-rikonoxximent – dan kien impliċitu fl-użu tal-espressjonijiet 'persuna' u 'persuna waħda jew aktar' (u għalhekk mingħajr referenza għas-sħubija f'union ) fl-Artikoli 64 u 65 tal-Kap. 452. L-Awtoritajiet tal-Edukazzjoni komplew jibbażaw id-deċiżjoni tagħhom fuq ir-Regolament 5 tar-Regolamenti dwar ir-Rikonoxximent tat-Trade Unions tal-2016 (L.S. 452.112). Anke hawn, l-espressjoni 'direttivi kollettivi' ma tidher imkien. Ir-Regolament 5 kien sempliċiment maħsub biex jipproteġi l-union rikonoxxuta (jew, kif spjegat fit-tieni proviso għar-Regolament 2(1), il-unions li jakkwistaw rikonoxximent konġunt) minn tentattivi minn union jew unions oħra biex jinnegozjaw kollettivament. Xejn aktar u xejn inqas.

Il-pożizzjoni meħuda mill-Awtoritajiet Edukattivi meta talbu l-hekk imsejħa 'personalised union directive' mill-UPE kienet – apparti minn kwistjonijiet ta' privatezza u GDPR – *prima facie* bi ksur tal-liġi (Art. 22(1)(a) tal-Kap. 385); barra minn hekk, kemm fir-rigward tal-union li ressqet l-ilment kif ukoll fir-rigward tal-membri tagħha, din l-azzjoni kienet waħda irraġonevoli u inġusta fis-sens li din kellha neċessarjament 'a chilling effect' fuq is-sħubija libera u mingħajr ebda xkiel f'union, kif rikonoxxut mill-Artikolu 11 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

**Konklużjoni u rakkomandazzjoni**

Għaldaqstant, l-ilment kien sostnut biss fir-rigward tar-rekwiżit li tiġi prodotta 'a personalised union directive' meta membru tal-union li ressqet l-ilment, jiġi biex isegwi kwalunkwe direttivi tal-union , aġir li tqies li huwa bi ksur tal-Artikolu 22(1) u (2) tal-Kap. 385. Il-Kummissarju irrakkomanda li l-Awtoritajiet Edukattivi jieqfu minnufih u ma jibqgħux jinsistu fuq l-hekk imsejħa 'personalised union directive' (skont id-direttiva/ċirkulari DG DES 14/2024).

**Ministeru għall-Edukazzjoni, l-iSport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni**

# Investigazzjoni dwar żjarat fl-iskejjel minn kandidati prospettivi għall-elezzjoni

**L-ilment**

L-individwu li ressaq l-ilment – kandidat prospettiv għall-elezzjonijiet tal-2024 għall-Parlament Ewropew – allega 'attitudni partiġġjana' mill-Awtoritajiet Edukattivi fir-rigward ta' żjara, li saret fi skola primarja f'Għawdex, minn kandidat prospettiv ieħor fuq il-lista ta' partit ieħor. Ritratti ta' din iż-żjara ttellgħu fuq il-paġna ta' Facebook tal-iskola.

L-ilment tressaq fid-9 ta' April 2024. Fl-10 ta' April 2024 intbagħat avviż, lill-ministeru responsabbli għall-edukazzjoni u lis-Segretarju Permanenti fil-ministeru msemmi hawn fuq illi kien tressaq ilment kontra tagħhom li kien ser jiġi investigat, skont tal-Artikolu 18(1) tal-Att dwar l-Ombudsman. Il-Kummissarju għall-Edukazzjoni talab li jiġi infurmat dwar "*the current policy on visits to school by politicians or prospective candidates to elections as well as on the use of school halls for political activities by political parties or prospective candidates*".

Il-qofol tal-ilment kien li huwa 'żbaljat' (Artikolu 22(1)(*d*) tal-Att dwar l-Ombudsman) li t-tfal tal-iskola, b'mod partikolari t-tfal tal-iskola primarja, jiġu esposti għall-politika tal-partiti; u, barra minn hekk, li l-att li bih il-kandidat prospettiv fuq il-lista tal-partit l-ieħor tħalla jidħol u jkellem membri tal-istaff fl-iskola partikolari inkwistjoni kien jammonta għal 'diskriminazzjoni mhux xierqa' (Artikolu 22(1)(*b*) tal-Att dwar l-Ombudsman). Fl-ilment, l-individwu li ilmenta ssuġġerixxa li l-ministru nnifsu, meta ħa l-kariga bħala ministru responsabbli għall-edukazzjoni, kien iddikjara li "*there should be no politics in school*".

**L-investigazzjoni u l-fatti**

Fit-12 ta' April 2024 il-ministeru wieġeb billi kkonferma li, tabilħaqq, l-Ministru attwali, mal-ħatra tiegħu bħala Ministru responsabbli għall-edukazzjoni, kien ta "*clear instructions and directives relative to visits to schools by politician and respective [sic] candidates to elections*". Intqal ukoll li dawn id-direttivi "*are very clear in the sense that politicians and prospective candidates should not be present at school during school hours unless such presence is deemed to be needed and directly related to the educational path of the students.*" Skont il-ministeru "*this system* [had] *worked well … where a clear structure of approval to be given by the ministry has been in place since 2022.*" Il-Ministeru żied jgħid ukoll li talbiet minn politiċi biex ikunu preżenti fl-iskola matul il-ħinijiet tal-iskola ġew miċħuda kull meta tqies li ma kinux relatati ma' skopijiet edukattivi.

Dwar l-użu tal-bini tal-iskola, il-Ministeru sostna li "*the policy relative to activities within the school premises is that in cases where there is nothing that disrupts the school operations, facilities and available space may be rented to third parties.*" Intqal ukoll li "*the determining factor in the evaluation of the respective requests for the use of such premises is always based upon the presence or otherwise of students in the school premises. This avoids unwanted discrimination.*"

Fir-rigward tal-inċident speċifiku li dwaru tressaq l-ilment, il-Ministeru ddikjara li "*no such request was made for approval or otherwise to the ministry.*"

Dakinhar stess illi waslet l-informazzjoni t'hawn fuq, il-Kummissarju għall-Edukazzjoni kiteb lura lill-Ministeru u lill-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti fejn talab kopja jew kopji "*of the emails or circulars by which these instructions and policy were transmitted down the line, including the date/dates when they were meant to effectively percolate.*" Il-Kummissarju rrimarka li, filwaqt li ma jiddubitax li l-istruzzjonijiet u d-direttivi kienu ngħataw, u li kienet teżisti policy dwar l-użu tas-swali tal-iskejjel, kien kruċjali li jiġi determinat jekk dawn kinux ġew ikkomunikati b'ċarezza suffiċjenti lin-nies fuq il-post, jiġifieri lill-Kapijiet u lill-Assistenti Kapijiet tal-Iskejjel. Intbagħtet tfakkira fit-18 ta' April 2024. Sad-data tal-istesura tal-Opinjoni Finali fuq dan il-każ – jiġifieri, it-3 ta' Mejju 2024 – l-ebda kopja jew kopji bħal dawn ma kienu għadhom ġew ipprovduti mill-Ministeru jew mill-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti lill-Uffiċċju tal-Ombudsman. Mill-evidenza li tressqet

quddiem il-Kummissarju, l-uniċi dokumenti dwar is-suġġett in kwistjoni li jidhru li ġew għall-attenzjoni tal-Kapijiet tal-Iskejjel kienu dawn:

A. Iċ-Ċirkulari DG DES 13/2024, iċċirkolata fit-18 ta' April 2024, bid-data effettiva tal-15 ta' April 2024 (jiġifieri ħafna wara d-data li tressaq l-ilment); u
B. L-Ittra Ċirkulari DSR 3/2015 dwar l-użu tal-faċilitajiet tal-iskola. Din iġġib id-data tal-21 ta' Mejju 2015.

Rigward l-ewwel dokument – 'Policy on the Regularisation of Political Presence During School Hours' – <u>dan ġie ċċirkolat wara li l-ilment mill-kandidat prospettiv ġie kkomunikat skont l-Art. 18(1) tal-Att dwar l-Ombudsman</u>. L-ebda dokument ieħor ma nġieb għall-attenzjoni tal-Kummissarju li juri li d-direttivi jew l-istruzzjonijiet ministerjali mogħtija fl-2022 kienu ntbagħtu bil-miktub lil dawk ikkonċernati, minn min kien responsabbli biex jagħmel dan. Il-Kummissarju għall-Edukazzjoni nnota li kellu jkun ovvju li huwa ta importanza kbira għas-saltna tad-dritt li kwalunkwe direttiva mogħtija dwar kwistjoni daqshekk delikata kellha tkun (u kellha tkun mill-ewwel jum) aċċessibbli għall-Kapijiet u l-Assistenti Kapijiet tal-Iskejjel, kif ukoll għall-pubbliku in ġenerali; kif ukoll li dawn l-istess direttivi jew struzzjonijiet ministerjali kellhom ikunu ċari, li jistgħu jinftehmu faċilment u prevedibbli fl-eżitu tagħhom. Barra minn hekk, direttivi bħal dawn, li neċessarjament jinvolvu element ta' poter diskrezzjonali dwar jekk talba tintlaqax jew le, għandhom ukoll jiġu implimentati in *bona fede*, b'mod ġust, għall-iskop li għalih ingħataw dawk is-setgħat, u b'mod konformi man-normi legali superjuri li jipprojbixxu d-diskriminazzjoni mhux xierqa.

Minn qari bir-reqqa tal-kontenut tad-DG DES 13/2024 wieħed kellu jintebaħ illi filwaqt li saret enfasi fuq il-ħtieġa li jiġi żgurat li ż-żjarat fl-iskejjel "*by those politically elected or prospective candidates are to take place exclusively if the activity is related to the national curriculum*", ma saret l-ebda referenza għall-ħtieġa li jingħata trattament imparzjali lit-talbiet bil-għan li tiġi evitata diskriminazzjoni mhux xierqa, jew saħansitra dak li jista' jidher bħala diskriminazzjoni mhux xierqa. Dan in-nuqqas, fil-fehma tal-Kummissarju, kien aggravat jew ikkomplikat minn klawsola li kienet eżentat (jew li tidher li qed teżenta – il-kliem xejn ma kien ċar) "*such policy … events … originating from the Ministry for Education, Sport, Youth, Research and Innovation.*"

Fir-rigward taż-żjara fl-iskola primarja msemmija fl-ilment, mill-evidenza miġbura matul l-investigazzjoni jidher b'mod ċar li ma sar l-ebda tentattiv deliberat mill-iskola inkwistjoni – jiġifieri, mill-Kap jew minn kwalunkwe Assistent Kap – biex jingħata xi vantaġġ politiku lill-kandidat prospettiv imsemmi fl-ilment. L-iskola fil-kwistjoni, anke taħt kapijiet preċedenti, kienet ippruvat għal ħafna snin tiżgura fondi biex tikkonverti għal xi skop edukattiv u tuża partijiet mill-ispazju miftuħ tagħha u l-partijiet tal-grounds li ma jintużawx. Membru tal-istaff kien jaf persuna li kienet ħadmet mal-istituzzjonijiet tal-UE fi Brussell – il-persuna murija fuq il-paġna ta' Facebook imsemmija fl-ilment mill-individwu li ilmenta – u dan ġie mistieden iżur l-iskola biex jagħti pariri dwar il-possibbiltà li jiġu allokati xi fondi tal-UE. Il-Kap tal-Iskola ma kienx jaf li kien kandidat prospettiv għal xi elezzjonijiet – lokali jew xort'oħra. Fl-ebda ħin il-persuna inkwistjoni ma indirizzat lit-tfal jew kienet ta' xkiel f'xi lezzjoni. Hekk kif waqt iż-żjara kien qed jiġi ggwidat mill-Kap tal-Iskola, membru ieħor tal-istaff ħa xi ritratti li mbagħad ġew imtella' fuq il-paġna ta' Facebook tal-iskola. Fir-ritratti mtella', fl-ebda ħin ma saret referenza għall-konnessjonijiet politiċi u/jew l-aspirazzjonijiet tal-viżitatur inkwistjoni. Naturalment, kif jgħid il-Malti, wara kulħadd bravu, kien faċli li wieħed jgħid li kienet deċiżjoni mhux għaqlija li jiġu ppubblikati dawk ir-ritratti. Madankollu, jekk kellu jiġi attribwit xi tort, żgur li dan ma kellux jiġi attribwit lill-istaff tal-iskola iżda pjuttost lill-amministrazzjoni fid-Diviżjoni tal-Edukazzjoni li kienet ħalliet aktar minn sentejn jgħaddu biex tikkomunika u tiċċirkola l-messaġġ ċar tal-Ministru.

Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-użu tal-bini tal-iskola għal attivitajiet politiċi, l-uniku dokument uffiċjali provdut – mhux mill-ministeru jew mill-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti, iżda mix-xhieda li nstemgħu – kienet iċ-Ċirkulari 3/2015. Skont din iċ-Ċirkulari, l-użu bi ħlas, tal-bini tal-iskola kien soġġett għal kundizzjoni importanti: "*In all cases, schools are to ensure that school facilities are only used for activities that befit an educational establishment.*" Kif attivitajiet politiċi ta' partit, bħal dawk reklamati fl-istampa u fuq Facebook, li saru fl-Iskola Sekondarja ta' Ħal Kirkop u fl-Iskola Primarja tal-Qawra (ara l-Mistoqsijiet Parlamentari 17230 u 17231, u t-tweġibiet għalihom) seta' jingħad li kienu jixirqu lil stabbiliment edukattiv primarju jew sekondarju kienet xi ħaga li l-Kummissarju għall-Edukazzjoni ma setax jifhem. Barra minn hekk, kien importanti ferm li d-Diviżjoni tal-Edukazzjoni tittratta t-talbiet kollha bħal dawn, minn kwalunkwe qasam politiku, bl-istess mod biex tevita atti jew ommissjonijiet li jagħtu lok għal diskriminazzjoni mhux xierqa.

**Konklużjoni**
Għar-raġunijiet kollha msemmija hawn fuq, l-ilment ġie aċċettat safejn, u biss fir-rigward, tal-fatt li l-linji gwida ċari dwar żjarat minn politiċi u kandidati prospettivi għall-elezzjonijiet kienu ġew ikkomunikati lill-Kapijiet u l-Assistenti Kapijiet tal-Iskejjel aktar minn sentejn wara li l-Ministru kien esprima l-fehmiet tiegħu dwar dan; u f'dan ir-rigward ma kinetx meħtieġa l-ebda rakkomandazzjoni speċifika.

Madankollu, milll-investigazzjoni nstabu wkoll kwistjonijiet oħra li kellhom jiġu indirizzati b'mod urġenti mill-Ministeru kkonċernat. Għalhekk, fl-interess tat-trasparenza u l-kontabilità, il-Kummissarju rrakkomanda li ċ-Ċirkulari DG DES 13/2024 tkun aċċessibbli għall-pubbliku ġenerali wara li l-paragrafu 3 tagħha ('Żjarat fl-Iskejjel') jiġi ċċarat jew emendat biex tiġi eliminata l-possibbiltà ta' diskriminazzjoni mhux xierqa minħabba xi tentattiv subdolu tal-użu tal-eżenzjoni vaga eżistenti dwar attivitajiet li joriġinaw mill-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni.

**Ministeru għall-Edukazzjoni, l-iSport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni**

# Il-Bord tal-Appelli tal-MQRIC tħalla mhux kostitwit u mhux qed jiffunzjona

**L-ilment**

L-indivdwu li ressaq l-ilment f'dan il-każ kien ċittadin Malti bi grad ta' Masters fl-Arti u l-Maniġment Kulturali minn istituzzjoni akkademika f'Ruma. F'xi żmien f'Lulju tal-2024, it-taqsima taċ-Ċentru Malti għal Rikonoxximent ta' Kwalifiki u ta' Informazzjoni (l-MQRIC) fi ħdan l-Awtorità Maltija għall-Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla rrifjutat li tirrikonoxxi din il-lawrija barranija. Huwa appella fiż-żmien stipulat lill-Bord tal-Appelli tal-MQRIC billi uża l-indirizz elettroniku ipprovdut mill-Awtoritajiet tal-Edukazzjoni, iżda sad-data li ressaq l-ilment lill-Uffiċċju tal-Ombudsman ma kien irċieva ebda informazzjoni li l-appell tiegħu kien qed jiġi kkunsidrat. It-tentattivi biex jikkuntattja lill-Bord permezz tal-uniku mezz disponibbli – l-indirizz elettroniku dedikat għall-appelli – ma wasslu mkien u baqa' mingħajr ebda tweġiba.

L-ilment tressaq lill-Uffiċċju tal-Ombudsman fis-27 ta' Awwissu 2024.

**L-investigazzjoni u l-fatti**

Fl-4 ta' Settembru 2024, is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru responsabbli għall-Edukazzjoni ġie notifikat li qed issir investigazzjoni ta' ilment, kif meħtieġ skont l-Artikolu 18(1) tal-Att dwar l-Ombudsman (Kap.385). F'dik il-komunikazzjoni, il-Kummissarju għall-Edukazzjoni ġibed l-attenzjoni tal-Awtoritajiet Edukattivi għall-fatt li l-kwistjoni dwar il-funzjonament (jew aħjar, in-nuqqas ta' funzjonament) tal-Bord tal-Appelli tal-MQRIC kienet ukoll is-suġġett ta' korrispondenza f'każ preċedenti dwar ilment imressaq minn ċittadin ta' pajjiż terz. Fil-korrispondenza

f’dak il-każ l-ieħor, il-Kummissarju kien ripetutament talab informazzjoni dwar il-Bord inkwistjoni iżda l-unika komunikazzjoni ta’ sustanza kienet ittra elettronika tat-12 ta’ Lulju 2024 li biha l-Kummissarju ġie infurmat li l-Ministeru (MEYR) kien innomina persuna sabiex tinħatar president tal-Bord iżda li sa dak il-mument il-Ministeru kien għadu qed jistenna l-approvazzjoni mill-‘awtorità rispettiva’.

Fit-13 ta’ Settembru 2024, il-Kummissarju ġie infurmat permezz ta’ ittra elettronika li fis-6 ta’ Settembru 2024 il-Bord tal-Appelli tal-MQRIC kien ġie kkostitwit mill-ġdid, b’effett mill-4 ta’ Settembru 2024 għal perjodu ta’ sena (1) skont l-Avviż tal-Gvern Nru. 1135 tas-6 ta’ Settembru 2024 (ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern tal-istess data).

Wara aktar investigazzjoni, irriżulta li l-aħħar laqgħa ta’ dan il-Bord kienet saret fil-11 ta’ Jannar 2024. Matul dan il-perjodu meta l-Bord ma kienx kostitwit kif suppost, akkumula total ta’ 175 appell, li issa kienu pendenti quddiem il-Bord li kien għadu kif ġie kostitwit.

Fi kliem il-Kummissarju għall-Edukazzjoni fl-Opinjoni Finali tiegħu dwar dan l-ilment: “*It beggars belief how a statutory Board with an important role in the education system can be left un-constituted for just under seven months. During this period the complainant – and no doubt others – could not even properly enquire about the state of his appeal, a situation which flies in the face of the Directive 4.2 of the Standards for Service Excellence offered by the Public Administration to the Public and to Public Employees (issued by the Principal Permanent Secretary on 3rd November 2022). Such gross public maladministration is deplorable*”.

**Konklużjoni**

Fid-dawl ta’ dawn il-fatti, l-ilment kien ġustifikat u ġie sostnut (milqugħ). Kif kien diġà ntqal mill-Kummissarju għall-Edukazzjoni f’rapporti oħra dwar l-istess kwistjoni (jiġifieri dwar in-nuqqas li l-Bord inkwistjoni jkun kostitwit), kien inutli għall-Uffiċċju tal-Ombudsman li jagħmel xi rakkomandazzjoni – dan kien każ ta’ *res ipsa loquitur*. Il-Kummissarju għall-Edukazzjoni llimita ruħu biex jinnota – kif kien għamel f’rapporti oħra – li l-Amministrazzjoni Pubblika tibqa’ responsabbli skont il-liġi ċivili jekk fil-forum xieraq jinstab li l-individwu li ilmenta, jew addirittura kwalunkwe persuna oħra, sofra danni bħala riżultat tan-nuqqas ta’ funzjonament tal-Bord tal-Appelli tal-MQRIC.

# Kummissarju għall-Ambjent u l-Ippjanar

KAŻIJIET FIL-QOSOR



**Ministeru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar**

# Appell minn terzi kontra r-regolarizzazzjoni ta' żvilupp

**L-ilment**

Il-Kummissarju għall-Ambjent u l-Ippjanar fetaħ investigazzjoni li titratta n-nuqqas ta' opportunità li partijiet terzi jikkontestaw quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar permessi għal regolarizzazzjoni ta' żvilupp maħruġa mill-Awtorità tal-Ippjanar.

**L-investigazzjoni**

Filwaqt li partijiet terzi jitħallew iressqu rappreżentazzjonijiet kontra applikazzjonijiet ta' regolarizzazzjoni taħt l-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp, l-Att dwar it-Tribunal ma jagħtix l-istess dritt lil terzi sabiex jappellaw deċiżjonijiet ta' regolarizzazzjoni. Din id-diskrepanza legali ġiet ikkonfermata f'deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell fl-2022. Il-Kummissarju qies din is-sitwazzjoni bħala waħda inġusta, u saħaq li partijiet terzi m'għandhomx l-istess drittijiet bħall-applikanti meta jiġu biex jikkontestaw deċiżjonijiet ta' regolarizzazzjoni. Kuntrarjament, fejn jidħlu permessi ta' żvilupp kemm l-applikanti kif ukoll partijiet terzi jistgħu jissottomettu appell.

**Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

Sabiex jiġi indirizzat dan in-nuqqas, il-Kummissarju irrakkomanda emendi fl-Att dwar it-Tribunal sabiex jiġi aċċertat li partijiet terzi jkunu jistgħu jappellaw ukoll id-deċiżjonijiet ta' regolarizzazzjoni maħruġa mill-Awtorità tal-Ippjanar, u saħaq sabiex dawn il-bidliet jiġu riflessi wkoll fir-regolamenti rilevanti.

**L-eżitu**

Wara perjodu twil mingħajr azzjoni mill-awtorità responsabbli, skont l-Att dwar l-Ombudsman il-kwistjoni ġiet eskalata quddiem il-Prim Ministru u aktar tard tressqet quddiem il-Kamra tad-Deputati.

**Awtorità tal-Ippjanar**

# Revoka ta' permess għar-regolarizzazzjoni

**L-ilment**
L-Uffiċċju investiga ilment jallega nuqqasijiet fl-approvazzjoni ta' permess għar-regolarizzazzjoni ta' diviżjoni ta' villa fully detached f'għaxar units residenzjali.

**L-investigazzjoni**
Għalkemm l-ilment indirizza ħames kwistjonijiet relatati mal-estensjoni ta' art (footprint) li fuqha kien ser isir il-bini, il-preżentazzjoni tal-atti ta' trasferiment, inkonvenjenzi għall-ġirien, dokumenti neqsin u ksur ta' policies tal-ippjanar, il-Kummissarju ddeċieda li l-ewwel kwistjoni biss kien jistħoqqilha investigazzjoni.
Fl-investigazzjoni tiegħu l-Kummissarju sab li r-rapport tal-Case Officer ma kkunsidrax il-kwistjoni relatata mal-estensjonijiet tal-bini li saru wara s-sena 2016 minkejja li din il-kwistjoni kienet tqajjmet matul il-perjodu li fih setgħu jsiru rappreżentazzjonijiet. Lanqas il-Kummissjoni tal-Ippjanar ma trattat din il-materja kif mitlub fir-Regolamenti dwar ir-Regolarizzazzjoni ta' Żvilupp Eżistenti minkejja li kellha effett materjali fuq id-deċiżjoni finali.

Ir-ritratti eżistenti u l-pjanti approvati juru biċ-ċar li hemm differenzi fil-footprint, partikolarment fi tliet bnadi, u valutazzjoni korretta ta' din l-applikazzjoni kellha fl-ewwel lok tikkonkludi b'mod xieraq dwar din is-sitwazzjoni.

Il-Kummissarju sab ukoll li d-data għas-smigħ tal-applikazzjoni quddiem il-Kummissjoni tal-Ippjanar kienet irregolari peress li ġiet stabbilita qabel id-data sa meta r-rappreżentanti setgħu jressqu aktar sottomissjonijiet.

**Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

Il-Kummissarju kkonkluda li l-ilment kien ġustifikat u rrakkomanda li s-seduta tal-Kummissjoni tal-Ippjanar imsemmija titħassar u li l-permess ta' regolarizzazzjoni mill-Bord tal-Ippjanar jiġi revokat minħabba żball fil-proċess tal-applikazzjoni.

**L-eżitu**

Is-seduta tal-Kummissjoni tal-Ippjanar tħassret u wara r-rakkomandazzjoni taċ-Chairperson Eżekuttiv biex dan il-permess jiġi revokat għar-raġunijiet imsemmija fl-opinjoni finali tal-Kummissarju u anke minħabba n-nuqqas tal-att ta' trasferiment tal-proprjetà, il-Bord tal-Ippjanar iddeċieda li jirrevoka l-Permess ta' Regolarizzazzjoni fil-kwistjoni.

**Awtorità tal-Ippjanar**

# Ma tittieħed l-ebda azzjoni kontra irregolaritajiet

**L-ilment**
L-Uffiċċju investiga ilment dwar nuqqas ta' azzjoni mill-Awtorità tal-Ippjanar kontra irregolaritajiet li jikkonsistu f'servizzi fuq il-bejt ta' ristorant li jinsab quddiem is-santwarju tal-Mellieħa u kif ukoll imwejjed u siġġijiet armati quddiem l-istess ristorant.

**L-investigazzjoni**
L-Awtorità tal-Ippjanar ma weġbitx għat-talba li saret mill-Kummissarju dwar jekk l-Awtorità tqisx li ż-żona tar-ristorant fl-apert hija rregolari u li s-servizzi fuq il-bejt imorru kontra l-kundizzjoni tal-permess li jgħid li s-servizzi kollha m'għandhomx ikunu għola mill-opramorta. Meta l-Kummissarju nnota s-sottomissjoni riċenti ta' applikazzjoni ta' żvilupp għal żona tar-ristorant fl-apert u applikazzjoni minor amendment biex jiġu regolarizzati s-servizzi fuq il-bejt, enfasizza l-fatt li din l-applikazzjoni ma tinkludix is-sanzjonar tal-istess irregolaritajiet u kif ukoll li kull tentattiv biex is-servizzi jiġu regolarizzati permezz ta' applikazzjoni minor amendment jkun inutli billi applikazzjoni minor amendment ma tbiddilx il-kundizzjonijiet tal-permess.

**Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**
Wara li l-Awtorità tal-Ippjanar reġgħet naqset milli tissottometti tweġiba uffiċjali, fit-22 ta' Jannar 2024 il-Kummissarju rrakkomanda l-ħruġ ta' Avviż biex Tieqaf u ta' Twettieq ladarba ma tressqet l-ebda applikazzjoni ta' sanzjonar għar-regolarizzazzjoni tal-irregolaritajiet eżistenti li jikkonsistu f'żona tar-ristorant fl-apert u servizzi fuq il-bejt li jaqbżu l-għoli tal-opramorta.

**L-eżitu**

Għalkemm l-applikant biddel l-applikazzjoni pendenti għal waħda ta' sanzjonar fl-istess jum li l-Kummissarju ħareġ ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu, il-Kummissarju jikkunsidra l-mod kif l-Awtorità tal-Ippjanar aġixxiet f'dan il-każ bħala inkoraġġiment għal dawk kollha li jridu jwettqu kontravenzjonijiet biex jagħmlu dak li jfettlilhom billi l-Awtorità tal-Ippjanar mhux biss ma tieħu l-ebda azzjoni iżda saħansitra tgħinhom ukoll sabiex jevitaw tali azzjoni. Dan l-użu irregolari taż-żona fl-apert kellu jitwaqqaf immedjatament skont l-Artikolu 73(1) tal-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp filwaqt li kontra s-servizzi fuq il-bejt kellu jinħareġ Avviż ta' Twettieq.

Skont l-Att dwar l-Ombudsman dan il-każ ġie riferut lill-Prim Ministru u lill-Kamra tad-Deputati.

**Awtorità tal-Ippjanar**

# Applikazzjoni tal-ippjanar attivata mill-ġdid wara li kienet irtirata

**L-ilment**
L-Uffiċċju investiga r-regolarità ta' attivazzjoni mill-ġdid ta' applikazzjoni għal żvilupp ta' lukanda wara li din kienet irtirata mill-Awtorità tal-Ippjanar.

**L-investigazzjoni**
L-applikazzjoni fil-kwistjoni, li tmur lura aktar minn għaxar snin, ġiet irtirata u attivata mill-ġdid għal tliet darbiet matul l-ipproċessar tagħha mill-Awtorità tal-Ippjanar minkejja li qatt ma tressqet talba mill-applikant biex din tiġi attivata mill-ġdid. Barra minn hekk, fil-proċess ma rriżultat l-ebda talba ta' ġustifikazzjoni wara din l-attivazzjoni mill-ġdid.

Ir-Regolamenti dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp tal-2016 jgħidu b'mod ċar li fin-nuqqas ta' tweġiba sħiħa f'sejħa għall-informazzjoni wara li jidħlu fis-seħħ dawn ir-regolamenti, l-applikazzjoni tal-ippjanar fil-kwistjoni għandha titqies bħala waħda rtirata mill-applikant. Il-proċedura f'din is-sejħa kienet segwita b'mod korrett mill-Awtorità tal-Ippjanar iżda, l-Awtorità tal-Ippjanar reġgħet attivat l-applikazzjoni permezz ta' proċedura li mhix permessa mir-regolamenti. L-Awtorità tal-Ippjanar lanqas ma infurmat lir-rappreżentanti li kienu ġew notifikati bl-irtirar tal-applikazzjoni, li l-applikazzjoni msemmija reġgħet ġiet attivata.

Il-Kummissarju sab li kull konferma eventwali ta' din l-applikazzjoni fil-livell ta' deċiżjoni tista' twassal biss għal inċertezzi u diffikultajiet għall-applikant bil-kisba ta' deċiżjoni fuq applikazzjoni rtirata. Barra minn hekk, kwalunkwe proċessar ulterjuri jista' joħloq preċedent serju għal applikazzjonijiet irtirati peress li dan ikun

ifisser li l-applikazzjonijiet irtirati jistgħu mbagħad, kontra r-regolamenti stabbiliti, jerġgħu jiġu attivati b'mod kapriċċuż mill-Awtorità tal-Ippjanar.

**Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

Il-Kummissarju kkonkluda li kwalunkwe proċessar ulterjuri ta' din l-applikazzjoni huwa irregolari peress li din l-applikazzjoni ġiet irtirata mill-applikant skont ir-regolamenti. Il-Kummissarju irrakkomanda li l-Awtorità tal-Ippjanar twaqqaf minnufih kull proċessar ulterjuri ta' din l-applikazzjoni, liema proċess kellu jieqaf wara l-irtirar ta' din l-applikazzjoni.

**L-eżitu**

L-applikazzjoni għall-ippjanar fil-kwistjoni ġiet irtirata skont ir rakkomandazzjonijiet tal-Kummissarju.

**Awtorità tal-Ippjanar**

# Azzjoni kontra ħanut irregolari għat-tiswija tal-muturi

**L-ilment**

Il-Kummissarju għall-Ambjent u l-Ippjanar investiga ilment dwar in-nuqqas ta' azzjoni fil-konfront ta' ħanut li jintuża għat-tiswija ta' muturi u li jopera mingħajr permess. Peress li l-applikazzjoni ta' sanzjonar kienet pendenti quddiem l-Awtorità tal-Ippjanar, l-investigazzjoni ffokat biss fuq l-avviż ta' infurzar maħruġ għal xogħlijiet irregolari li għaddejjin f'dan is-sit.

**L-investigazzjoni**

Mill-investigazzjoni rriżulta li l-Awtorità tal-Ippjanar kienet ħarġet avviż ta' waqfien u infurzar li jindirizza l-bidla mhux awtorizzata fl-użu minn ħanut għal showroom u workshop tal-muturi. Minkejja l-użu kontinwu rregolari, iċ-Chairperson Eżekuttiv naqas milli jirreġistra dan in-nuqqas ta' konformità fl-applikazzjoni ta' sanzjonar rilevanti, kuntrarju għad-dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp. L-Att jesiġi illi l-ipproċessar ta' tali applikazzjonijiet għandu jiġi sospiż sakemm tieqaf l-attività irregolari. Barra minn hekk, l-Awtorità tal-Ippjanar ma mponietx penali jew multi għal kull jum li l-irregolarità tkun qiegħda sseħħ, u ġġustifikat dan għall-fatt li ġiet sottomessa liċenzja uffiċċjali li tkopri din l-attività.

**Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

Il-Kummissarju kkonkluda li l-multi għal kull jum huma applikabbli skont ir-regolamenti, peress li l-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp ġie miksur bl-użu irregolari kontinwu wara l-ħruġ tal-avviż ta' infurzar. Huwa notevoli l-fatt, illi l-avviż ta' infurzar la kien ikkontestat u lanqas appellat.

Il-Kummissarju irrakkomanda li ċ-Chairperson Eżekuttiv jissottometti rapport għal kwalunkwe applikazzjoni pendenti fejn jiddikjara b'mod ċar li l-użu irregolari kien għadu għaddej, biex jiżgura li kull deċiżjoni mill-Bord tal-Ippjanar jew id-delegat

tiegħu tkun konformi mal-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp. Barra minn hekk, il-Kummissarju kien tal-fehma li ċ-Chairperson Eżekuttiv għandu jimponi l-penali u l-multi amministrattivi dovuti għal kull jum tal-ksur fuq l-Avviż ta' Waqfien u Infurzar skont ir-regolamenti applikabbli.

**L-eżitu**

L-Awtorità tal-Ippjanar aċċettat l-ewwel rakkomandazzjoni iżda naqset li taċċetta t-tieni, billi saħqet li l-attività kienet qed titwettaq b'mod legali skont liċenzja valida. Minkejja dan, il-Kummissarju kien sodisfatt li l-Awtorità tal-Ippjanar imponiet multa sinifikanti marbuta mal-permess ta' sanzjonar li kien ġie approvat fil-frattemp.

**Awtorità tal-Ippjanar**

# Permessi għal stalel

**L-ilment**

Il-Kummissarju għall-Ambjent u l-Ippjanar investiga n-numru ta' stalel approvati mill-Awtorità tal-Ippjanar (PA) sa mit-twaqqif tagħha fl-2016 wara li fil-midja dehru diversi artikli li allegaw stalel multipli għall-istess żiemel jew saħansitra għal żwiemel li jkunu mietu, fosthom dwar allegazzjonijiet ta' trasferimenti mhux uffiċjali taż-żwiemel mis-sidien.

**L-investigazzjoni**

Il-Kummissarju ta ħarsa lejn l-applikazzjonijiet u l-permessi kollha maħruġa sal-aħħar ta' Awwissu 2024 (l-Opinjoni Finali ħarġet fit-23 ta' Settembru 2024) u sab li fit-tmien snin bejn l-2016 u l-2024, il-PA approvat total ta' 1022 stalla f'298 permess separat (medja ta' 3.4 stalel għal kull permess). 39 minn dawn il-permessi irregolarizzaw 137 stalla li kienu diġà mibnija. Hemm 88 applikazzjoni oħra għal 328 stalla (inklużi 16-il applikazzjoni biex jiġu regolarizzati 61 stalla) li qed jistennew deċiżjoni mill-PA u 10 applikazzjonijiet għal 50 stalla (inkluża applikazzjoni waħda biex jiġu regolarizzati 5 stalel) li qed jistennew deċiżjoni mit-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar. (EPRT).



Dawn il-permessi kważi kollha kienu japprovaw il-bini ta' stalel ġodda barra ż-Żona ta' Żvilupp (ODZ). Ma nstab ebda permess għall-bidla fl-użu minn stalel għal residenzi.

B'madwar 5200 żiemel reġistrat mad-Direttorat tar-Regolament Veterinarju (VRD) sa mill-2016, wieħed jistenna illi jirċievi dan in-numru daqshekk għoli ta' talbiet għall-iżvilupp ta' stalel fl-ODZ, speċjalment meta wieħed iqis illi r-Rural Policy Design Guidance 2014 (RPDG) tistabbilixxi li l-istalel ġodda għandhom jiġu allokati f'siti li huma 'l bogħod miż-żona ta' żvilupp.

Din li ġejja hija lista (sa Awwissu 2024) bin-numru ta' stalel approvati kull sena f'kull lokalità, flimkien man-numru ta' applikazzjonijiet (għal kull stalla) li hemm pendenti quddiem il-PA u l-EPRT.

| **Lokalità** | **2016** | **2017** | **2018** | **2019** | **2020** | **2021** | **2022** | **2023** | **2024** | **Total** | **Pendenti** | **Total Finali** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Attard | | | 4 | 4 | 5 | 2 | | | | **15** | 6 | 21 |
| Birżebbuġa | | | | 4 | 8 | 13 | 8 | | | 33 | | 33 |
| Dingli | 6 | 1 | | 9 | | 1 | 18 | 7 | 7 | **49** | 7 | 56 |
| Gudja | | | | | 1 | | | 3 | | 4 | | 4 |
| Għargħur | | | | 2 | 12 | 2 | 7 | | | 23 | | 23 |
| Għarb | | | | | | 2 | 4 | | | 6 | | 6 |
| Għajnsielem | | 2 | 4 | 15 | 3 | 11 | 8 | 6 | 8 | **57** | 14 | 71 |
| Għasri | | | | | 2 | 1 | | | 4 | **7** | 2 | 9 |
| Għaxaq | 2 | 4 | 6 | 9 | | | 7 | | | **28** | 8 | 36 |
| Ħamrun | | 2 | | | | | | | | 2 | | 2 |
| Iklin | 6 | | 4 | | | | 2 | | | **12** | 3 | 15 |
| Kerċem | | 4 | | | | 10 | 6 | 5 | | **25** | 6 | 31 |

| | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Kirkop | | 1 | | | | | | | | 1 | | 1 |
| Lija | | 1 | | | | 3 | | | | 4 | | 4 |
| Luqa | 4 | 6 | | | | | 4 | 8 | 1 | **23** | 12 | 35 |
| Mġarr | | | | 1 | 4 | 2 | 3 | | | 10 | | 10 |
| Mellieħa | | 2 | | | | | | | | 2 | 4 | 6 |
| Munxar | | | | | | | 1 | | | **1** | | 1 |
| Mqabba | | | | | | 2 | 5 | | 4 | **11** | 4 | 15 |
| Marsa | | | 1 | 2 | 11 | | | | | **14** | 25 | 39 |
| Marsascala | | 8 | 1 | | | 6 | 7 | 7 | | **29** | 11 | 40 |
| Mosta | | 4 | | 5 | 5 | 3 | | 7 | 4 | **28** | | 28 |
| Marsaxlokk | | | | | 10 | | | | 5 | **15** | 12 | 27 |

| **Lokalità** | **2016** | **2017** | **2018** | **2019** | **2020** | **2021** | **2022** | **2023** | **2024** | **Total** | **Pendenti** | **Total Finali** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Naxxar | | 4 | 4 | 10 | 4 | 11 | 2 | | 3 | **38** | 17 | 55 |
| Nadur | | | | | | | | | | **0** | 2 | 2 |
| Paola | | | | 4 | | 2 | | | | **6** | 8 | 14 |
| Qala | | 2 | 3 | | 3 | 4 | 2 | | | **14** | 3 | 17 |
| Qrendi | | | | | | 2 | 3 | 5 | | **10** | 11 | 21 |
| Qormi | | 5 | 9 | 3 | 5 | | 4 | 9 | 7 | **42** | 18 | 60 |
| Rabat | | 1 | 12 | 19 | 5 | 11 | 20 | | | **68** | 18 | 86 |
| Safi | | | | | | | | | | **0** | 4 | 4 |

| | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| San Ġwann | | | | | | 5 | | | 5 | **10** | 10 | 20 |
| Siġġiewi | | 6 | 4 | 6 | 16 | 19 | 34 | 14 | 11 | **110** | 30 | 140 |
| Sta Luċia | | | | | | | | | 5 | **5** | | 5 |
| San Lawrenz | | | | | | | | | | **0** | 2 | 2 |
| Sannat | | 3 | 4 | | | 6 | 9 | 12 | | **34** | 2 | 36 |
| St Paul's Bay | | | 3 | 2 | | 2 | 5 | | | **12** | 23 | 35 |
| Swieqi | | | | | 3 | | | | | 3 | | 3 |
| Victoria | | | | | | | | 2 | | **2** | 4 | 6 |
| Xgħajra | | | | | | | 5 | | | **5** | 2 | 7 |
| Xewkija | | | | 2 | 7 | 2 | 14 | 4 | | **29** | 29 | 58 |
| Xagħra | | | 5 | 6 | 3 | 10 | 2 | 3 | 8 | **37** | 6 | 43 |
| Żebbug | 4 | 10 | 12 | 14 | 3 | 21 | 23 | 9 | 8 | **104** | 25 | 129 |
| Żabbar | 3 | 3 | | 3 | 3 | 5 | 4 | 1 | 6 | **28** | 13 | 41 |
| Żebbug, Gozo | | 5 | | | | | 11 | | | **16** | 18 | 34 |
| Żurrieq | 4 | | | 6 | | | 3 | 5 | 14 | **32** | 8 | 40 |
| Żejtun | | | 3 | 6 | | | 7 | | 2 | **18** | 11 | 29 |
| **Total** | **29** | **74** | **79** | **132** | **113** | **158** | **228** | **107** | **102** | **1022** | **378** | **1400** |

Għalkemm l-RPDG ma jitlobx li l-applikant ikun sid irreġistrat taż-żwiemel, il-PA stabbiliet proċedura fejn l-applikant huwa mitlub jissottometti lista ta' żwiemel li huma reġistrati f'ismu, fejn ġeneralment in-numru ta' żwiemel jikkorrispondi man-numru ta' stalel li jkun qed jiġi propost. Din il-proċedura hija konformi mal-Pjan Strateġiku għall-Ambjent u l-Iżvilupp (SPED), partikolarment mat-Thematic Objective 1 li jillimita l-medda ta' art għal dan l-iskop fiż-żona rurali. Thematic Objective 1.10 titlob li ż-żoni rurali ma jiġux sfruttati minn użu li mhuwiex leġittimu jew meħtieġ u r-Rural Objective 3 tiggwida l-iżvilupp li huwa ġġustifikat li jkun allokat fiż-żona rurali.

Għall-bidu, il-PA ma kinitx titlob illi l-applikant ikun reġistrat bħala sid ta' żiemel, u fil-fatt ħarġu madwar 60 permess matul l-ewwel snin mingħajr ebda referenza għal lista ta' żwiemel u mingħajr ebda kundizzjoni relatata mal-istess lista. F'dan ir-rigward, eventwalment il-PA introduċiet il-lista ta' żwiemel reġistrati bħala dokument li kellu jiġi anness ma' kull permess rilevanti u introduċiet ukoll kundizzjonijiet għal kull permess li jirreferu għall-istess lista. Dawn il-kundizzjonijiet huma:

1. Prova mill-VRD li ż-żwiemel elenkati, jew is-sostituzzjoni tagħhom, għadhom irreġistrati mal-VRD fuq il-post. Jekk sadanittant xi żwiemel reġistrati ma jibqgħux irreġistrati fis-sit approvat f'dan il-permess ta' żvilupp, is-sostituzzjoni tagħhom għandha tiġi kkomunikata lill-PA fi żmien sena kalendarja. Jekk l-ebda informazzjoni bħal din ma tiġi sottomessa, l-istalel approvati jew parti minnhom għandhom jiġu mneħħija u l-art terġa' tinġieb fl-istat oriġinali tagħha għall-ispejjeż tal-applikant.
2. Prova mill-VRD li ż-żwiemel elenkati għadhom reġistrati mal-VRD f'isem l-applikant.
3. Rapport minn veterinarju kwalifikat illi jiċċertifika li ż-żwiemel rreġistrati mal-VRD għadhom preżenti fuq is-sit.

Dawn il-kundizzjonijiet qatt ma ġew ikkontestati u ġeneralment ġew aċċettati, tant li xi applikanti saħansitra issottomettew il-lista ta' żwiemel fl-istadji inizjali tal-applikazzjoni.

Dawn il-kundizzjonijiet juru li kull permess għal stalla huwa temporanju peress li l-istalel jitħallew jinżammu biss skont il-kundizzjonijiet relatati mal-ħajja u l-proprjetà taż-żiemel relattiv. Madankollu, dawn il-kundizzjonijiet ġeneralment qatt ma ġew segwiti la mill-applikanti u lanqas mill-PA u l-ebda ċertifikazzjoni

skont dawn il-kundizzjonijiet qatt ma ġiet sottomessa jew eventwalment mitluba. Barra minn hekk, ladarba jiskadi l-permess, wieħed ma jistax lanqas jinforza tali kundizzjoni li allura tkun skadiet ukoll. Għalhekk, skont dak imsemmi fl-ewwel kundizzjoni, l-iżvilupp relattiv m'għadux permess peress li l-istess kundizzjoni tgħid li fin-nuqqas li tinġieb ċertifikazzjoni, l-istalel approvati għandhom jiġu mneħħija. F'numru żgħir ta' applikazzjonijiet biss tressqet dikjarazzjoni mill-applikant li tgħid li ż-żwiemel jinsabu f'saħħithom u kien f'każ wieħed biss li l-PA talbet lill-applikant biex jibdel din id-dikjarazzjoni skont dawn il-kundizzjonijiet.

Għalkemm kundizzjoni oħra tgħid li wara l-ħruġ tal-Final Compliance Certificate (li jiċċertifika wkoll il-konformità mal-kundizzjonijiet imposti), l-applikant għandu jissottometti annwalment ċertifikazzjoni li tikkonferma li ż-żwiemel għadhom reġistrati mal-VRD fuq is-sit u li fin-nuqqas li jissottometti din l-informazzjoni, l-istalel approvati jridu jiġu mneħħija, il-Compliance Certificate relattiv ma nstab imkien fl-ebda file tal-PA. Għaldaqstant, il-Compliance Certificate għandu jittella' mill-PA fil-fajl relattiv sabiex min-naħa tagħha tkun tista' tivverifika li huma konformi mal-kundizzjonijiet tal-permess.

Sabiex tiġi kkonfermata t-tneħħija skont il-kundizzjonijiet, wieħed ma jistax joqgħod biss fuq l-infurzar u l-permessi simili li huma ta' natura temporanja u jeħtieġ illi jew jintroduċi garanzija bankarja sabiex jiġi aċċertat li ssir it-tneħħija jew inkella, permessi oħra simili għandhom jinħarġu għal perjodu ta' żmien temporanju, fejn ikun meħtieġ tiġdid ma' kull skadenza. Din tal-aħħar hija għażla aktar prattika meta titqies iċ-ċertifikazzjoni regolari meħtieġa mill-VRD. Li l-perjodu ta' validità ikun wieħed ta' tliet snin għandu jitqies bħala adegwat meta wieħed iqis in-natura tar-rekwiżiti ta' sottomissjoni ta' applikazzjoni għall-iżvilupp u n-natura tal-iżvilupp. Il-proċedura għal emenda żgħira tista' mbagħad tiġi utilizzata biex tinbidel il-lista ta' żwiemel reġistrati - li għandha tkun inkluża bħala dokument approvat aktar milli bħala dokument ta' sostenn - matul il-perjodu ta' validità tal-permess.

Fost affarijiet oħra, il-Kummissarju nnota wkoll ċertu nuqqas ta' konsistenza fid-dikjarazzjonijiet marbuta mal-lista ta' żwiemel:

1. Il-permessi ma kinux jinkludu metodu komuni ta' ċertifikazzjoni u xi wħud kienu jinkludu ċertifikati maħruġa minn veterinarji privati, xi wħud mill-Marsa Racing Club, xi wħud mill-VRD u oħrajn maħruġa minn aġenziji barranin jew periti privati. F'xi każijiet, il-PA aċċettat ukoll ir-ritratti taż-żwiemel biss.

2. Id-dikjarazzjonijiet kienu jinkludu informazzjoni distinta bħall-isem, in-numru tal-mikroċipp u l-kodiċi tat-transponder, il-unique life number u l-freezemark jew in-numru tal-passaport taż-żiemel.
3. Żewġ dikjarazzjonijiet jew aktar fuq l-istess żiemel jistgħu jirreferu għal applikanti differenti minħabba li l-istess żiemel ikollu aktar minn sid wieħed.

Il-PA ma tiċċekkjax jekk iż-żiemel kienx diġà reġistrat taħt permess preċedenti, tant hu hekk li kien hemm 36 stalla fuq żwiemel li diġà kellhom permess f'isimhom. F'żewġ każijiet, inħarġu tliet permessi għall-istess żiemel u kien hemm permessi oħra li għamlu referenza b'dettalji ta' żwiemel li m'humiex leġibbli. Jekk din il-verifika tal-lista ta' żwiemel għandhiex issir mill-Kumitat Konsultattiv Agrikolu jew mill-PA hija irrilevanti peress li l-PA hi marbuta li tivverifika l-informazzjoni kollha li tirċievi skont l-iSPED għax inkella x'ikun l-iskop li tintalab il-lista ta' żwiemel u din ma tiġix ivverifikata qabel jinħareġ il-permess.

In-numru ta' stalel approvati sa mill-2016 jinkludi l-kostruzzjoni ta' strutturi li komplessivament tkopri medda ta' madwar 25,000 metru kwadru għal stalel biss f'ODZ peress li l-RPDG jippermetti medda totali ta' 25 metru kwadru għal kull stalla. Dan il-kalkolu li jkopri 25 metru kwadru għal kull stalla (irrispettivament min-numru ta' stalel li qed jiġu approvati) għandu jiġi modifikat. L-ewwelnett, 20 metru kwadru għal żvilupp simili ODZ għandu jkun biżżejjed għall-ħtiġijiet taż-żwiemel meta wieħed iqis li stalla teħtieġ biss nofs din il-medda u meta wieħed iqis ukoll li l-RPDG jippermetti biss li kamra għal tagħmir agrikolu li jservu 10 tomna ta' art agrikola għandu jkollha daqs ta' mhux aktar minn 15-il metru kwadru. Dan il-limitu ta' 20 metru kwadru għandu japplika biss għall-ewwel tliet stalel (figura bbażata fuq in-numru medju ta' stalel f'kull applikazzjoni ta' żvilupp kif imsemmi qabel). Għal stalel addizzjonali, din il-medda għandha titnaqqas aktar minn 20 għal 15-il metru kwadru għal kull stalla. Dan se jwassal għal tnaqqis b'madwar 20-25% fil-medda ta' art f'ODZ meħuda għall-bini ta' stalel. Bħala eżempju, il-medda ta' art b'total ta' 135 metru kwadru li tirriżulta (3x20+5x15=135) għal 8 stalel f'ODZ tagħmel aktar sens mill-medda ta' art estensiva ta' 200 metru kwadru permessa skont il-policy attwali.

**Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

In-numru ta' stalel f'ODZ li ġew approvati mill-PA mill-2016 instab li huwa eċċessiv, jmur kontra l-ispirtu tal-iSPED u ċertament mhuwiex sostenibbli. Barra minn hekk,

il-PA naqset milli tikkontrolla li jkun hemm konformità mal-kundizzjonijiet li l-PA stess imponiet fl-istess permessi.

Għaldaqstant qed jiġu rakkomandati diversi emendi fil-proċeduri tal-permessi relattivi u fil-policy:

1. Il-PA għandha taċċerta li l-ebda applikazzjoni għall-istalel ma tiġi aċċettata sakemm ma tinkludix in-numru ta' stalel li qed jiġu proposti u l-lista ta' żwiemel (bl-isem u n-numru standard bħan-numru tal-mikroċipp) irreġistrati taħt l-applikant maħruġa mill-VRD (numru ta' stalel fl-applikazzjoni għandu dejjem ikun ugwali jew inqas min-numru ta' żwiemel fil-lista).
2. Din il-lista ta' reġistrazzjoni tal-VRD għandha tkun inkluża bħala dokument approvat (mhux bħala dokument ta' sostenn) fil-permess relattiv.
3. Il-permessi għandhom jinħarġu għal perjodu definit ta' tliet snin bil-kundizzjoni li sakemm ma jiġix imġedded il-permess, l-istalel għandhom jiġu mneħħija.
4. Il-PA għandha żżomm lista tad-dettalji taż-żwiemel kollha sabiex taċċerta li jinħareġ permess wieħed biss għal kull żiemel. Din il-lista għandha tiġi aġġornata wara jkun hemm l-approvazzjoni ta' emendi żgħar fil-lista ta' reġistrazzjoni taż-żwiemel.
5. L-RPDG għandu jiġi modifikat sabiex:
   a) dawn ir-rakkomandazzjonijiet jiġu kkonfermati u approvati; u
   b) l-medda ta' 20 metru kwadru għal kull stalla għall-ewwel tliet stalel u medda ta' 15-il metru kwadru għal kull stalla addizzjonali tapplika fuq l-applikazzjonijiet ġodda kollha.
6. Il-PA għandha taċċerta li l-kundizzjonijiet kollha tal-permess huma konformi u li meta kundizzjoni titlob is-sottomissjoni ta' ċerta informazzjoni f'perjodu speċifikat, is-sistema tal-PA għandha tressaq il-fajl tal-PA relattiv għall-evalwazzjoni kif xieraq.
7. Il-Final Complaince Certificate għandu jittella' fil-fajl tal-PA relattiv.

**L-eżitu**

Wara li l-PA ngħatat estensjoni addizzjonali ta' xahar sabiex twieġeb, fil-bidu ta' Diċembru 2024 l-Opinjoni Finali ntbagħtet lill-Prim Ministru.

Aktar tard, il-PA wieġbet li m'għandha l-ebda problema bir-rakkomandazzjonijiet 6 u 7 u se timplimentahom fl-inqas żmien possibbli. Il-PA qajmet ċerti kwistjonijiet dwar il-punti l-oħra, jiġifieri li biex jiġu applikati ċerti rakkomandazzjonijiet, jeħtieġ

li jkun hemm bidla fl-RPDG jew kollaborazzjoni mal-VRD. Il-PA żiedet tgħid illi siltiet minn ċerti punti u l-punti 3 u 5 se jitressqu għal kunsiderazzjoni fir-reviżjoni tal-RPDG u jekk jiġu aċċettati se jiġu adottati fir-reviżjoni tal-policy. Wara l-Opinjoni Finali, l-PA u l-Ministeru għall-Agrikoltura nidew diskussjonijiet għal kooperazzjoni fl-imaniġġjar, il-kontroll u l-ġbir tal-informazzjoni u t-tqassim tal-istess informazzjoni fil-miżuri ta' kontroll aħjar min-naħa tal-VRD u fil-kundizzjonijiet tal-permessi maħruġa. Il-PA kkonkludiet li hija ser timpenja ruħha sabiex tintroduċi sistema aktar metikoluża fil-ħruġ u l-monitoraġġ ta' dawn il-permessi.

Il-Kummissarju laqa' l-fatt illi ġew aċċettati r-rakkomandazzjonijiet 6 u 7 u f'dan ir-rigward il-PA ntalbet tagħti informazzjoni fi żmien xahar dwar liema permessi kienu skont il-kundizzjoni relattiva sabiex din l-informazzjoni tkun tista' tiġi kkunsidrata jekk dan il-każ imbagħad jiġi riferut lill-Kamra tad-Deputati. Dwar ir-rakkomandazzjonijiet l-oħra, il-Kummissarju esprima l-fehma illi mhux aċċettabbli li l-ewwel erba' rakkomandazzjonijiet, li huma pjuttost sempliċi, ma jiġux implimentati b'effett immedjat u li fir-rigward tal-ħames rakkomandazzjoni, għalkemm huwa jirrikonoxxi li dan ikun jeħtieġ bidliet fl-RPDG, il-PA hija fid-dover illi tara u tisħaq li jsiru dawn il-bidliet relattivi kemm jista' jkun malajr peress li l-istatistika turi li din is-sitwazzjoni mhix sostenibbli.

Wara li ma ġiet riċevuta l-ebda tweġiba mill-PA għall-aħħar talba tal-Kummissarju u ma ġie indikat l-ebda tibdil fl-infurzar effettiv tal-kundizzjonijiet relattivi tal-permessi, u wara l-pubblikazzjoni ta' aktar permessi li ma jirrispettawx is-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet fl-Opinjoni Finali, skont l-Att dwar l-Ombudsman il-każ ġie riferut lill-Kamra tad-Deputati.

**Infrastruttura Malta**

# Xkiel fl-Aċċess ta' għalqa

**L-ilment**
Il-Kummissarju għall-Ambjent u l-Ippjanar investiga każ imressaq fir-rigward ta' ilment dwar aċċess ristrett għal għalqa. Il-kwistjoni qamet wara li ġiet introdotta daħla mat-triq separata mit-triq prinċipali permezz ta' barikati.

**L-Investigazzjoni**
Wara li għamel spezzjoni fuq is-sit, il-Kummissarju osserva li l-barrikati u l-bidliet fl-aċċess tal-għalqa li saru mill-Aġenzija affettwaw drastikament il-mod kif wieħed seta' jidħol fl-għalqa b'vann jew b'makkinarju tqil meħtieġ għall-ħdim tal-art. Biex tiġi ndirizzata l-kwistjoni, il-Kummissarju rrakkomanda li jitneħħa ċ-ċint sporġut 'l barra li jinsab bejn l-aċċess affettwat u l-aċċess fil-qrib ta' terzi, biex b'hekk jinħoloq biżżejjed spazju għall-imanuvrar kif jidher hawn taħt.

**L-eżitu**
Wara diversi diskussjonijiet, l-Aġenzija qablet mal-proposta tal-Kummissarju u lestiet ix-xogħlijiet meħtieġa, u b'hekk ġiet solvuta l-kwistjoni għas-sodisfazzjon tal-individwu li ressaq l-ilment.

**Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma u l-Aġenzija ta' Malta għall-Infrastruttura**

# Bini ta' triq ġdida fil-Mellieħa

**L-ilment**

Il-Kummissarju investiga każ dwar ilment rigward dewmien fit-tul għall-bini ta' Triq Tabib Joseph Grech Attard fil-Mellieħa. L-individwu li ilmenta kien ilu diversi snin iressaq u jqajjem it-tħassib mal-awtoritajiet rilevanti, u rrefera għal perikli serji għas-sikurezza ta' persuni li jgħaddu bil-pass minn din it-triq. Dawn kienu jinkludu l-wiċċ imħarbat tat-triq, it-terrapien mifrux ma' kullimkien, toqob mikxufin, u d-diżlivell sostanzjali bejn l-għoli tal-bankina u l-wiċċ tat-triq.

**L-investigazzjoni**

Mill-investigazzjoni deher illi x-xogħlijiet ta' livellar tat-triq ittardjaw minħabba li hemm ġibjun viċin ħafna ta' din it-triq u għalhekk qabel ma jitbaxxew il-konnessjonijiet tal-ġibjun taħt il-livell tat-triq, ma setgħux jibdew bix-xogħlijiet meħtieġa. Il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma kkonfermat li kienet qed tikkoordina b'mod attiv mal-Aġenzija Infrastruttura Malta sabiex hekk kif jitlestew ix-xogħlijiet ta' trinek, tqegħid ta' pajpijiet, konnessjonijiet mal-ġibjun, u rdim, l-Aġenzija tipproċedi bil-formazzjoni tat-triq u l-asfaltar tagħha.

**Il-Konklużjonijiet u l-eżitu**

Il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma bdiet ix-xogħlijiet fi żmien xahrejn minn meta nbdiet l-investigazzjoni u xahrejn wara tlestew. Malli ffinalizzat ix-xogħlijiet tal-ilma, il-Korporazzjoni wettqet it-testijiet meħtieġa u għaddiet is-sit lill-Aġenzija biex titlesta t-triq.

Ix-xogħlijiet kollha fi Triq it-Tabib Joseph Grech issa ġew konklużi b'suċċess, u l-każ ġie magħluq.

**Awtorità Maltija għat-Turiżmu**

# L-użu rikreattiv tal-Bajja tal-Mellieħa

**L-ilment**

L-Uffiċċju investiga ilment li jallega limitazzjonijiet fl-użu tal-Bajja tal-Mellieħa għal skopijiet ta' rikreazzjoni minħabba diversi konċessjonijiet għat-tqegħid ta' sunbeds u umbrelel.

**L-investigazzjoni**

L-Awtorità Maltija għat-Turiżmu (MTA) wieġbet li numru ta' snin ilu varat inizjattiva sabiex tieħu ħsieb l-immaniġġjar tal-bajjiet, inizjattiva li wasslet sabiex il-Bajja tal-Mellieħa tikseb ċertifikazzjoni Blue Flag. Din it-tip ta' ħidma tinkludi; nies li jagħmlu superviżjoni, servizz ta' lifeguard, kodiċi ta' kondotta għall-bajja, ittestjar tal-kwalità tal-ilma u attivitajiet ambjentali fost oħrajn.

Hemm tmien operaturi li jitħallew ipoġġu sunbeds/umbrelel fil-Bajja tal-Mellieħa, tnejn fuq kull waħda mir-ramliet iż-żgħar mal-ġnub u erbgħa fuq ir-ramla ewlenija. Oriġinarjament, il-ftehim kien assenja żona ta' 1340 metru kwadru lil kull operatur b'żona pubblika f'nofs kull ramla. Madankollu, peress li ż-żona ramlija tvarja kull sena, kull sena l-MTA teżamina r-ramla u ż-żona tiġi indikata skont id-daqs attwali tar-ramla li tirriżulta fi tnaqqis drastiku fiż-żona ġenerali ippjanata għal 700 metru kwadru għal kull operatur. Barra minn hekk, deċiżjoni li ttieħedet fuq livell ministerjali żiedet il-medda ħielsa tul ix-xatt minn 3 metri għal 7 metri.

L-MTA timmarka ż-żoni magħżula fiżikament b'arbli tal-injam imdaħħla fir-ramel u tissorvelja ż-żoni kif immarkati ta' kuljum permezz tal-preżenza ta' persuni maħtura biex jagħmlu superviżjoni tal-bajja u uffiċjali tal-infurzar. Għalkemm l-operaturi jitħallew jarmaw is-sunbeds tagħhom minn kmieni filgħodu, il-pubbliku xorta waħda jista' jaċċessa ż-żoni konċessi lill-operaturi.

**Konklużjoni**

Wara li l-Kummissarju għall-Ambjent u l-Ippjanar irċieva din l-informazzjoni, għalaq dan il-każ peress li l-azzjonijiet meħuda u li qed jittieħdu mill-MTA huma ta' min ifaħħarhom.

Dan ir-rapport intbagħat ukoll lill-Onor. Prim Ministru, lill-Kummissarju tal-Pulizija u lis-CEOs tal-Awtorità tal-Artijiet, l-Awtorità tal-Ippjanar u Transport Malta għaliex din l-investigazzjoni wriet kif jista' jinkiseb bilanċ pożittiv ħafna fl-immaniġġjar ta' art pubblika li tintuża wkoll għal skopijiet kummerċjali, dan b'referenza partikolari għall-kwistjoni li ilha għaddejja dwar l-imwejjed u s-siġġijiet li jitqiegħdu fit-toroq u fi pjazez pubbliċi.

# Kummissarju għas-Saħħa

KAŻIJIET FIL-QOSOR



**Dipartiment tas-Saħħa**

# Jiġi żgurat it-trattament xieraq tal-ADHD meta jsir bdil ta' prodott tal-Methylphenidate minn wieħed tad-ditta għal dak ġeneriku

**L-ilment**
Ġenitur ressaq ilment dwar l-effetti sekondarji mhux mixtieqa li kien qed ikollu ibnu li jbati mill-kundizzjoni tal-ADHD (Attention Deficit Hyperactivity Disorder) meta t-trattament tad-ditta Concerta® (Methylphenidate) ġie mibdul għal dak bi preparazzjoni ġenerika.

**L-investigazzjoni**
Dan l-Uffiċċju talab għal aktar informazzjoni mid-Dipartiment tas-Saħħa dwar dan il-każ. Id-Dipartiment eventwalment wieġeb li:

i. skont il-policy kif abbozzata mill-espert assenjat għal dan il-għan huwa speċifikat b'mod ċar illi pazjenti ġodda m'humiex intitolati li jibdew jingħataw il-kura bil-prodotti tad-ditta Concerta®;

ii. kull pazjent li jippreferi li jibqa' fuq it-trattament tad-ditta ladarba kienu xtrawhom meta ngħatatilhom din il-kura mill-ispeċjalista tagħhom, jistgħu jkomplu jakkwistaw l-istess prodotti permezz tal-Ispiżerija tal-Għażla Tiegħek; u

iii. l-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva ma kienx obbligat la li jħallas lura l-ispejjez jew li jipprovdi l-prodott tad-ditta lil pazjenti ġodda.

**Il-fatti**
Waqt l-investigazzjoni ta' dan il-każ partikolari ġie innutat li t-tifel kien qed jiġi affettwat ħażin meta l-kura li kien fuqha nbidlet f'waħda bi preparazzjoni ġenerika

u dan il-fatt kien ġie iddokumentat sew minn żewġ Psikjatri konsulenti li kienu qed jieħdu ħsieb it-tifel.

Il-letteratura Internazzjonali dwar il-mediċini tidher li tissuġġerixxi li meta jintużaw mediċini psikjatriċi ġeneriċi, dawn jidhru li fil-biċċa l-kbira tal-pazjenti jkunu siguri u effettivi. Madankollu, l-effett li jkollhom jista' jvarja fuq pazjenti individwali b'mod differenti u f'xi pazjenti jistgħu jikkawżaw effetti sekondarji mhux mixtieqa. Din il-minoranza żgħira hija eżattament il-kategorija ta' pazjenti li se tibbenefika mill-preparazzjoni tad-ditta, f'dan il-każ Concerta®. Ir-Rapport espert ikkummissjonat mid-Dipartiment tas-Saħħa fl-2019 jirreferi għal dan. Dan ir-rapport ħares lejn il-kwistjoni kumplessa ta' transizzjoni ta' pazjenti b'ADHD minn preparazzjonijiet tad-ditta għal preparazzjonijiet ġeneriċi. Madanakollu t-tagħrif fil-letteratura medika relatata ma' din il-kwistjoni hija pjuttost skarsa, aktar u aktar fil-każ dwar il-Concerta®.

Jeżistu każijiet ġenwini fejn l-amministrazzjoni tal-Concerta® hija waħda essenzjali peress li l-preparazzjonijiet l-oħra ta' methylphenidate jistgħu jikkawżaw problemi.

**Konklużjoni**

Fil-maġġoranza l-kbira tal-każijiet li pazjent jibda l-kura fuq trattament ġeneriku huwa proċess aċċettabbli u sigur li qed jiġi adottat madwar id-dinja. Madanakollu, jeżistu eċċezzjonijiet u dawn huma dokumentati sew fil-letteratura medika. Żgur li hemm każijiet ġenwini fejn l-amministrazzjoni tal-Concerta® hija essenzjali peress li preparazzjonijiet oħra ta' methylphenidate jistgħu jikkawżaw problemi.

Il-kwistjoni ġiet diskussa mal-Ministeru peress li kienu jeżistu każijiet oħra simili. Ġie irrakkomandat li għandha tinħoloq jew tiġi identifikata struttura adegwata li tittratta l-każijiet individwali li jsofru minn effetti sekondarji mhux mixtieqa meta jkunu fuq xi trattament partikolari, f'dan il-każ methylphenidate ġeneriku.

Il-Ministeru waqqaf grupp ta' esperti biex jara u jevalwa dawn il-każijiet individwali u jiddeċiedi dwar il-mertu ta' kull wieħed minnhom.

**L-eżitu**

Din ir-rakkomandazzjoni ġiet aċċettata, u twaqqaf Grupp ta' Esperti Psikjatriċi sabiex jeżamina dawn il-każijiet.

**Ministeru għas-Saħħa u Anzjanita Attiva**

# Meta l-infertilità titlob kura speċjalizzata barra minn xtutna: jiġi żgurat trattament ugwali fis-sistema tal-kura tas-saħħa f'Malta

**L-ilment**

L-individwu li ressaq l-ilment huwa raġel li fil-passat kellu kundizzjoni medika infettiva, li għaliha ngħata trattament b'suċċess. Ġara li issa għandu problema ta' fertilità u l-Ministeru għas-Saħħa permezz tal-klinika tat-Teknoloġiji Riproduttivi Assistiti (ART – Assisted Reproductive Technologies) sostna li ma setgħux joffru trattament tal-fertilità lokalment minħabba l-infettività potenzjali tiegħu. Il-Ministeru għas-Saħħa permezz tal-klinika ART offrielu soluzzjoni bi trattament permezz tal-Kura tas-Saħħa Transkonfinali (Cross Border Health Care) iżda dan kien ser iwassal għal sitwazzjoni fejn mhux l-ispejjeż kollha marbuta ma' dan it-trattament kienu koperti biex setgħu jingħataw lura.

**L-investigazzjoni**

L-individwu li lmenta saħaq ma' dan l-Uffiċċju li hu u s-sieħba tiegħu kienu marru fil-klinika ART fl-Isptar Mater Dei u ġew infurmati li ma setgħux jiġu offruti l-ebda kura peress li l-infettività tiegħu kienet għadha kwistjoni potenzjali. Il-klinika ART issuġġeriet li jingħataw trattament għall-problema tal-fertilità tagħhom permezz tal-Cross Border Health Care. Ġew infurmati wkoll li l-kura meħtieġa m'għandhix tiġi posposta għaliex jekk jistennew wisq jaf ikun aktar diffiċli biex ikun hemm tqala. Intebħu però li permezz tat-trattament tal-Cross Border Health Care mhux se jiġu koperti għall-ispejjeż kollha involuti.

Il-Ministeru għas-Saħħa ikkonferma li l-kundizzjoni medika tal-individwu li ressaq l-ilment ma kinitx taqa' fil-parametri li jirregolaw il-proċeduri li jsiru/jitwettqu ġewwa l-klinika tal-ART fl-Isptar Mater Dei minħabba r-riskju ta' cross contamination, u għalhekk il-klinika ART issuġġeriet ċentru barrani fejn jista' jingħata t-trattament tal-fertilità. Min-naħa tagħhom sostnew illi dan it-trattament seta' jsir permezz tal-Cross Border Health Care.

**Kunsiderazzjonijiet**

L-Att dwar il-Protezzjoni tal-Embrijuni daħal fis-seħħ fl-2012. Fl-2013, twaqqfet l-Awtorità għall-Protezzjoni tal-Embrijuni (EPA) biex tirregola s-servizzi tal-fertilità f'Malta, u fl-isptar pubbliku ta' Malta beda jiġi offrut is-servizz ta' fertilizzazzjoni in vitro (IVF) b'xejn. Dan bażikament kien ifisser li dan is-servizz sar parti mill-pakkett tal-Kura tas-Saħħa ta' Malta bl-istess mod kif inhuma interventi mediċi oħra. Dan kien anke ikkonfermat indirettament mill-Ministeru billi li kieku min ressaq l-ilment kellu jfittex li jingħata servizz ta' kura tas-saħħa ippjanat jew trattament fl-Unjoni Ewropea/f'Żona Ekonomika Ewropea oħra jew permezz tal-hekk imsejħa Cross Border Health Care, huwa kien jikkwalifika. Dan japplika biss sakemm il-kura medika meħtieġa kienet disponibbli mill-fondi pubbliċi taħt il-pakkett tas-saħħa nazzjonali ta' Malta u sakemm il-pazjent jissodisfa il-kriterji meħtieġa. Id-Direttiva tal-UE dwar il-Cross Border Health Care daħlet fis-seħħ fil-25 ta' Ottubru 2013. L-għan ewlieni ta' din id-Direttiva huwa li tiċċara r-regoli dwar l-aċċess għal trattament sigur u ta' kwalità tajba madwar l-istati membri tal-UE. Fil-fatt, waħda mill-affarijiet li għandhom jiġu ikkunsidrati meta wieħed ifittex possibbiltà ta' kura barra minn Malta taħt din l-iskema hija li s-servizz/trattament tas-saħħa li qed jintalab jifforma parti mir-Reġistru Malti dwar il-kura tas-saħħa li jinkludi s-servizzi kollha offruti mis-sistema tal-kura tas-saħħa pubblika Maltija. Għaldaqstant, jekk il-klinika ART issuġġeriet u iffaċilitat din il-modalità ta' trattament għall-persuna li ressqet l-ilment u s-sieħba tiegħu tikkonferma li dan it-trattament/kundizzjoni fil-fatt jifforma parti mill-pakkett tal-Kura tas-Saħħa ta' Malta.

Li kieku min ilmenta kien qed isofri minn problema kirurġika jew medika li kienet teħtieġ għarfien espert mediku speċjali jew tagħmir mhux disponibbli lokalment (per eżempju trapjanti, jew trattament speċjali onkoloġiku) f'dan il-każ il-pazjent kien jiġi riferut għall-kura barra mill-pajjiż mingħajr ebda problema permezz tal-programm lokali magħruf bħala n-National Highly Specialised Overseas Referrals Programme. F'dawn il-każijiet il-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva jibgħat

lill-pazjent f'ċentru barrani speċjalizzat għall-kura meħtieġa. M'huwiex il-pazjent li jagħmel l-arranġamenti. Dawn isiru mill-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva u fil-fatt id-dipartiment iħallas direttament liċ-ċentru għall-kura kollha. Il-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva jipprovdi wkoll lill-pazjenti b'allowance għal kull ġurnata li l-pazjenti ma jkunux rikoverati fi sptar. F'dan il-każ sfortunatament il-kundizzjoni medika tal-persuni li ressqu l-ilment (l-infertilità) mhux qed tiġi ittrattata bl-istess mod bħala kundizzjoni medika li teħtieġ kura. Il-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva min-naħa jirrikonoxxi li l-problemi tal-fertilità għandhom jiġu ittrattati u għalhekk inkluda dawn l-interventi fil-Pakkett tal-Kura tas-Saħħa, iżda min-naħa l-oħra mhux lest li jibgħat każijiet bħal dawn għall-kura barra l-pajjiż kif jagħmel fil-każ ta' kull kundizzjoni kirurġika jew medika oħra.

Meta jiġi deċiż li pazjent jintbagħat għal trattament barra l-pajjiż il-Kumitat Konsultattiv dwar it-Trattament Barra minn Malta jevalwa kull referenza għal trattament barra l-pajjiż prinċipalment fuq il-kriterji li ġejjin:

i. **Is-servizz ma jistax jiġi ipprovdut lokalment.**
   F'dan il-każ il-persuna li ressqet l-ilment u s-sieħba tiegħu ġew informati li s-servizz li għandhom bżonn ma setax jingħata lokalment mill-klinika ART.
ii. **Is-servizz li qed jintalab jifforma parti mill-Pakkett tal-Kura tas-Saħħa ta' Malta.**
   Wara li riċentement għaddiet il-leġiżlazzjoni, il-Fertilizzazzjoni In-Vitro hija waħda mis-servizzi li qed tingħata permezz tas-Servizz għall-Kura tas-Saħħa f'Malta (kif diġà ġie spjegat hawn fuq).
iii. **Is-servizz li qed jintalab huwa klinikament ippruvat u mhux għadu fil-fażi ta' prova.**
   Is-sistemi tekniċi tal-fertilità assistita li kienu qed jiġu proposti llum il-ġurnata huma meqjusa bħala metodi ippruvati sew fil-konċepiment assistit.
iv. **Il-każ ġie diskuss ma' Konsulenti lokali oħra u b'hekk ġie aċċertat li sar kull trattament li huwa disponibbli lokalment.**
   Il-konsulenti fil-klinika tal-ART kienu tal-fehma li f'dak l-istadju lokalment ma seta' jsir ebda trattament ieħor.

Dan il-każ issodisfa dawn l-4 kundizzjonijiet kollha u għalhekk seta' jgħaddi għal konsiderazzjoni għal trattament barra mill-pajjiż taħt in-National Highly Specialised Overseas Referrals Programme. Is-servizz mediku li hu iggarantit taħt il-pakkett tal-Kura tas-Saħħa Maltija ma setax jiġi offrut lil dan is-sinjur

mhux minħabba li kellu xi ħtija iżda sempliċiment għaliex is- servizz mhux disponibbli lokalment l-aktar minħabba raġunijiet loġistiċi. Kif diġà ssemma, ċerti kundizzjonijiet mediċi/kirurġiċi, bħal trapjanti tal-pulmun jew kundizzjonijiet onkoloġiċi li jeħtieġu trattament li ma kienx disponibbli lokalment, jiġu rriferuti barra mill-pajjiż mingħajr problemi. Jista' jkun li f'dan il-każ l-awtoritajiet ma rawx u ma setgħux jipperċepixxu li kien hemm xi riskju imminenti għall-ħajja. Dan, madanakollu, m'għandux ikun fattur deċiżiv peress li l-infertilità xorta waħda hija kundizzjoni medika. Tant hu hekk li l-awtoritajiet kompetenti ħadu d-deċiżjoni li jinkludu l-infertilità bħala parti mill-pakkett tal-Kura tas-Saħħa Maltija.

**Rakkomandazzjonijiet**

L-individwu li ressaq l-ilment kellu bżonn kura għall-problema marbuta mal-fertilità tiegħu u peress li din ma setgħetx tiġi offruta lokalment mill-klinika ART fi ħdan l-Isptar Mater Dei minħabba raġunijiet loġistiċi, allura kellu jiġi riferut barra minn Malta għall-kura meħtieġa. Dan it-trattament għandu jkun fuq l-istess linji bħal dak offrut lill-pazjenti oħra li jintbagħtu barra għall-kura permezz tan-National Highly Specialised Overseas Referrals Programme, wara l-approvazzjoni tal-Kumitat Konsultattiv għat-trattament barra minn Malta u mhux permezz tal-Cross Border Health Care. Jekk l-awtoritajiet jonqsu li jagħmlu dan, l-individwu li ressaq l-ilment u s-sieħba tiegħu jkunu qed jiġu ddiskriminati intortament.

Huwa f'idejn il-Ministeru għas-Saħħa li jiddetermina fejn għandu jingħata l-kura għall-kundizzjoni tiegħu l-individwu li ressaq l-ilment u li jiġi identifikat dan iċ-ċentru jaqa' fil-mandat tal-Uffiċċju ta' Koordinazzjoni ta' Trattament Barra minn Malta flimkien mal-professjonisti tal-kura tas-saħħa klinika rispettivi.

**L-eżitu**

Il-Ministeru għas-Saħħa aċċetta r-rakkomandazzjoni u ħallas lura l-ispejjeż kollha li saru lill-individwu li ressaq l-ilment.

**Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva**

# Meta l-ispiża biex tingħata opinjoni oħra barra l-pajjiż tinqasam bejn il-partijiet: każ ta' nuqqas ta' komunikazzjoni ċara dwar każ li ġie riferut għal konsulta barra minn Malta

**L-ilment**

L-ilment tressaq quddiem dan l-Uffiċċju minn omm għan-nom ta' binha fejn talbet li l-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva jħallas lura għall-ispejjeż kollha li huma ħarġu għall-konsultazzjoni medika u l-investigazzjonijiet li saru barra minn Malta għal binha.

**L-istorja tal-każ**

L-iben ta' din l-omm li ressqet l-ilment sa mit-twelid kien ibati minn kundizzjoni medika rari. Il-kundizzjoni ta' dan it-tifel kienet tiġi segwita b'mod regolari kemm lokalment kif ukoll f'ċentru mediku fir-Renju Unit. Fil-fatt hu kien ġie operat fir-Renju Unit għall-kundizzjoni tiegħu meta kien għadu tifel u minn dakinhar baqa' jiġi segwit b'mod attiv.

Minħabba xi kwistjonijiet li nqalgħu matul it-trattament tiegħu, il-ġenituri esprimew ix-xewqa tagħhom li jkollhom opinjoni oħra. Fil-bidu din it-talba ma ntlaqgħetx u ġiet irrifjutata mill-konsulenti f'Malta iżda eventwalment kien hemm qbil li din għandha ssir.

**L-investigazzjoni**

Il-persuna li ressqet l-ilment mal-Uffiċċju tagħna talbet illi tingħata lura l-ħlas għall-ispejjeż li għamlu meta huma, il-ġenituri tat-tifel, ħadu lil binhom fi sptar fir-Renju Unit għal konsultazzjoni u l-investigazzjonijiet. Dan huma għamluh wara li fil-bidu l-konsulenti lokali kienu rrifjutaw li huma jingħataw opinjoni oħra dwar il-kundizzjoni medika u d-djanjosi ta' binhom. Il-ġenituri talbu din it-tieni opinjoni wara li l-konsultazzjoni mal-konsulent barrani li kien qed jieħu ħsieb lil binhom tqieset mhux sodisfaċenti. Meta l-konsulenti lokali ma qablux mal-ħtieġa li tingħata opinjoni oħra l-omm għamlet kuntatt ma' espert barrani u talbet tagħrif dwar il-kundizzjoni speċifika li kien qed ibati minnha binha iżda f'dak l-istadju ma komplietx tipproċedi aktar.

Xi xhur wara l-konsulenti lokali evalwaw mill-ġdid il-kundizzjoni medika u qablu li binha seta' jibbenefika minn konsultazzjoni fir-Renju Unit. Iċ-ċentru rilevanti ġie ikkuntattjat. Dan kien l-istess ċentru li l-omm kienet ikkuntattjat qabel meta talbet tagħrif dwar il-kundizzjoni ta' binha. Meta l-konsulent lokali kkuntattja lill-espert mediku barrani dwar dan il-każ u talab appuntament mal-konsulent barrani, ladarba xi xhur qabel l-omm kienet diġà għamlet kuntatt miegħu u talbitu informazzjoni dwar il-każ ta' binha assuma li dan kien każ privat u mhux każ li se jiġi trattat skont is-sistema tas-saħħa nazzjonali tar-Renju Unit (in-National Health System (NHS)).

Sfortunatament, il-pazjent ma ġiex riferut lit-Treatment Abroad Committee biex ikun parti min-National Highly Specialised Overseas Referral Programme. Għalhekk meta l-omm ħadet lil binha f'istituzzjoni medika barranija kellha tħallas għall-konsultazzjoni u l-investigazzjonijiet li saru.

**Konklużjoni**

Dan il-każ jidher li kien wieħed fejn kien hemm nuqqas ta' komunikazzjoni ċara jew interpretazzjoni ħażina. Il-konsulenti lokali kienu eventwalment qablu li l-pazjent kellu jiġi riferut għand konsulent barrani differenti iżda sfortunatament il-protokoll li għandu jiġi segwit meta pazjenti jintbagħtu barra minn Malta permezz tan-National Highly Specialised Overseas Referral Programme ma ġiex imħaddem kif suppost. F'dan il-każ l-awtoritajiet tas-saħħa ħallew f'idejn l-omm biex tagħmel l-arranġamenti meħtieġa. Għaldaqstant, wara li fil-bidu ma kienx hemm qbil mill-

konsulenti lokali biex il-pazjent jingħata opinjoni oħra, l-omm min-naħa tagħha għamlet talba sabiex binha ssirlu konsulta privata. Iżda ġara li meta l-konsulenti lokali qablu li jingħataw opinjoni oħra u l-omm ikkuntattjat lill-isptar tar-Renju Unit, dan tal-aħħar ipproċeda fuq it-talba li kienet għamlet qabe hi stess u offra li jingħataw kura privata minflok it-trattament skont l-NHS tar-Renju Unit kif inhi l-proċedura normali meta pazjent jintbagħat għall-kura barra mill-pajjiż permezz tan-National Highly Specialised Overseas Referral Programme. Peress li din ma kinitx l-ewwel darba li l-pazjent mar barra minn Malta għall-kura medika, l-omm kienet konxja tal-proċeduri li kellhom jiġu segwiti iżda ħadd ma deher li qajjem ebda mistoqsijiet.

**Rakkomandazzjonijiet**
Din il-kwistjoni sfortunata kollha kienet riżultat ta' nuqqas ta' komunikazzjoni ċara bejn iż-żewġ partijiet. Min-naħa nsibu li l-awtoritajiet lokali kellhom jsegwu l-protokoll tan-National Highly Specialised Overseas Referral Programme billi jirreferu dan il-każ lit-Treatment Abroad Committe u ma jħallux f'idejn il-ġenituri biex jagħmlu l-arranġamenti meħtieġa. Filwaqt li min-naħa l-oħra nsibu li l-ġenituri li kienu diġà esperjenzaw u għaddew mill-proċedura meta jsir riferiment permezz tan-National Highly Specialised Overseas Referral Programme u għalhekk kienu konxji tal-proċedura li s-soltu tiġi segwita. Madankollu fl-ebda waqt ma kkontestaw il-proċess li ġie adottat din id-darba.

Għalhekk il-Kummissarju għas-Saħħa rrakkomanda li l-ispejjeż marbuta ma' dan il-każ kellhom jinqasmu bejn iż-żewġ partijiet jiġifieri bejn l-awtoritajiet tas-saħħa u l-ġenituri.

**L-eżitu**
Il-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva qabel li jħallas lura nofs l-ispejjeż li għamlet il-persuna li ressqet l-ilment għall-konsultazzjoni u l-investigazzjonijiet li saru barra minn Malta.

**Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva**

# Tiġi żgurata ekwità fit-Trattament tal-IVF: ebda distinzjoni fil-ħlasijiet lura għall-medikazzjoni bejn il-Kura Pubblika u dik Privata

**L-ilment**

L-ilment tressaq minn koppja li kienet għaddejja minn trattament ta' subfertility li kienet ġiet reġistrata mal-klinika tal-Assisted Reproductive Therapy (ART) fl-isptar Mater Dei, iżda li kienu ġew infurmati li kien hemm lista ta' stennija twila. Minnaħa tagħhom iddeċidew li jħaffu l-proċess u jirrikorru minflok għall-kura fi klinika privata lokali. Il-koppja ressqet ilment minħabba li huma kien qed ikollhom iħallsu għall-mediċini filwaqt li koppji oħra li jiġu trattati u ikkurati fil-klinika tal-ART fl-Isptar Mater Dei, jingħataw il-ħlas lura għall-ispiża tal-mediċini.

**L-investigazzjoni**

Mill-investigazzjoni mill-ewwel ħareġ biċ-ċar illi meta t-trattament għas-subfertility jingħata fil-klinika tal-ART fl-isptar Mater Dei l-ispiża għall-mediċini kienet titħallas lura kompletament mis-Sistema Nazzjonali tas-Saħħa, iżda dan ma kienx il-każ għal dawk l-individwi li jagħżlu li jagħmlu dan l-intervent fi klinika privata lokali. Il-persuni li ressqu l-ilment kienu kkonsultaw ukoll mal-Awtorità għall-Protezzjoni ta' Embrijuni dwar il-kwistjoni u din tal-aħħar ikkonfermat li huma biss dawk il-pazjenti li jkunu qed jieħdu l-kura fil-klinika tal-ART fl-isptar Mater Dei li jikkwalifikaw biex jingħataw il-ħlas lura għall-ispejjeż tal-medikazzjoni. Il-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva kkonferma wkoll li l-proċedura attwali tal-ħlasijiet lura għall-medikazzjoni tal-IVF se tkompli tibqa' kif inhi. Għalhekk, il-ħlas lura għall-medikazzjoni tal-IVF se tingħata biss lil dawk li jirċievu t-trattament

fis-Sistema Nazzjonali tas-Saħħa fil-klinika tal-ART fl-Isptar Mater Dei u lil dawk il-persuni li jintbagħtu barra minn Malta permezz tal-Cross Border/Treatment Abroad Committee. Għaldaqstant, il-pazjenti li jkunu qed jieħdu it-trattament f'faċilità privata f'Malta m'humix intitolati li jirċievu l-ħlas lura għall-medikazzjoni.

**Konsiderazzjonijiet**

Wara li ġiet ikkonsidrata l-informazzjoni miġbura matul l-investigazzjoni ta' dan il-każ, dan l-Uffiċċju ma setax isib ġustifikazzjoni valida għad-differenza fil-ħlasijiet lura għall-medikazzjoni, u l-policy li kienet qed tiġi applikata. Din id-differenza tidher li kienet ibbażata biss u esklussivament fuq jekk il-kura tingħatax fil-klinika tal-ART fl-Isptar Mater Dei jew inkella fi klinika privata lokali; fejn dak tal-ewwel jingħata lura l-ħlas għall-mediċini filwaqt li dak tat-tieni ma kienx intitolat. Wieħed għandu jikkonsidra wkoll li meta l-pazjenti jagħżlu li jirrikorru għall-kura privata s-servizz tas-saħħa fil-fatt ikun qed jiffranka l-flus, peress li l-professjonisti privati u l-miżati tal-klinika jkunu qed jitħallsu kompletament mill-pazjenti infushom.

**Rakkomandazzjonijiet**

Dan l-Uffiċċju għalhekk irrakkomanda li dawk il-pazjenti li jkunu qed jagħmlu t-trattament tal-fertilità tagħhom fis-settur privat lokali għandu jkollhom l-istess drittijiet bħal dawk li jingħataw il-kura fi ħdan il-klinika tal-ART fl-Isptar Mater Dei, jiġifieri għandhom jirċievu l-ħlas lura meta wieħed jippreżenta l-irċevuti tal-ispejjeż li jkunu saru biex jinxtraw il-mediċini bħala parti mill-kura għall-fertilità tagħhom.

**L-eżitu**

Dan l-Uffiċċju bi pjaċir jinnota li l-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva fi Stqarrija għall-Istampa tal-15 ta' April 2024 iddikjara li l-ħlasijiet lura għall-mediċini tal-IVF se jingħataw lill-pazjenti kollha u dawn ġew wkoll estiżi għal pazjenti li jkunu qed jagħmlu trattament tal-fertilità fis-Settur Privat. Dan il-ħlas lura għall-mediċini tal-IVF ġie estiż għall-ġenituri prospettivi li kienu qed jingħataw trattament tal-IVF f'Malta kif ukoll fi proċeduri tal-IUI, tal-IVF jew ta' trasferiment ta' embrijuni fi kliniċi privati mill-1 ta' Jannar 2023.

**Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva**

# Żieda fit-trapjanti tal-kornea permezz ta' akkwist barrani

**L-ilment**

L-ilment tressaq minn iben ta' mara anzjana li kellha bżonn trapjant tal-kornea. L-individwu li ressaq l-ilment informa lill-Uffiċċju tagħna li ommu, li kienet issofri minn marda ġenetika rari u kellha bżonn trapjant tal-kornea bħala parti mill-kura tagħha. Minħabba n-nuqqas ta' donaturi tal-kornea sfortunatament iż-żmien ta' stennija għall-operazzjoni kien wieħed twil ħafna u għal kollox imprevedibbli. Barra minn hekk il-vista ta' ommu kienet dejjem qed tmur għall-agħar.

**L-investigazzjoni**

Mill-investigazzjoni ta' dan il-każ irriżulta li l-pazjenta diġà kellha trapjant simili fl-2016 u issa, kienet ilha tistenna għal trapjant ieħor sa mill-2018. Il-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva ikkonferma wkoll li l-pazjenta kienet ilha fuq il-lista ta' stennija tal-operazzjonijiet mill-2019. Ix-xkiel ewlieni f'dan il-każ jidher li kien in-nuqqas ta' donaturi. L-organi disponibbli bil-għan illi jiġu trapjantati kien fattur li dwaru l-Ministeru ma kellu ebda kontroll. Il-Ministeru innota wkoll li sfortunatament, wara l-pandemija l-Isptar Mater Dei irreġistra tnaqqis fid-donazzjonijiet tal-organi iżda kienet għaddejja ħidma sabiex jinħolqu strateġiji biex jiżdiedu d-donazzjonijiet. Madankollu dawn l-istrateġiji kienu għadhom fl-istadju ta' ppjanar.

Minn aktar stħarriġ dwar din il-kwistjoni irriżulta li dan it-tip ta' operazzjonijiet kienu disponibbli fis-Settur Privat lokali. Dan għaliex kienu qed jutilizzaw korneas li jinġiebu minn pajjiżi oħra barra minn Malta.

**Konsiderazzjonijiet**

Mill-informazzjoni miġbura deher li l-aħjar triq 'l quddiem hija dik illi permezz tad-diversi mezzi possibbli ssir promozzjoni qawwija li tħeġġeġ u tippromwovi

d-donazzjoni tal-organi lokali. Madankollu, fit-frattemp, sakemm ikun hemm l-organi disponibbli lokalment għandhom jiġu ikkunsidrati soluzzjonijiet oħra. Per eżempju waħda mill-għażliet tista' tkun li s-Sistema Nazzjonali tas-Saħħa takkwista dan it-tessut tat-trapjant minn barra, xi ħaġa li diġà kienet qed issir fis-settur privat lokali.

**Rakkomandazzjoni**
Dan l-Uffiċċju irrakkomanda li l-Ministeru għandu jipprova jesplora l-possibbiltà li jakkwista korneas minn barra. Is-Servizzi Nazzjonali tat-Trasfużjoni tad-Demm (NBTS) li huma responsabbli għal dan l-akkwist għandhom jippruvaw jakkwistaw tessut bħal dan. B'dan il-mod il-pazjenti li jeħtieġu trapjanti tal-kornea bħal dawn ikunu jistgħu jiġu ittrattati kif meħtieġ.

**L-eżitu**
Dan l-Uffiċċju ġie infurmat illi l-NBTS identifika u eventwalment irnexxielu jilħaq ftehim ma' istituzzjoni barranija li permezz tiegħu setgħu jiġu akkwistati korneas bħal dawn. Fil-fatt din il-pazjenta saritilha l-operazzjoni tat-trapjant tal-kornea li kellha bżonn. L-isforzi tal-NBTS biex ikun hemm aktar donaturi tal-kornea taw il-frott u fl-2024 kien hemm għadd rekord ta' donazzjonijiet lokali. Wieħed jittama li dan iwassal sabiex titnaqqas il-ħtieġa li jkun hemm 'importazzjoni' ta' tessuti bħal dawn.

**Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva**

# Jiġi żgurat aċċess ekwu għal Monitors tal-Glucose fid-Demm għal pazjenti dijabetiċi

**L-ilment**
Dan il-każ ġie ippreżentat lill-Uffiċċju tagħna minn pazjent dijabetiku li kien qed jitlob illi jingħata monitor li jaqra l-livell ta' glucose fid-demm u t-test strips tiegħu permezz tal-iskema tal-Ispiżerija tal-Għażla Tiegħek (Pharmacy Of Your Choice (POYC)).

Dan il-pazjent dijabetiku kien applika permezz tal-POYC għal monitor tal-glucose fid-demm u test strips biex ikun jista' jikkontrolla l-livelli tal-glucose fid-demm tiegħu. Il-konsulent tiegħu kien applika għal dan il-monitor iżda din it-talba ġiet miċħuda.

**L-investigazzjoni**
Mill-investigazzjoni tagħna deher li l-pazjent kien intitolat għal Assistenza Medika bla ħlas għal perjodu indefinit, skont il-Parti III, tal-Skeda II tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali Kap. 318, l-hekk imsejħa Karta Roża. Huwa kellu l-Karta Safra skont il-Parti II tal-iSkeda V għal mard kroniku.

Permezz tal-konsulent tad-dijabete tiegħu huwa applika lill-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva biex jingħata monitor tal-glucose fid-demm u t-test strips permezz tal-POYC iżda din it-talba lanqas biss ġiet acknowleged aħseb u ara kemm ġiet aċċettata.

Il-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva informa lil dan l-Uffiċċju li mill-2017 'l hawn, pazjenti bid-dijabete tat-Tip II li għażlu l-Iskeda V (Karta Safra) u iddeċidew li jirritornaw il-karta tal-Iskeda II (Karta Roża) tagħhom kienu intitolati wkoll

għal monitor tal-glucose fid-demm u t-test strips. Peress li dan il-pazjent għażel li jżomm l-Iskeda II (Karta Roża), ma kienx intitolat għal monitor tal-glucose fid-demm u t-test strips.

**Konklużjoni**

Il-monitors tal-glucose fid-demm huma utli biex jgħinu lill-pazjenti jżommu livelli normali ta' glucose fid-demm. Peress li d-dijabete tat-Tip II hija kklassifikata bħala kundizzjoni kronika, il-kura tagħha hija disponibbli mingħajr ħlas permezz tal-POYC taħt is-sistema tal-Iskeda V.

Dan l-Uffiċċju kkunsidra li peress li l-monitor tal-glucose fid-demm kien apparat utli li l-pazjent kellu bżonn, f'dan il-każ ma kienx ġust li l-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva jonqos milli jipprovdilu dan it-tagħmir. L-individwu li ressaq l-ilment kellu ż-żewġ karti iżda xorta kien qed jiġi miċħud mill-monitor tal-glucose fid-demm.

**Rakkomandazzjoni**

Il-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva ġie infurmat li din is-sitwazzjoni għandha terġa' tiġi evalwata mill-ġdid. Ġie rrakkomandat li d-dijabetiċi kollha tat-Tip II għandhom jingħataw monitors tal-glucose fid-demm u t-test strips tiegħu.

**L-eżitu**

Din ir-rakkomandazzjoni ġiet aċċettata mill-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva u ġiet ippubblikata ċirkulari fl-1 ta' Novembru 2024 li fiha ġie kkonfermat li l-pazjenti dijabetiċi li għażlu li jżommu l-iSkeda II (Roża) tagħhom iżommu l-istess drittijiet li għandhom bħalissa iżda jibbenefikaw ukoll mill-miżuri li ġew introdotti fl-2017 għal dawk li għażlu li jaqilbu għall-iSkeda V (Karta Safra).

Fil-każ ta' l-individwu li ressaq l-ilment permezz tal-POYC, ġie provdut bil-monitor tal-glucose fid-demm u t-test strips tiegħu.